**Kunsill
tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 8 ta' Ġunju 2023
(OR. en )**

**6601/23
ADD 2**

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0038 (NLE)**

**POLCOM 28
SERVICES 8
FDI 7
COASI 40**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New zealand

**ANNESS 10-A**

MIŻURI EŻISTENTI

Noti introduttivi

1. L-iskedi ta' New Zealand u tal-Unjoni jistabbilixxu, skont l-Artikolu 10.10 (Miżuri mhux konformi) jew 10.18 (Miżuri mhux ta' konferma), il-miżuri eżistenti ta' New Zealand u tal-Unjoni li ma jikkonformawx mal-obbligi imposti minn:

(a) l-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq) jew 10.14 (Aċċess għas-suq);

(b) l-Artikolu 10.6 (Trattament nazzjonali) jew 10.16 (Trattament nazzjonali);

(c) l-Artikolu 10.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) jew 10.17 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit);

(d) l-Artikolu 10.8 (Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi);

(e) l-Artikolu 10.9 (Rekwiżiti ta' prestazzjoni); jew

(f) l-Artikolu 10.15 (Preżenza lokali)

2. Ir-riżervi ta' Parti huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

3. Kull entrata tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "settur" tirreferi għas-settur ġenerali li fih issir l-entrata;

(b) "sottosettur" tirreferi għas-settur speċifiku li fih issir l-entrata;

(c) "klassifikazzjoni tal-industrija" tirreferi, fejn applikabbli, għall-attività koperta mill-entrata skont is-CPC, ISIC Rev. 3.1, jew kif deskritt espressament mod ieħor f'dik l-entrata;

(d) "obbligi kkonċernati" tispeċifika l-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 li għalih issir entrata;

(e) "livell ta' gvern" tindika l-livell ta' gvern li jżomm il-miżura elenkata;

(f) "miżuri" tidentifika l-liġi, ir-regolament jew miżura oħra li għaliha ssir l-entrata. "Miżura" ċitata fl-element "miżuri":

(i) tfisser il-miżura kif emendata, issoktata jew imġedda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(ii) tinkludi kwalunkwe miżura subordinata adottata jew miżmuma taħt l-awtorità ta' u konsistenti mal-miżura; u

(iii) fir-rigward tal-iskeda tal-Unjoni, tinkludi kwalunkwe liġi, regolament jew miżura oħra li timplimenta direttiva fil-livell tal-Istati Membri; u

(g) "deskrizzjoni" tistabbilixxi l-aspetti mhux konformi tal-miżura eżistenti li għaliha ssir l-entrata.

4. Fl-interpretazzjoni ta' entrata, għandhom jitqiesu l-elementi kollha tal-entrata. Entrata għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-obbligi rilevanti tat-Taqsimiet jew tas-Subtaqsimiet li magħhom issir l-entrata. Fil-każ ta' inkonsistenza bejn l-element tal-"miżuri" u l-elementi l-oħra ta' entrata, għandu jipprevali l-element tal-"miżuri".

5. Għall-finijiet tal-iskedi ta' New Zealand u tal-Unjoni:

(a) "ISIC Rev. 3.1" tfisser l-Istandard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbilit fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Dokumenti Statistiċi, Serje M, Nru 4, ISIC Rev. 3.1, 2002;

(b) "CPC" tfisser il-Klassifikazzjoni Proviżorja Ċentrali tal-Prodotti (Statistical Papers, Series M, No. 77, Department of International Economic and Social Affairs, Statistical Office of the United Nations, New York, 1991).

6. Għall-finijiet tal-iskedi ta' New Zealand u tal-Unjoni, entrata għal rekwiżit biex ikun hemm preżenza lokali fit-territorju tal-Unjoni jew ta' New Zealand issir mal-Artikolu 10.15 (Preżenza lokali), u mhux mal-Artikolu 10.14 (Aċċess għas-suq) jew 10.16 (Trattament nazzjonali). Barra minn hekk, tali rekwiżit ma jsirx bħala entrata mal-Artikolu 10.56 (Aċċess għall-faċilitajiet essenzjali tal-fornituri ewlenin).

7. Entrata li ssir fil-livell tal-Unjoni tapplika għal miżura tal-Unjoni, għal miżura ta' Stat Membru fil-livell ċentrali jew għal miżura ta' gvern fi Stat Membru, sakemm l-entrata ma tkunx teskludi Stat Membru. Entrata għal Stat Membru tapplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali f'dak l-Istat Membru. Għall-finijiet tal-entrati tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet peress li kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti. Għall-finijiet tal-entrati tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, livell reġjonali tal-gvern fil-Finlandja jfisser il-Gżejjer Åland. Entrata li ssir fil-livell ta' New Zealand tapplika għal miżura tal-gvern ċentrali jew ta' gvern lokali.

8. Il-lista ta' entrati f'dan l-Anness ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri ta' kwalifika, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar fejn dawn ma jikkostitwux limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq), , 10.6 (Trattament nazzjonali), 10.14 (Aċċess għas-suq), 10.15 (Preżenza lokali) jew 10.16 (Trattament nazzjonali). Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, , il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, li jiġi ssodisfat obbligu ta' servizz universali, li wieħed ikollu kwalifika rikonoxxuta f'settur regolat, li wieħed jgħaddi minn eżami speċifiku, inkluż eżami tal-lingwa, li jiġi ssodisfat rekwiżit ta' sħubija fi professjoni partikolari, bħal sħubija f'organizzazzjoni professjonali, li wieħed ikollu aġent lokali għas-servizz, jew li jkollu indirizz lokali, jew kwalunkwe rekwiżit ieħor mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma jistgħux jitwettqu f'żoni jew arji protetti. Filwaqt li mhumiex elenkati, tali miżuri jibqgħu japplikaw.

9. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li jiġi estiż għall-persuni ta' New Zealand it-trattament mogħti fi Stat Membru, fl-applikazzjoni tat-TFUE, jew kwalunkwe miżura adottata skont it-TFUE, inkluż l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri, lil:

(a) persuni fiżiċi jew residenti ta' Stat Membru ieħor; jew

(b) persuni ġuridiċi kostitwiti jew organizzati skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor jew tal-Unjoni u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni.

10. It-trattament mogħti lil persuni ġuridiċi stabbiliti minn investituri ta' Parti f'konformità mal-liġi tal-Parti l-oħra (inkluż, fil-każ tal-Unjoni, il-liġi ta' Stat Membru) u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom f'dik il-Parti l-oħra, huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni jew obbligu, konsistenti mat-Taqsima B (Liberalizzazzjoni tal-investiment) tal-Kapitolu 10 (Kummerċ fis-servizzi u l-investiment), li setgħu ġew imposti fuq tali persuna ġuridika meta ġiet stabbilita f'dik il-Parti l-oħra, u li għandhom ikomplu japplikaw.

11. L-Iskedi ta' New Zealand u l-Unjoni japplikaw biss għat-territorji ta' New Zealand u tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 1.4 (Applikazzjoni territorjali) u huma rilevanti biss fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u New Zealand. Huma ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

12. Għal aktar ċertezza, miżuri mhux diskriminatorji ma jikkostitwux limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq) jew tal-Artikolu 10.14 (Aċċess għas-suq) għal kwalunkwe miżura:

(a) li tirrikjedi s-separazzjoni tas-sjieda tal-infrastruttura mis-sjieda tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti permezz ta' dik l-infrastruttura biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta, pereżempju fl-oqsma tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni;

(b) li tirrestrinġi l-konċentrazzjoni tas-sjieda biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta;

(c) li tfittex li tiżgura l-konservazzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali u tal-ambjent, inkluża limitazzjoni fuq id-disponibbiltà, l-għadd u l-ambitu tal-konċessjonijiet mogħtija, u l-impożizzjoni ta' moratorju jew projbizzjoni;

(d) li tillimita l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija minħabba restrizzjonijiet tekniċi jew fiżiċi, pereżempju l-ispettri u l-frekwenzi tat-telekomunikazzjoni; jew

(e) li tirrikjedi li ċertu perċentwal tal-azzjonisti, sidien, soċji, jew diretturi ta' intrapriża jkunu kkwalifikati jew jipprattikaw ċerta professjoni bħal avukati jew kontabilisti.

13. Fir-rigward tas-servizzi tal-kompjuter, kwalunkwe wieħed mis-servizzi li ġejjin għandu jitqies bħala servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati, irrispettivament minn jekk jitwasslux permezz ta' network, inkluż l-Internet:

(a) konsulenza, adattament, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, tfassil, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, debugging, aġġornament, appoġġ, assistenza teknika jew ġestjoni ta' jew għall-kompjuters jew għas-sistemi tal-kompjuter;

(b) programmi tal-kompjuter definiti bħala s-settijiet ta' struzzjonijiet meħtieġa biex il-kompjuters jaħdmu u jikkomunikaw (fihom u minnhom infushom), kif ukoll konsulenza, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, disinn, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, debugging, aġġornament, adattament, manutenzjoni, appoġġ, assistenza teknika, ġestjoni jew użu ta' programmi tal-kompjuter jew għalihom;

(c) ipproċessar tad-*data*, ħżin tad-*data*, servizzi ta' hosting tad-*data* jew ta' bażi tad-*data*;

(d) servizzi ta' manutenzjoni u tiswija għal makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju, inklużi l-kompjuters; u

(e) servizzi ta' taħriġ għall-persunal tal-klijenti, relatati ma' programmi tal-kompjuter, il-kompjuters jew is-sistemi tal-kompjuter, u li mhumiex ikklassifikati band'oħra.

Għal aktar ċertezza, is-servizzi ffaċilitati mill-kompjuter u s-servizzi relatati, minbarra dawk elenkati fil-punti (a) sa (e), ma għandhomx jitqiesu bħala servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati fihom infushom.

14. Fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, b'differenza mis-sussidjarji barranin, il-fergħat stabbiliti direttament fi Stat Membru minn istituzzjoni finanzjarja mhux tal-Unjoni mhumiex, b'ċerti eċċezzjonijiet limitati, soġġetti għal regolamenti prudenzjali armonizzati fil-livell tal-Unjoni li jippermettu lil tali sussidjarji jibbenefikaw minn faċilitajiet imtejba biex jistabbilixxu stabbilimenti ġodda u jipprovdu servizzi transfruntiera madwar l-Unjoni. Għalhekk, dawn il-fergħat jirċievu awtorizzazzjoni biex joperaw fit-territorju ta' Stat Membru taħt kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk li japplikaw għall-istituzzjonijiet finanzjarji domestiċi ta' dak l-Istat Membru, u jistgħu jkunu meħtieġa jissodisfaw għadd ta' rekwiżiti prudenzjali speċifiċi bħal, fil-każ tas-servizzi bankarji u t-titoli, kapitalizzazzjoni separata u rekwiżiti oħra ta' solvenza, u rekwiżiti ta' rapportar u pubblikazzjoni tal-kontijiet jew, fil-każ tal-assigurazzjoni, rekwiżiti speċifiċi ta' garanzija u ta' depożiti, kapitalizzazzjoni separata, u l-lokalizzazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat tal-assi li jirrappreżentaw ir-riżervi tekniċi u mill-anqas terz tal-marġini ta' solvenza.

15. Fir-rigward tal-Artikolu 10.5 (Aċċess għas-suq), il-persuni ġuridiċi li jipprovdu servizzi finanzjarji u li huma kostitwiti skont il-liġijiet ta' New Zealand jew il-liġijiet tal-Unjoni jew ta' mill-anqas wieħed mill-Istati Membri, huma soġġetti għal limitazzjonijiet mhux diskriminatorji fuq il-forma legali[1].

16. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin huma użati fil-lista ta' riżervi f'dan l-Anness:

UE l-Unjoni, inklużi l-Istati Membri

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Iċ-Ċekja

DE Il-Ġermanja

[1] Pereżempju, is-soċjetajiet u l-impriżi individwali ġeneralment mhumiex forom legali aċċettabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji fi New Zealand u fl-Unjoni. Din in-nota introduttiva mhijiex fiha nnifisha maħsuba biex taffettwa, jew inkella tillimita, għażla minn istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra bejn fergħat jew sussidjarji.

DK Id-Danimarka

EE L-Estonja

EL Il-Greċja

ES Spanja

FI Il-Finlandja

FR Franza

HR Il-Kroazja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

| | |
|---|---|
| LV | Il-Latvja |
| MT | Malta |
| NL | In-Netherlands |
| PL | Il-Polonja |
| PT | Il-Portugall |
| RO | Ir-Rumanija |
| SE | L-Iżvezja |
| SI | Is-Slovenja |
| SK | Ir-Repubblika Slovakka |

Skeda tal-Unjoni

1. Riżerva Nru 1 – Is-setturi kollha

2. Riżerva Nru 2 – Is-servizzi professjonali (minbarra dawk relatati mas-saħħa)

3. Riżerva Nru 3 – Is-servizzi professjonali (relatati mas-saħħa u l-bejgħ tal-farmaċewtiċi)

4. Riżerva Nru 4 – Is-servizzi ta' riċerka u żvilupp

5. Riżerva Nru 5 – Is-servizzi tal-proprjetà immobbli

6. Riżerva Nru 6 – Is-servizzi kummerċjali

7. Riżerva Nru 7 – Is-servizzi tal-komunikazzjoni

8. Riżerva Nru 8 – Is-servizzi tal-kostruzzjoni

9. Riżerva Nru 9 – Is-servizzi tad-distribuzzjoni

10. Riżerva Nru 10 – Is-servizzi edukattivi

11. Riżerva Nru 11 – Is-servizzi ambjentali

12. Riżerva Nru 12 – Is-servizzi finanzjarji

13. Riżerva Nru 13 – Is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali

14. Riżerva Nru 14 – Is-servizzi relatati mat-turiżmu u l-ivvjaġġar

15. Riżerva Nru 15 – Is-servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi

16. Riżerva Nru 16 – Is-servizzi tat-trasport u s-servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport

17. Riżerva Nru 17 – L-estrazzjoni minerarja u l-attivitajiet relatati mal-enerġija

18. Riżerva Nru 18 – L-agrikoltura, is-sajd u l-manifattura

Riżerva Nru 1 – Is-setturi kollha

| | |
|---|---|
| Settur: | Is-setturi kollha |
| Obbligi kkonċernati: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit<br>Rekwiżiti ta' prestazzjoni<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi<br>Preżenza lokali |
| Kapitolu: | Liberalizzazzjoni tal- kummerċ fis-servizzi u l-investiment |
| Livell ta' gvern: | UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

(a) Tip ta' stabbiliment

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

L-UE: It-trattament mogħti skont it-TFUE lil persuni ġuridiċi ffurmati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni, inklużi dawk stabbiliti fl-Unjoni minn investituri ta' New Zealand, ma jingħatax lil persuni ġuridiċi stabbiliti barra mill-Unjoni, u lanqas lil fergħat jew uffiċċji rappreżentattivi ta' tali persuni ġuridiċi, inkluż lil fergħat jew uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni ġuridiċi ta' New Zealand.

Jista' jingħata trattament anqas favorevoli lil persuni ġuridiċi ffurmati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li jkollhom biss l-uffiċċju reġistrat tagħhom fl-Unjoni, sakemm ma jkunx jista' jintwera li għandhom rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija ta' wieħed mill-Istati Membri.

Miżuri:

UE: TFUE

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Din ir-riżerva tapplika biss għas-servizzi tas-saħħa, soċjali u edukattivi:

L-UE (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Kwalunkwe Stat Membru, meta jbigħ jew jiddisponi mill-interessi azzjonarji tiegħu f'intrapriża tal-Istat eżistenti jew entità governattiva eżistenti li tipprovdi servizzi tas-saħħa, soċjali jew edukattivi (CPC 93, 92) jew mill-assi tagħha, jista' jipprojbixxi jew jimponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' tali interessi jew assi, jew jirrestrinġi l-abbiltà tas-sidien ta' tali interessi u assi li jikkontrollaw kwalunkwe intrapriża li tirriżulta, fir-rigward tal-investituri ta' New Zealand jew l-intrapriżi tagħhom. Fir-rigward ta' tali bejgħ jew disponiment ieħor, kwalunkwe Stat Membru jista' jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata man-nazzjonalità tal-maniġment superjuri jew tal-membri tal-bordijiet tad-diretturi, kif ukoll kwalunkwe miżura li tillimita l-għadd ta' fornituri.

Għall-finijiet ta' din ir-riżerva:

(i) kwalunkwe miżura miżmuma jew adottata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li, fiż-żmien tal-bejgħ jew disponiment ieħor, tipprojbixxi jew timponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' interessi azzjonarji jew assi jew timponi rekwiżiti ta' nazzjonalità jew timponi limitazzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri kif deskritt f'din ir-riżerva, għandha titqies bħala miżura eżistenti; u

(ii) "intrapriża tal-Istat" tfisser intrapriża li tkun proprjetà ta' jew ikkontrollata permezz ta' interessi proprjetarji minn kwalunkwe Stat Membru u tinkludi intrapriża stabbilita wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim unikament għall-iskopijiet ta' bejgħ jew disponiment tal-interessi azzjonarji fi, jew tal-assi ta' intrapriża tal-Istat jew ta' entità governattiva eżistenti.

Miżuri:

UE: Kif stabbilit fl-element ta' deskrizzjoni kif indikat aktar 'il fuq.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fl-AT: Għall-operat ta' fergħa, il-korporazzjonijiet mhux taż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "mhux taż-ŻEE") iridu jaħtru mill-anqas persuna waħda responsabbli għar-rappreżentanza tagħha li tkun residenti fl-Awstrija.Id-diriġenti (diretturi maniġerjali, persuni fiżiċi) responsabbli għall-osservanza tal-Att dwar il-Kummerċ Awstrijak (Gewerbeordnung) iridu jkunu domiċiljati fl-Awstrija.

Fil-BG: Persuni ġuridiċi barranin, sakemm ma jkunux stabbiliti abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ŻEE"), jistgħu jwettqu negozju u jsegwu attivitajiet jekk ikunu stabbiliti fir-Repubblika tal-Bulgarija fil-forma ta' kumpanija rreġistrata fir-Reġistru Kummerċjali. L-istabbiliment ta' fergħat huwa soġġett għal awtorizzazzjoni.L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intrapriżi barranin iridu jkunu rreġistrati mal-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija Bulgara u ma jistgħux jinvolvu ruħhom f'attività ekonomika iżda huma intitolati biss li jaġixxu bħala rappreżentanti jew aġenti għas-sid tagħhom u ma jistgħux jipprovdu servizzi.

Fl-EE: Jekk ir-residenza ta' mill-anqas nofs il-membri tal-bord maniġerjali ta' kumpanija privata b'responsabbiltà limitata, kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata jew il-fergħa ta' kumpanija barranija ma tkunx fl-Estonja, fi Stat Membru ieħor taż-ŻEE jew fil-Konfederazzjoni Żvizzera, il-kumpanija privata b'responsabbiltà limitata, il-kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata jew il-fergħa tal-kumpanija barranija għandha taħtar punt ta' kuntatt li l-indirizz Estonjan tiegħu jkun jista' jintuża għall-konsenja tal-atti proċedurali tal-impriża u d-dikjarazzjonijiet ta' intenzjoni indirizzati lill-impriża (jiġifieri l-fergħa ta' kumpanija barranija).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-FI: Tal-anqas wieħed mis-soċji f'soċjetà ġenerali jew mis-soċji solidali f'soċjetà limitata jrid ikollu residenza fiż-ŻEE jew, jekk is-soċju jkun persuna ġuridika, irid ikun domiċiljat (mhumiex permessi fergħat) fiż-ŻEE. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-awtorità tar-reġistrazzjoni.

Għall-eżerċizzju ta' kummerċ bħala imprenditur privat, hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE.

Jekk organizzazzjoni barranija minn pajjiż barra miż-ŻEE jkun beħsiebha teżerċita negozju jew kummerċ billi tistabbilixxi fergħa fil-Finlandja, ikun meħtieġ permess għall-kummerċ.

Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għal mill-anqas wieħed mill-membri ordinarji u wieħed mid-deputati membri tal-bord tad-diretturi u għad-direttur maniġerjali ta' kumpanija. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet lill-kumpanija mill-awtorità tar-reġistrazzjoni.

Fl-SE: Kumpanija barranija li ma tkunx stabbiliet entità ġuridika fl-Iżvezja jew tkun qiegħda twettaq in-negozju tagħha permezz ta' aġent kummerċjali, għandha twettaq l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha permezz ta' fergħa, irreġistrata fl-Iżvezja, b'maniġment indipendenti u kontijiet separati. Id-direttur maniġerjali u l-viċi direttur maniġerjali, jekk maħtura, tal-fergħa, iridu jkunu residenti fiż-ŻEE. Persuna fiżika mhux residenti fiż-ŻEE, li twettaq operazzjonijiet kummerċjali fl-Iżvezja, għandha taħtar u tirreġistra rappreżentant residenti responsabbli għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. Għandhom jinżammu kontijiet separati għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. L-awtorità kompetenti tista' f'każijiet individwali tagħti eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-fergħa u tar-residenza. Proġetti ta' bini b'durata ta' anqas minn sena, imwettqa minn kumpanija li tinsab, jew minn persuna fiżika residenti barra miż-ŻEE, huma eżentati mir-rekwiżiti tal-istabbiliment ta' fergħa jew tal-ħatra ta' rappreżentant residenti.

Għall-kumpaniji b'responsabbiltà limitata u l-assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi, mill-anqas 50 % tal-membri ta' bord tad-diretturi, mill-anqas 50 % tal-viċi membri tal-bord, id-direttur maniġerjali, il-viċi direttur maniġerjali, u mill-anqas waħda mill-persuni awtorizzati li jiffirmaw għall-kumpanija, jekk ikun hemm, iridu jkunu residenti fiż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjonijiet minn dan ir-rekwiżit. Jekk ħadd mir-rappreżentanti tal-kumpanija jew tas-soċjetà ma jkun jirrisjedi fl-Iżvezja, il-bord irid jaħtar u jirreġistra persuna residenti fl-Iżvezja, li tkun ġiet awtorizzata li tirċievi notifiki f'isem il-kumpanija jew is-soċjetà.

Hemm kundizzjonijiet simili għall-istabbiliment tat-tipi l-oħrajn kollha ta' entitajiet ġuridiċi.

Fis-SK: Persuna fiżika barranija li isimha għandu jiġi rreġistrat fir-reġistru xieraq (reġistru kummerċjali, reġistru imprenditorjali jew reġistru professjonali ieħor) bħala persuna awtorizzata li taġixxi f'isem imprenditur hija meħtieġa tissottometti permess ta' residenza għas-Slovakkja.

Miżuri:

AT: Aktiengesetz, BGBl. Nru 98/1965, § 254 (2);

GmbH-Gesetz, RGBl. Nru 58/1906, § 107 (2); u

Gewerbeordnung, BGBl. Nru 194/1994, § 39 (2a).

BG: Il-Liġi Kummerċjali, l-Artikolu 17a; u

il-Liġi għall-Inkoraġġiment tal-Investimenti, l-Artikolu 24.

EE: Äriseadustik (Il-Kodiċi Kummerċjali) § 631 (1, 2 u 4).

FI: Laki elinkeinon harjoittamisen oikeudesta (l-Att dwar id-Dritt ta' Twettiq ta' Negozju) (122/1919), s. 1;

Osuuskuntalaki (l-Att dwar il-Kooperattivi) 1488/2001;

Osakeyhtiölaki (l-Att dwar il-Kumpaniji b'Responsabbiltà Limitata) (624/2006); u

Laki luottolaitostoiminnasta (l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) (121/2007).

SE: Lag om utländska filialer m.m (l-Att dwar il-Fergħat ta' Uffiċċji Barranin) (1992:160);

Aktiebolagslagen (l-Att dwar il-Kumpaniji) (2005:551);

L-Att dwar l-Assoċjazzjonijiet Ekonomiċi tal-Kooperattivi (2018:672); u l-Att dwar il-Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku (1994:1927).

SK: L-Att 513/1991 dwar il-Kodiċi Kummerċjali (l-Artikolu 21); l-Att 455/1991 dwar il-Liċenzjar tal-Kummerċ; u l-Att Nru 404/2011 dwar ir-Residenza ta' Stranġieri (l-Artikoli 22 u 32).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Rekwiżiti ta' prestazzjoni:

Fil-BG: Intrapriżi stabbiliti jistgħu jimpjegaw nazzjonali ta' pajjiżi terzi biss għal pożizzjonijiet li għalihom ma hemm l-ebda rekwiżit għal nazzjonalità Bulgara. L-għadd totali ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi impjegati minn impriża stabbilita fuq perjodu tat-12-il xahar preċedenti ma jridx jaqbeż l-20 % (35 % għall-SMEs) tal-għadd medju ta' nazzjonali Bulgari, nazzjonali ta' Stati Membri oħra, ta' Stati partijiet għall-Ftehim dwar iż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera impjegati b'kuntratt ta' impjieg. Barra minn hekk, l-impjegatur irid juri li ma jkun hemm l-ebda ħaddiem Bulgaru, tal-UE, taż-ŻEE jew Żvizzeru xieraq għall-pożizzjoni rispettiva billi jwettaq test tas-suq tax-xogħol qabel ma jimpjega nazzjonal ta' pajjiż terz.

Fil-każ ta' ħaddiema bi kwalifiki għoljin, staġjonali u stazzjonati, kif ukoll għal ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali, riċerkaturi u studenti, ma hemm l-ebda limitu fuq l-għadd ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jaħdmu għal intrapriża waħda. Għall-impjieg ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi f'dawn il-kategoriji, ma huwa meħtieġ l-ebda test tas-suq tax-xogħol.

Miżuri:

BG: L-Att dwar il-Migrazzjoni tal-Ħaddiema u dwar il-Mobilità tal-Ħaddiema.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-PL: L-ambitu tal-operazzjonijiet ta’ uffiċċju rappreżentattiv jista’ jinkludi biss ir-reklamar u l-promozzjoni tal-kumpanija omm barranija rappreżentata mill-uffiċċju. Għas-setturi kollha ħlief is-servizzi legali, l-istabbiliment minn investituri mhux tal-Unjoni u l-impriżi tagħhom jista’ jkun biss fil-forma ta’ soċjetà limitata, soċjetà b’ishma konġunti limitata, kumpanija b’responsabbiltà limitata, u kumpanija b’ishma konġunti, filwaqt li l-investituri u l-impriżi domestiċi għandhom aċċess ukoll għall-forom ta’ kumpaniji ta’ soċjetajiet mhux kummerċjali (soċjetà ġenerali u soċjetà b’responsabbiltà illimitata).

Miżuri:

PL:
L-Att tas-6 ta’ Marzu 2018 dwar ir-regoli li jirrigwardaw l-attività ekonomika ta’ imprendituri barranin u persuni barranin oħra fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja.

(b) Akkwist ta’ proprjetà immobbli

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fl-AT (tapplika għall-gvern f’livell reġjonali): L-akkwist, ix-xiri u l-kiri jew il-lokazzjoni ta’ proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u intrapriżi mhux tal-Unjoni jeħtieġu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet reġjonali kompetenti (Länder). L-awtorizzazzjoni tingħata biss jekk l-akkwist jitqies li jkun fl-interess pubbliku (b’mod partikolari dak ekonomiku, soċjali u kulturali).

F’CY: Iċ-Ċiprijotti jew persuni ta’ oriġini Ċiprijotta, kif ukoll in-nazzjonali ta’ Stat Membru, jistgħu jakkwistaw kwalunkwe proprjetà f’Ċipru mingħajr restrizzjonijiet. Barrani ma jista’ jakkwista, barra minn *mortis causa*, l-ebda proprjetà immobbli mingħajr ma jikseb permess mill-Kunsill tal-Ministri. Għall-barranin, fejn l-akkwist ta’ proprjetà immobbli jaqbeż il-limitu meħtieġ għall-istabbiliment ta’ bini għal dar jew saqaf professjonali, jew inkella jaqbeż il-limitu ta’ żewġ donums (2 676 metru kwadru), kwalunkwe permess mogħti mill-Kunsill tal-Ministri għandu jkun soġġett għal tali termini, limitazzjonijiet, kundizzjonijiet u kriterji li huma stabbiliti mir-Regolamenti magħmula mill-Kunsill tal-Ministri u approvati mill-Parlament. Barrani huwa kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadina tar-Repubblika ta’ Ċipru, inkluża kumpanija kkontrollata mill-barranin. It-terminu ma jinkludix barranin ta’ oriġini Ċiprijotta jew konjuġi mhux Ċiprijotti ta’ ċittadini tar-Repubblika ta’ Ċipru.

Fiċ-CZ: Japplikaw regoli speċifiċi għal art agrikola li hija proprjetà tal-gvern. L-art agrikola tal-Istat tista' tiġi akkwistata biss minn nazzjonali Ċeki, nazzjonali ta' Stat Membru ieħor, jew ta' Stati partijiet għall-Ftehim dwar iż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera. Persuni ġuridiċi jistgħu jakkwistaw art agrikola tal-Istat mill-Istat biss jekk ikunu imprendituri agrikoli fiċ-Ċekja jew persuni bi status simili fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, jew Stati li jkunu partijiet għall-Ftehim dwar iż-ŻEE jew il-Konfederazzjoni Żvizzera.

Fid-DK: Persuni fiżiċi li ma jkunux residenti fid-Danimarka, u li qabel ma kinux residenti fid-Danimarka għal perjodu totali ta' ħames snin iridu, f'konformità mal-Att Daniż dwar l-Akkwisti, jiksbu permess mill-Ministeru tal-Ġustizzja biex jiksbu titolu għal proprjetà immobbli fid-Danimarka. Dan japplika wkoll għall-persuni ġuridiċi li ma jkunux irreġistrati fid-Danimarka. Għall-persuni fiżiċi, l-akkwist ta' proprjetà immobbli jkun permess jekk l-applikant ikun se juża l-proprjetà immobbli bħala r-residenza primarja tiegħu.

Għall-persuni ġuridiċi li ma jkunux irreġistrati fid-Danimarka, l-akkwist ta' proprjetà immobbli b'mod ġenerali jkun permess, jekk l-akkwist ikun prerekwiżit għall-attivitajiet kummerċjali tal-akkwirent. Huwa meħtieġ permess ukoll jekk l-applikant ikun se juża l-proprjetà immobbli bħala abitazzjoni sekondarja. Tali permess jingħata biss jekk, wara valutazzjoni ġenerali u konkreta, l-applikant jitqies li għandu rabtiet partikolarment b'saħħithom mad-Danimarka.

Il-permess skont l-Att dwar l-Akkwisti jingħata biss għall-akkwist ta' proprjetà immobbli speċifika. Barra minn hekk, l-akkwist ta' art agrikola huwa rregolat ukoll mill-Att Daniż dwar l-Azjendi Agrikoli, li jimponi restrizzjonijiet fuq il-persuni kollha, Daniżi jew barranin, meta jakkwistaw proprjetà agrikola. Għalhekk, kwalunkwe persuna li tkun tixtieq takkwista proprjetà immobbli agrikola, trid tissodisfa r-rekwiżiti f'dak l-Att. Dan ġeneralment ifisser li japplika rekwiżit ta' residenza limitat fuq l-azjenda agrikola. Ir-rekwiżit ta' residenza mhuwiex personali. L-entitajiet ġuridiċi jridu jkunu tat-tipi elenkati fl-Artikoli 20 u 21 tal-Att dwar l-Azjendi Agrikoli u jridu jkunu rreġistrati fl-Unjoni jew fiż-ŻEE.

Fl-EE: Persuna ġuridika minn Pajjiż membru tal-OECD għandha d-dritt li takkwista proprjetà immobbli li jkun fiha:

(i) anqas minn 10 ettari ta' art agrikola, art forestali jew art agrikola u forestali b'kollox mingħajr restrizzjonijiet;

(ii) 10 ettari jew aktar ta' art agrikola jekk il-persuna ġuridika kienet involuta, għal tliet snin immedjatament qabel is-sena li fiha ssir it-tranżazzjoni tal-akkwist ta' proprjetà immobbli, fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE, ħlief prodotti tas-sajd u qoton (minn hawn 'il quddiem imsejħa "prodotti agrikoli");

(iii) 10 ettari jew aktar ta' art forestali jekk il-persuna ġuridika kienet involuta, għal tliet snin immedjatament qabel is-sena li fiha ssir it-tranżazzjoni tal-akkwist ta' proprjetà immobbli, fil-ġestjoni tal-foresti skont it-tifsira tal-Att dwar il-Foresti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ġestjoni tal-foresti") jew il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli; u

(iv) anqas minn 10 ettari ta' art agrikola u anqas minn 10 ettari ta' art forestali, iżda 10 ettari jew aktar ta' art agrikola u forestali b'kollox, jekk il-persuna ġuridika kienet involuta, għal tliet snin immedjatament qabel is-sena li fiha ssir it-tranżazzjoni tal-akkwist ta' proprjetà immobbli, fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli jew fil-ġestjoni tal-foresti.

Jekk persuna ġuridika ma tissodisfax ir-rekwiżiti fil-punti (ii) sa (iv), il-persuna ġuridika tista' takkwista proprjetà immobbli li jkun fiha 10 ettari jew aktar ta' art agrikola, art forestali jew art agrikola u forestali b'kollox biss bl-awtorizzazzjoni tal-kunsill tal-gvern lokali tal-post fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli li għandha tiġi akkwistata.

Japplikaw restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' proprjetà immobbli f'ċerti żoni ġeografiċi għal nazzjonali mhux taż-ŻEE.

Fil-EL: L-akkwist jew il-kiri ta' proprjetà immobbli fir-reġjuni tal-fruntiera huwa pprojbit għal persuni li n-nazzjonalità jew il-bażi tagħhom tkun barra mill-Istati Membri u mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles. Il-projbizzjoni tista' titneħħa b'deċiżjoni diskrezzjonali meħuda minn kumitat tal-Amministrazzjoni Deċentralizzata xierqa (jew il-Ministru tad-Difiża Nazzjonali f'każ li l-proprjetajiet li għandhom jiġu sfruttati jappartjenu lill-Fond għall-Isfruttament ta' Proprjetà Pubblika Privata).

Fil-HR: Kumpaniji barranin jitħallew biss jakkwistaw proprjetà immobbli għall-forniment ta' servizzi jekk ikunu stabbiliti u inkorporati fil-Kroazja bħala persuni ġuridiċi. L-akkwist ta' proprjetà immobbli meħtieġa għall-forniment ta' servizzi minn fergħat jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Art agrikola ma tistax tiġi akkwistata minn barranin.

F'MT: In-nonnazzjonali ta' Stat Membru ma jistgħux jakkwistaw proprjetà immobbli għal skopijiet kummerċjali. Kumpaniji b'25 % (jew aktar) ta' parteċipazzjoni azzjonarja mhux tal-Unjoni jridu jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti (il-Ministru responsabbli għall-Finanzi) biex jixtru proprjetà immobbli għal skopijiet kummerċjali jew professjonali. L-awtorità kompetenti tistabbilixxi jekk l-akkwist propost jirrappreżentax benefiċċju nett għall-ekonomija Maltija.

Fil-PL: L-akkwist ta' proprjetà immobbli, diretta u indiretta, mill-barranin jeħtieġ permess. Permess jinħareġ permezz ta' deċiżjoni amministrattiva minn ministru kompetenti fl-affarijiet interni, bil-kunsens tal-Ministru tad-Difiża Nazzjonali, u fil-każ ta' proprjetà immobbli agrikola, anke bil-kunsens tal-Ministru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.

Miżuri:

AT: Burgenländisches Grundverkehrsgesetz, LGBl. Nru 25/2007;

Kärntner Grundverkehrsgesetz, LGBl. Nru 9/2004;

NÖ- Grundverkehrsgesetz, LGBl. 6800;

OÖ- Grundverkehrsgesetz, LGBl. Nru 88/1994;

Salzburger Grundverkehrsgesetz, LGBl. Nru 9/2002;

Steiermärkisches Grundverkehrsgesetz, LGBl. Nru 134/1993;

Tiroler Grundverkehrsgesetz, LGBL. Nru 61/1996; Voralberger Grundverkehrsgesetz, LGBl. Nru 42/2004; u

Wiener Ausländergrundverkehrsgesetz, LGBl. Nru 11/1998.

CY: Il-Liġi dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli (Persuni Barranin) (il-Kapitolu 109), kif emendata.

CZ: L-Att Nru 503/2012, Coll. dwar l-Uffiċċju tal-Artijiet tal-Istat, kif emendat.

DK: L-Att Daniż dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli (l-Att ta' Konsolidazzjoni Nru 265 tal-21 ta' Marzu 2014 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli);

L-Ordni Eżekuttiva dwar l-Akkwisti (l-Ordni Eżekuttiva Nru 764 tat-18 ta' Settembru 1995); u

l-Att dwar l-Azjendi Agrikoli (l-Att ta' Konsolidazzjoni Nru 27 tal-4 ta' Jannar 2017).

EE: Kinnisasja omandamise kitsendamise seadus (l-Att dwar ir-Restrizzjonijiet fuq l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli) il-Kapitolu 2 § 4, il-Kapitolu 3§ 10, 2017.

EL: Il-Liġi 1892/1990, kif inhi llum, flimkien ma'd-deċiżjoni ministerjali F.110/3/330340/S.120/7-4-14 tal-Ministru tad-Difiża Nazzjonali u l-Ministru għall-Protezzjoni taċ-Ċittadini, sa fejn għandha x'taqsam l-applikazzjoni.

HR: L-Att dwar is-Sjieda u Drittijiet Proprjetarji oħra (OG 91/96, 68/98, 137/99, 22/00, 73/00, 129/00, 114/01, 79/06, 141/06, 146/08, 38/09, 143/12, 152/14), l-Artikoli 354 sa 358.b);

l-Att dwar l-Art Agrikola (OG 20/18, 115/18, 98/19), l-Artikolu 2; kif ukoll

l-Att dwar il-Proċedura Amministrattiva Ġenerali.

HU: Digriet tal-Gvern Nru. 251/2014 (X. 2.) dwar l-Akkwist minn Nazzjonali Barranin ta' Proprjetà Immobbli minbarra Art Użata għal Skopijiet Agrikoli jew ta' Forestrija; kif ukoll

l-Att LXXVIII tal-1993 (il-Paragrafu 1/A).

MT: L-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti (Kap. 246); u l-Protokoll Nru 6 tat-Trattat ta' Adeżjoni fl-UE dwar l-akkwist ta' residenzi sekondarji f'Malta.

PL: Il-Liġi tal-24 ta' Marzu 1920 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Barranin (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2016, il-punt 1061 kif emendat).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-HU: Ix-xiri ta' proprjetà immobbli minn persuni mhux residenti huwa soġġett għall-kisba ta' awtorizzazzjoni mill-awtorità amministrattiva xierqa responsabbli mill-pożizzjoni ġeografika tal-proprjetà.

Miżuri:

HU: Digriet tal-Gvern Nru. 251/2014 (X. 2.) dwar l-Akkwist minn Nazzjonali Barranin ta' Proprjetà Immobbli minbarra Art Użata għal Skopijiet Agrikoli jew ta' Forestrija; kif ukoll

l-Att LXXVIII tal-1993 (il-Paragrafu 1/A).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-LV: L-akkwist ta' art urbana minn nazzjonali ta' New Zealand huwa permess permezz ta' persuni ġuridiċi rreġistrati fil-Latvja jew fi Stati Membri oħra:

(i) jekk aktar minn 50 % tal-kapital ta' ekwità tagħhom jappartjeni lil nazzjonali tal-Istati Membri, lill-Gvern Latvjan jew lil muniċipalità, separatament jew flimkien;

(ii) jekk aktar minn 50 % tal-kapital ta' ekwità tagħhom jappartjeni lil persuni fiżiċi u kumpaniji ta' pajjiż terz li miegħu l-Latvja tkun ikkonkludiet ftehim bilaterali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka ta' investimenti u li jkun ġie approvat mill-Parlament Latvjan qabel il-31 ta' Diċembru 1996;

(iii) jekk aktar minn 50 % tal-kapital ta' ekwità tagħhom jappartjeni lil persuni fiżiċi u kumpaniji ta' pajjiż terz li miegħu l-Latvja tkun ikkonkludiet ftehim bilaterali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka ta' investimenti wara l-31 ta' Diċembru 1996, jekk f'dak il-ftehim ikunu ġew iddeterminati d-drittijiet ta' persuni fiżiċi u kumpaniji Latvjani dwar l-akkwist ta' art fil-pajjiż terz rispettiv;

(iv) jekk aktar minn 50 % tal-kapital ta' ekwità tagħhom jappartjeni b'mod konġunt lil persuni msemmija fil-punti (i) sa (iii); jew

(v) li jkunu kumpaniji pubbliċi b'ishma konġunti, jekk l-ishma tagħhom ikunu kkwotati fil-borża.

Fejn New Zealand tippermetti nazzjonali u intrapriżi Latvjani jixtru proprjetà immobbli urbana fit-territorju tagħha, il-Latvja se tippermetti ċittadini u intrapriżi ta' New Zealand jixtru proprjetà immobbli urbana fil-Latvja bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini Latvjani.

Miżuri:

LV: Il-Liġi dwar ir-riforma tal-art fil-bliet tar-Repubblika tal-Latvja, l-Artikoli 20 u 21.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-DE: Jistgħu japplikaw ċerti kundizzjonijiet ta' reċiproċità għall-akkwist ta' proprjetà immobbli.

Fi ES: L-investiment barrani f'attivitajiet relatati direttament ma' investimenti ta' proprjetà immobbli għal missjonijiet diplomatiċi minn Stati li mhumiex Stati Membri jeħtieġ awtorizzazzjoni amministrattiva mill-Kunsill tal-Ministri Spanjol, sakemm ma jkunx hemm fis-seħħ ftehim reċiproku ta' liberalizzazzjoni.

Fir-RO: Persuni ta' nazzjonalità barranija, persuni apolidi u persuni ġuridiċi (għajr nazzjonali u persuni ġuridiċi ta' Stat Membru taż-ŻEE) jistgħu jiksbu drittijiet ta' proprjetà fuq art, skont il-kondizzjonijiet irregolati bi trattati internazzjonali, abbażi ta' reċiproċità. Persuni ta' nazzjonalità barranija, persuni apolidi u persuni ġuridiċi ma jistgħux jiksbu drittijiet ta' proprjetà fuq art b'kundizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk applikabbli għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Unjoni.

Miżuri:

DE: Einführungsgesetz zum Bürgerlichen Gesetzbuch (EGBGB); Il-Liġi Introduttorja għall-Kodiċi Ċivili.

ES: Id-Digriet Irjali 664/1999 tat-23 ta' April 1999 dwar l-investiment barrani.

RO: Il-Liġi 17/2014 dwar xi miżuri li jirregolaw il-bejgħ u x-xiri ta' art agrikola li tinsab barra mill-belt u li temenda; kif ukoll

Il-Liġi Nru 268/2001 dwar il-privatizzazzjoni ta' kumpaniji li jippossiedu art fi sjieda pubblika u ġestjoni privata tal-Istat għall-agrikoltura u li tistabbilixxi l-Aġenzija għad-Dominji tal-Istat, bl-emendi sussegwenti.

Riżerva Nru 2 – Is-servizzi professjonali (ħlief dawk relatati mas-saħħa)

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi professjonali – legali; aġent tal-privattivi, aġent tal-proprjetà industrijali, avukat tal-proprjetà intellettwali; kontabilità u żamma tal-kotba; awditjar; konsulenza dwar it-tassazzjoni; arkitettura u ppjanar urban; inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata. |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | CPC 861, 862, 863, 8671, 8672, 8673, 8674, parti minn 879 |
| Obbligi kkonċernati: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi<br>Preżenza lokali |
| Kapitolu: | Liberalizzazzjoni tal-kummerċ fis-servizzi u l-investiment |
| Livell ta' gvern: | UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

(a) Servizzi legali (parti minn CPC 861)[1]

Għal aktar ċertezza, b'mod konsistenti man-Noti introduttivi, b'mod partikolari r-rekwiżiti tal-paragrafu 8 għar-reġistrazzjoni ma' Kamra tal-Avukati jistgħu jinkludu rekwiżit li wieħed ikun kiseb lawrja fil-liġi fil-pajjiż ospitanti jew l-ekwivalenti tagħha, jew li jkun lesta xi taħriġ taħt is-superviżjoni ta' avukat liċenzjat, jew li jkollu uffiċċju jew indirizz postali fil-ġuriżdizzjoni ta' Kamra tal-Avukati speċifika sabiex ikun eliġibbli li japplika għal sħubija f'dik il-Kamra tal-Avukati. Xi Stati Membri jistgħu jimponu rekwiżit tad-dritt ta' prattika tal-liġi tal-ġuriżdizzjoni ospitanti fuq persuni fiżiċi li jkollhom ċerti pożizzjonijiet fi ħdan ditta legali, kumpanija, impriża jew għall-azzjonisti.

1 Għall-finijiet ta' din ir-riżerva:
(a) "liġi domestika" tfisser il-liġi tal-Istat Membru speċifiku u d-dritt tal-Unjoni;
(b) "dritt internazzjonali pubbliku" teskludi d-dritt tal-Unjoni u tinkludi l-liġi stabbilita minn trattati u konvenzjonijiet internazzjonali, kif ukoll id-dritt internazzjonali konswetudinarju;
(c) "konsulenza legali" tinkludi l-għoti ta' pariri lill-klijenti u konsultazzjoni magħhom fi kwistjonijiet, inklużi tranżazzjonijiet, relazzjonijiet u tilwim, li jinvolvu l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tal-liġi; il-parteċipazzjoni ma' klijenti jew f'isimhom f'negozjati u f'relazzjonijiet oħra ma' partijiet terzi f'tali kwistjonijiet; u t-tħejjija ta' dokumenti rregolati kompletament jew parzjalment mil-liġi; u l-verifika ta' kwalunkwe tip ta' dokumenti għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-liġi u f'konformità magħhom;
(d) "rappreżentanza legali" tinkludi t-tħejjija ta' dokumenti maħsuba biex jiġu ppreżentati lill-aġenziji amministrattivi, lill-qrati jew lil tribunali uffiċjali oħra debitament kostitwiti; u dehriet quddiem aġenziji amministrattivi, il-qrati jew tribunali uffiċjali oħra debitament kostitwiti; kif ukoll
(e) "arbitraġġ legali, konċiljazzjoni u medjazzjoni" tfisser it-tħejjija ta' dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati lil arbitru, konċiljatur jew medjatur, kif ukoll id-dehra quddiemu u t-tħejjija għaliha, fi kwalunkwe tilwima li tinvolvi l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-liġi. Dan ma jinkludix is-servizzi ta' arbitraġġ, konċiljazzjoni u medjazzjoni f'tilwim li ma jinvolvix l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-liġi, li jaqgħu taħt is-servizzi inċidentali għall-konsultazzjoni maniġerjali. Lanqas ma jinkludi li wieħed jaġixxi bħala arbitru, konċiljatur jew medjatur. Bħala subkategorija, is-servizzi ta' arbitraġġ, konċiljazzjoni jew medjazzjoni legali internazzjonali jirreferu għall-istess servizzi meta t-tilwima tkun tinvolvi partijiet minn żewġ pajjiżi jew aktar.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fl-UE: Rekwiżiti speċifiċi mhux diskriminatorji dwar il-forma legali japplikaw f'kull Stat Membru.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-UE: Ir-rappreżentanza legali ta' persuni quddiem l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "EUIPO") tista' ssir biss minn prattikant legali kkwalifikat f'wieħed mill-Istati Membri taż-ŻEE u li jkollu l-post tan-negozju tiegħu fiż-ŻEE, sa fejn dawn ikunu intitolati, f'dak l-Istat Membru, li jaġixxu bħala rappreżentant fi kwistjonijiet ta' trademarks jew fi kwistjonijiet ta' proprjetà industrijali u minn rappreżentanti professjonali li isimhom tidher fil-lista miżmuma għal dan il-għan mill-EUIPO. (Parti minn CPC 861).

Fl-AT: Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE jew dik Żvizzera kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Avukati ta' nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera biss jistgħu jipprovdu servizzi legali permezz ta' preżenza kummerċjali. Il-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi tal-pajjiż ta' oriġini hija permessa biss fuq bażi transfruntiera. Il-parteċipazzjoni fl-ekwità u l-ishma fir-riżultat operattiv ta' kwalunkwe ditta legali minn avukati barranin (li jridu jkunu kkwalifikati b'mod sħiħ fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom) huma permessi sa 25 %; il-bqija jridu jinżammu minn avukati taż-ŻEE jew Żvizzeri kwalifikati b'mod sħiħ u dawn tal-aħħar biss jistgħu jeżerċitaw influwenza deċiżiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet tad-ditta legali.

Fil-BE (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Ir-residenza hija meħtieġa għall-ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati, u hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika Belġjana, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Ir-rekwiżit ta' residenza biex avukat barrani jikseb ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati huwa ta' mill-anqas sitt snin mid-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, jew tliet snin taħt ċerti kundizzjonijiet. Hija meħtieġa r-reċiproċità.

Avukat barrani jista' jipprattika bħala konsulent legali. Avukat li jkun membru ta' Kamra tal-Avukati barranija (mhux tal-Unjoni) u li jkun jixtieq jistabbilixxi ruħu fil-Belġju iżda li ma jkunx jissodisfa l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni fit-Tableau tal-avukati kwalifikati b'mod sħiħ, fil-lista tal-UE jew fil-Lista ta' Avukati Trainees, jista' jitlob ir-reġistrazzjoni fl-hekk imsejħa "Lista B". Lista B teżisti biss fil-Kamra tal-Avukati ta' Brussell. Avukat fuq il-lista B jista' jagħti pariri. Ir-rappreżentanza quddiem il-"Cour de Cassation" hija soġġetta għal nominazzjoni fuq lista speċifika.

Fil-BG (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Riżervat għal nazzjonali ta' Stat Membru, ta' Stat ieħor parti għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera, li jkunu ngħataw awtorizzazzjoni biex jeżerċitaw il-professjoni ta' avukat skont il-leġiżlazzjoni ta' kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi msemmija hawn fuq. Nazzjonal barrani (ħlief għal dawk imsemmija hawn fuq) li jkun ġie awtorizzat biex jeżerċita l-professjoni ta' avukat f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' pajjiżu, jista' jidher quddiem korpi ġudizzjarji tar-Repubblika tal-Bulgarija bħala avukat difensur jew mandatarju ta' nazzjonal ta' pajjiżu, li jaġixxi fuq każ speċifiku, flimkien ma' avukat Bulgaru, f'każijiet fejn dan ikun ġie previst fi ftehim bejn l-Istat Bulgaru u l-Istat barrani rispettiv, jew fuq il-bażi ta' reċiproċità, billi jagħmel talba preliminari għal dan il-għan lill-President tal-Kunsill Suprem tal-Avukatura. Pajjiż li fir-rigward tiegħu teżisti r-reċiproċità għandu jinħatar mill-Ministru tal-Ġustizzja, fuq talba tal-President tal-Kunsill Suprem tal-Avukatura. Sabiex jipprovdi medjazzjoni legali, nazzjonal barrani jrid ikollu permess għal residenza fit-tul jew permanenti fir-Repubblika tal-Bulgarija u jkun iddaħħal fir-Reġistru Uniformi tal-Medjaturi mal-Ministru tal-Ġustizzja. Fil-Bulgarija, it-trattament nazzjonali sħiħ fir-rigward tal-istabbiliment u l-operat tal-kumpaniji, kif ukoll fir-rigward tal-forniment ta' servizzi, jista' jiġi estiż biss għal kumpaniji stabbiliti fi, u ċittadini ta', pajjiżi li magħhom ikun ġie konkluż jew ikun se jiġi konkluż ftehim bilaterali dwar assistenza legali reċiproka.

F'CY: Hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali). Huma biss l-avukati rreġistrati fil-Kamra tal-Avukati li jistgħu jkunu soċji jew azzjonisti jew membri tal-bord tad-diretturi f'kumpanija legali f'Ċipru.

Fiċ-CZ: Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati. Għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni u ta' Stat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati, hija meħtieġa ċ-ċittadinanza taż-ŻEE jew dik Żvizzera. Għas-servizzi legali kollha, hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali).

Fil-DE: Avukati bi kwalifika taż-ŻEE jew Żvizzera biss jistgħu jiġu ammessi fil-Kamra tal-Avukati u b'hekk ikunu intitolati li jipprovdu servizz legali fir-rigward tal-liġi domestika. Hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-assoċjazzjoni kompetenti tal-avukatura.

Għall-avukati barranin (bi kwalifika li mhijiex taż-ŻEE u Żvizzera) jista' jkun hemm restrizzjonijiet għaż-żamma ta' ishma ta' ditta legali li tipprovdi servizzi legali fil-liġi domestika. Avukati jew ditti legali barranin jistgħu joffru servizzi legali fid-dritt barrani u fid-dritt internazzjonali pubbliku jekk jagħtu prova ta' għarfien espert.

Kumpanija professjonali tista' ssir azzjonista biss f'ditta legali Ġermaniża jekk tiġi ammessa fil-Kamra tal-Avukati Ġermaniża u tieħu waħda mill-forom legali elenkati fl-Artikolu 59b tal-Att Federali dwar l-Avukati. Azzjonist irid jipparteċipa attivament fid-ditta legali. Fergħat ta' ditti legali barranin jistgħu jipprovdu servizzi legali jekk ikunu ġew ammessi fil-Kamra tal-Avukati. L-ammissjoni fil-Kamra tal-Avukati teħtieġ kwalifika tal-azzjonisti bħala avukati jew avukati tal-privattivi fi stat fejn il-professjoni legali korrispondenti tkun rikonoxxuta b'regolament tal-Ministeru tal-Ġustizzja Ġermaniż bħala li għandha edukazzjoni u status professjonali komparabbli (it-Taqsima 206 tal-Att Federali dwar l-Avukati u t-Taqsima 157 tal-Att Federali dwar l-Avukati tal-Privattivi). Il-fergħa jrid ikollha ġestjoni separata b'setgħa ta' aġenzija fil-Ġermanja u mill-anqas maniġer wieħed tal-fergħa bi prokura jrid jiġi ammess fil-Kamra tal-Avukati Ġermaniża.

Fid-DK: Is-servizzi legali pprovduti taħt it-titolu "advokat" (avukat) jew kwalunkwe titolu simili, kif ukoll ir-rappreżentanza quddiem il-qrati, huma riżervati għal avukati b'liċenzja Daniża biex jipprattikaw. L-avukati tal-UE, taż-ŻEE u tal-Iżvizzera jistgħu jipprattikaw bit-titolu tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

Mingħajr preġudizzju għar-riżerva tal-UE ta' hawn fuq, l-ishma ta' ditta legali jistgħu jkunu proprjetà biss ta' avukati li jipprattikaw attivament il-liġi fid-ditta, il-kumpanija omm tagħha jew il-kumpanija sussidjarja tagħha; impjegati oħra fid-ditta; jew ditta legali oħra rreġistrata fid-Danimarka. Impjegati oħra fid-ditta jista' kollettivament ikollhom biss anqas minn 10 % tal-ishma u tad-drittijiet tal-vot, u sabiex ikunu azzjonisti jridu jgħaddu minn eżami dwar ir-regoli ta' importanza partikolari għall-prattika tal-liġi.

Huma biss dawk l-avukati li jipprattikaw attivament il-liġi f'ditta legali, fil-kumpanija omm tagħha jew fil-kumpanija sussidjarja tagħha, kif ukoll azzjonisti oħra, u rappreżentanti tal-impjegati, li jistgħu jkunu membri tal-bord ta' ditta. Il-maġġoranza tal-membri tal-bord iridu jkunu avukati li jipprattikaw attivament il-liġi fid-ditta, fil-kumpanija omm tagħha jew fil-kumpanija sussidjarja tagħha. Huma biss dawk l-avukati li jipprattikaw attivament il-liġi fid-ditta, fil-kumpanija omm tagħha jew fil-kumpanija sussidjarja tagħha, u azzjonisti oħra li jkunu għaddew mill-eżami msemmi aktar 'il fuq, li jistgħu jkunu direttur tad-ditta legali.

Fl-EE: Ir-residenza (preżenza kummerċjali) hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni u tal-Istat Membru), u għall-parteċipazzjoni fir-rappreżentanza ta' proċedimenti kriminali quddiem il-Qorti Suprema.

Fil-EL: Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Fi ES: Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjonijiet min-nazzjonalità. Huwa meħtieġ indirizz tan-negozju sabiex jiġi pprovdut kwalunkwe servizz legali.

Fil-FI: Hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera kif ukoll sħubija fil-Kamra tal-Avukati sabiex wieħed juża t-titolu professjonali ta' "avukat" (bil-Finlandiż "asianajaja" jew bl-Iżvediż "advokat"). Is-servizzi legali, inkluż fir-rigward tal-liġi domestika Finlandiża, jistgħu jiġu pprovduti wkoll minn membri mhux tal-Kamra tal-Avukati.

Fi FR: Ir-residenza jew l-istabbiliment fiż-ŻEE huma meħtieġa għall-ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati, li hija meħtieġa għall-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Ir-rappreżentanza quddiem il-"Cour de Cassation" u l-"Conseil d'Etat" hija soġġetta għal kwoti u hija riżervata għal nazzjonali Franċiżi u tal-UE. Il-membri tal-Kamra tal-Avukati fi New Zealand jistgħu jirreġistraw bħala konsulent legali barrani fi Franza biex joffru ċerti servizzi legali fi Franza fuq bażi temporanja jew permanenti, fir-rigward tal-liġi ta' New Zealand u d-dritt internazzjonali pubbliku. Huwa meħtieġ indirizz tan-negozju fil-ġuriżdizzjoni tal-Kamra tal-Avukati Franċiża jew reġistrazzjoni jew stabbiliment fiż-ŻEE biex wieħed jipprattika fuq bażi permanenti.

Fil-HR: Hija meħtieġa n-nazzjonalità tal-Unjoni sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Fi proċedimenti li jinvolvu d-dritt internazzjonali pubbliku, il-partijiet jistgħu jkunu rappreżentati quddiem il-qrati tal-arbitraġġ u qrati *ad hoc* minn avukat barrani li jkun membru tal-assoċjazzjoni tal-avukatura tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Huwa biss avukat li jkollu t-titolu Kroat ta' avukat li jista' jistabbilixxi ditta legali (id-ditti ta' New Zealand jistgħu jistabbilixxu fergħa, li ma tistax timpjega avukati Kroati).

Fl-HU: L-ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati hija soġġetta għan-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera u r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Avukati barranin jistgħu jipprovdu pariri legali dwar il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini u d-dritt internazzjonali pubbliku bi sħubija ma' avukat Ungeriż jew ditta legali Ungeriża. Huwa meħtieġ kuntratt ta' kooperazzjoni konkluż ma' avukat Ungeriż (ügyvéd) jew ditta legali (ügyvédi iroda) Ungeriża. Konsulent legali barrani ma jistax ikun membru ta' ditta legali Ungeriża. Avukat barrani mhuwiex awtorizzat għat-tħejjija ta' dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati lil arbitru, konċiljatur jew medjatur, jew biex jaġixxi bħala r-rappreżentant legali tal-klijent quddiemhom, fi kwalunkwe tilwima.

Fil-LT (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jipprattikaw bħala avukati fil-qorti biss f'konformità ma' ftehimiet internazzjonali, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Fil-LU (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Il-Kunsill tal-Ordni jista' jaqbel li jneħħi r-rekwiżit tan-nazzjonalità għal ċittadin barrani abbażi tar-reċiproċità.

Fil-LV (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera sabiex wieħed jipprattika l-liġi domestika, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Avukati minn pajjiżi barranin jistgħu jipprattikaw bħala avukati fil-qorti biss f'konformità ma' ftehim bilaterali dwar assistenza legali reċiproka.

Għall-avukati tal-Unjoni jew barranin, jeżistu rekwiżiti speċjali. Pereżempju, il-parteċipazzjoni fi proċedimenti tal-qorti f'kawżi kriminali hija permessa biss f'assoċjazzjoni ma' avukat tal-Kulleġġ Latvjan tal-Avukati Ġuramentati.

F'MT: Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Fin-NL: Avukati b'liċenzja lokali rreġistrati fir-reġistru Nederlandiż biss jistgħu jużaw it-titolu ta' "avukat". Minflok jużaw it-terminu sħiħ "avukat", l-avukati barranin (mhux reġistrati) iridu jsemmu l-organizzazzjoni professjonali tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom għall-finijiet tal-attivitajiet tagħhom fin-Netherlands.

Fil-PT (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika l-liġi domestika Portugiża. Għar-rappreżentanza quddiem il-qrati, hija meħtieġa ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati. Il-barranin li jkollhom diploma mogħtija minn kwalunkwe Fakultà tal-Liġi fil-Portugall, jistgħu jirreġistraw mal-Kamra tal-Avukati Portugiża (Ordem dos Advogados), bl-istess termini bħan-nazzjonali Portugiżi, jekk il-pajjiż rispettiv tagħhom jagħti trattament reċiproku lin-nazzjonali Portugiżi.

Barranin oħra li jkollhom Lawrja fil-Liġi li tkun ġiet rikonoxxuta minn Fakultà tal-Liġi fil-Portugall jistgħu jirreġistraw bħala membri tal-Assoċjazzjoni tal-Avukatura bil-kondizzjoni li huma jagħmlu t-taħriġ meħtieġ u jgħaddu mill-assessjar finali u l-eżami tad-dħul. Huma biss id-ditti legali fejn l-ishma jappartjenu esklussivament lil avukati ammessi fil-Kamra tal-Avukati Portugiża li jistgħu jipprattikaw fil-Portugall.

Il-konsultazzjoni legali hija permessa fi kwalunkwe qasam tad-dritt internazzjonali barrani u pubbliku minn ġuristi ta' mertu rikonoxxut, masters u dutturi fil-liġi (anke jekk mhux avukati u professuri mhux universitarji), dment li jkollhom ir-residenza professjonali tagħhom (domiciliação) fil-PT, jgħaddu minn eżami tad-dħul u jkunu rreġistrati fil-Kamra tal-Avukati.

Fir-RO: Avukat barrani ma jistax jagħmel trattazzjonijiet orali jew bil-miktub quddiem il-qrati jew korpi ġudizzjarji oħra, ħlief għal arbitraġġ internazzjonali.

Fl-SE (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE jew Żvizzera għall-ammissjoni fil-Kamra tal-Avukati u l-użu tat-titolu ta' "avukat". Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-bord tal-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Avukatura. Mingħajr preġudizzju għar-riżerva tal-UE ta' hawn fuq, l-ammissjoni fil-Kamra tal-Avukati mhijiex meħtieġa għall-prattika tal-liġi domestika Żvediża. Membru tal-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Avukatura ma jista' jiġi impjegat minn ħadd għajr membru tal-Kamra tal-Avukati jew kumpanija li twettaq in-negozju ta' membru tal-Kamra tal-Avukati. Madankollu, membru tal-Kamra tal-Avukati jista' jiġi impjegat minn kumpanija barranija li twettaq in-negozju ta' avukat, dment li l-kumpanija inkwistjoni tkun domiċiljata f'pajjiż fl-Unjoni, fiż-ŻEE jew fl-Iżvizzera. Soġġett għal eżenzjoni mill-Bord tal-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Avukatura, membru tal-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Avukatura jista' jiġi impjegat ukoll minn ditta legali mhux tal-Unjoni.

Il-membri tal-Kamra tal-Avukati li jwettqu l-prattika tagħhom fil-forma ta' kumpanija jew soċjetà ma jistax ikollhom objettiv ieħor u ma jistgħu jwettqu l-ebda negozju ieħor għajr il-prattika ta' avukat. Hija permessa l-kollaborazzjoni ma' negozji ta' avukati oħra; madankollu, il-kollaborazzjoni ma' negozji barranin teħtieġ il-permess mill-Bord tal-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Avukatura. Membru tal-Kamra tal-Avukati biss jista' direttament jew indirettament, jew permezz ta' kumpanija, jipprattika ta' avukat, ikollu ishma fil-kumpanija jew ikun soċju. Membru tal-Kamra tal-Avukati biss jista' jkun membru jew deputat membru tal-Bord jew deputat direttur maniġerjali, jew firmatarju jew segretarju awtorizzat ta' kumpanija jew ta' soċjetà.

Fis-SI (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Ir-rappreżentanza ta' klijenti quddiem qorti bi ħlas hija kkundizzjonata mill-preżenza kummerċjali fir-Repubblika tas-Slovenja. Avukat barrani li jkollu d-dritt li jipprattika l-liġi f'pajjiż barrani jista' jwettaq servizzi legali jew jipprattika l-liġi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34a tal-Att dwar l-Avukati, dment li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni ta' reċiproċità reali.

Mingħajr preġudizzju għar-riżerva tal-UE dwar rekwiżiti ta' forma legali mhux diskriminatorja, il-preżenza kummerċjali għal avukati maħtura mill-Assoċjazzjoni Slovena tal-Avukatura hija ristretta għal impriżi individwali, ditti legali b'responsabbiltà limitata (soċjetà) jew għal ditti legali b'responsabbiltà illimitata (soċjetà) biss. L-attivitajiet ta' ditta legali għandhom ikunu ristretti għall-prattika tal-liġi. Avukati biss jistgħu jkunu soċji f'ditta legali.

Fis-SK (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE kif ukoll ir-residenza (preżenza kummerċjali) fir-Repubblika Slovakka sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Għal avukati mhux tal-Unjoni hija meħtieġa reċiproċità effettiva.

Miżuri:

UE: L-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

l-Artikolu 78 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001[2].

AT: Rechtsanwaltsordnung (l-Att dwar l-Avukati) – RAO, RGBl. Nru 96/1868, l-Artikoli 1 u 21c.; Rechtsanwaltsgesetz – EIRAG, BGBl. Nru 27/2000 kif emendat; § 41 EIRAG.

BE: Il-Kodiċi Ġudizzjarju Belġjan (l-Artikoli 428-508); id-Digriet Irjali tal-24 ta' Awwissu 1970.

BG: Il-Liġi dwar l-Avukati; il-Liġi għall-Medjazzjoni; u l-Liġi għan-Nutara u l-Attività Notarili.

CY: Il-Liġi dwar l-Avukati (il-Kapitolu 2), kif emendata.

CZ: L-Att Nru 85/1996 Coll., l-Att dwar il-Professjoni Legali.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU UE L 154, 16.6.2017, p. 1).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU UE L 3, 5.1.2002, p. 1).

DE: Bundesrechtsanwaltsordnung (BRAO; l-Att Federali dwar l-Avukati);

Gesetz über die Tätigkeit europäischer Rechtsanwälte in Deutschland (EuRAG); u

§ 10 Rechtsdienstleistungsgesetz (RDG).

DK: Retsplejeloven (l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja) il-kapitoli 12 u 13 (l-Att Konsolidat Nru 1284 tal-14 ta' Novembru 2018).

EE: Advokatuuriseadus (l-Att dwar l-Assoċjazzjonijiet tal-Avukatura);

Tsiviilkohtumenetluse seadustik (il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

halduskohtumenetluse seadustik (il-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva tal-Qrati);

kriminaalmenetluse seadustik (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali); u

väärteomenetluse seadustik (il-Kodiċi tal-Proċedura għal Imġiba Ħażina).

EL: Il-Kodiċi l-ġdid dwar l-Avukati Nru 4194/2013.

ES: Real Decreto 135/2021, de 2 de marzo, por el que se aprueba el Estatuto General de la Abogacía Española, l-Artikolu 9.1.a.

FI: Laki asianajajista (l-Att dwar l-Avukati) (496/1958), ss. 1 u 3; u Oikeudenkäymiskaari (4/1734) (il-Kodiċi tal-Proċedura Ġudizzjarja).

FR: Loi 71-1130 du 31 décembre 1971, Loi 90- 1259 du 31 décembre 1990 and Ordonnance du 10 septembre 1817 modifiée.

HR: L-Att dwar il-Professjoni Legali (OG 9/94, 117/08, 75/09, 18/11).

HU: L-Att LXXVIII tal-2017 dwar l-attivitajiet professjonali tal-avukati.

LT: Il-Liġi dwar il-Kamra tal-Avukati tar-Repubblika tal-Litwanja tat-18 ta' Marzu 2004 Nru IX-2066 kif emendata l-aħħar fit-12 ta' Diċembru 2017 bil-Liġi Nru XIII-571.

LU: Loi du 16 décembre 2011 modifiant la loi du 10 août 1991 sur la profession d'avocat.

LV: Il-Liġi dwar il-Proċedura Kriminali, s. 79; u l-Liġi dwar l-Avukatura tar-Repubblika tal-Latvja, s. 4.

MT: Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (il-Kapitolu 12).

NL: Advocatenwet (l-Att dwar l-Avukati).

PT: Il-Liġi 145/2015, 9 ta' Settembru., alterada p/ Lei 23/2020, 6 ta' Lulju. (art.º 194 substituído p/ art.º 201.º; e art.º 203.º substituído p/ art.º 213.º);

L-Istatut Portugiż tal-Avukatura (Estatuto da Ordem dos Advogados) u d-Digriet Liġi 229/2004, l-Artikoli 5, 7 – 9; id-Digriet Liġi 88/2003, l-Artikoli 77 u 102; Solicitadores Public Professional Association Statute (Estatuto da Câmara dos Solicitadores), kif emendat bil-Liġi 49/2004, mas alterada p/ Lei 154/2015, 14 ta' Settembru; bil-Liġi 14/2006 u bid-Digriet Liġi Nru 226/2008 alterado p/Lei 41/2013, 26 ta' Ġunju; u

il-Liġi 78/2001, l-Artikoli 31, 4 Alterada p/ Lei 54/2013, 31 ta' Lulju; Ir-Regolament dwar il-medjazzjoni tal-familja u tax-xogħol (l-Ordinanza 282/2010), alterada p/ Portaria 283/2018, 19 ta' Ottubru; il-Liġi 21/2007 dwar il-medjazzjoni kriminali, l-Artikolu 12; il-Liġi 22/2013, 26 ta' Frar, alterada p/ Lei 17/2017, 16 ta' Mejju, alterada pelo Decreto-Lei 52/2019, 17 ta' April.

RO: Il-Liġi dwar l-Avukati; il-Liġi għall-Medjazzjoni; u l-Liġi għan-Nutara u l-Attività Notarili.

SE: Rättegångsbalken (Il-Kodiċi Żvediż tal-Proċedura Ġudizzjarja) (1942:740); u
il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Assoċjazzjoni Żvediża tal-Avukatura adottat fid-29 ta' Awwissu 2008.

SI: Zakon o odvetništvu (Neuradno prečiščeno besedilo-ZOdv-NPB8 Državnega Zbora RS z dne 7 junij 2019 (l-Att dwar l-Avukati) it-test konsolidat mhux uffiċjali mħejji mill-Parlament Sloven mis-7 ta' Ġunju 2019).

SK: L-Att 586/2003 dwar l-Avukatura, l-Artikoli 2 u 12.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-PL: L-avukati barranin jistgħu jistabbilixxu ruħhom biss fil-forma ta' soċjetà rreġistrata, soċjetà limitata, jew soċjetà b'ishma konġunti limitata.

Miżuri:

PL: L-Att tal-5 ta' Lulju 2002 dwar il-provvista minn avukati barranin ta' assistenza legali fir-Repubblika tal-Polonja, l-Artikolu 19; Il-Liġi dwar il-Konsulenza dwar it-Taxxa.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-IE, IT: Hija meħtieġa r-residenza (preżenza kummerċjali) sabiex wieħed jipprattika servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (tal-Unjoni u tal-Istat Membru), inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati.

Miżuri:

IE: L-Atti dwar l-Avukati 1954-2011.

IT: Id-Digriet Irjali 1578/1933, l-Artikolu 17 tal-Liġi dwar il-professjoni legali.

(b) Aġenti tal-privattivi, aġenti tal-proprjetà industrijali, avukati tal-proprjetà intellettwali (parti minn CPC 879, 861, 8613)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-DE: Avukati tal-privattivi li jkollhom kwalifiki taż-ŻEE jew Żvizzeri biss jistgħu jiġu ammessi fil-Kamra tal-Avukati u b'hekk ikunu intitolati li jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-privattivi fil-Ġermanja fil-liġi domestika. Hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali sabiex tinkiseb ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet mill-assoċjazzjoni tal-Avukatura. Avukati tal-privattivi barranin jistgħu joffru servizzi legali fil-liġi barranija meta jagħtu prova ta' għarfien espert. Hija meħtieġa r-reġistrazzjoni sabiex jiġu pprovduti servizzi legali fil-Ġermanja. Avukati tal-privattivi barranin (għajr bi kwalifika taż-ŻEE u Żvizzera) ma jistgħux jistabbilixxu ditta flimkien ma' avukati tal-privattivi nazzjonali.

Avukati tal-privattivi barranin (għajr taż-ŻEE u Żvizzeri) jista' jkollhom il-preżenza kummerċjali tagħhom biss fil-forma ta' Patentanwalts-GmbH jew Patentanwalt-AG billi jakkwistaw sehem minoritarju.

Mill-1 ta' Awwissu 2022, kumpanija professjonali tista' ssir azzjonista f'ditta legali Ġermaniża tal-privattivi biss jekk tali kumpanija professjonali tiġi ammessa fil-Kamra tal-Privattivi Ġermaniża u tieħu waħda mill-forom legali elenkati fl-Artikolu 52b tar-Regolament dwar l-Avukati tal-Privattivi. Id-ditti legali tal-privattivi barranin jistgħu jipprovdu servizzi jekk ikunu ġew ammessi fil-Kamra tal-Privattivi Ġermaniża. Tali ammissjoni teħtieġ il-kwalifika ta' azzjonist bħala avukat, kontabilist tat-taxxa, awditur jew avukat tal-privattivi u fil-każ tal-fergħat, maniġer b'setgħa ta' aġenzija fil-Ġermanja.

Fi FR: Biex wieħed ikun irreġistrat fil-lista tas-servizzi tal-aġenti tal-proprjetà industrijali, huwa meħtieġ l-istabbiliment jew ir-residenza fiż-ŻEE. Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE għall-persuni fiżiċi. Għar-rappreżentanza ta' klijent quddiem l-uffiċċju nazzjonali tal-proprjetà intellettwali, huwa meħtieġ l-istabbiliment fiż-ŻEE. Il-forniment ta' servizzi jista' jsir biss permezz ta' "société civile professionnelle" (SCP), "société d'exercice libéral" (SEL) jew kwalunkwe forma legali oħra, taħt ċerti kundizzjonijiet. Irrispettivament mill-forma legali, aktar minn nofs l-ishma u d-drittijiet tal-vot iridu jinżammu minn professjonisti taż-ŻEE. Id-ditti legali jistgħu jkunu intitolati li jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-proprjetà industrijali (ara r-riżerva għas-servizzi legali).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-AT: Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera sabiex wieħed jipprattika s-servizzi ta' aġenzija tal-privattivi, hija meħtieġa r-residenza.

Fil-BG u f'CY: Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera sabiex wieħed jipprovdi servizzi ta' aġenzija tal-privattivi. F'CY, hija meħtieġa r-residenza.

Fl-EE: Hija meħtieġa n-nazzjonalità tal-Estonja jew tal-Unjoni kif ukoll ir-residenza permanenti sabiex wieħed jipprovdi servizzi ta' aġenzija tal-privattivi.

Fi ES: Huma meħtieġa l-istabbiliment fi Stat Membru, il-preżenza kummerċjali, kif ukoll ir-residenza permanenti sabiex wieħed jipprovdi servizzi ta' aġenzija tal-privattivi.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-PT: Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE sabiex wieħed jipprovdi servizzi ta' aġent tal-proprjetà industrijali.

Fil-LV: Hija meħtieġa n-nazzjonalità tal-Unjoni għall-avukati tal-privattivi.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-FI u fl-HU: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE sabiex wieħed jipprovdi servizzi ta' aġenzija tal-privattivi.

Fis-SI: Hija meħtieġa r-residenza fis-Slovenja għal detentur jew applikant ta' drittijiet reġistrati (privattivi, trademarks, protezzjoni tad-disinn). B'mod alternattiv, huwa meħtieġ aġent tal-privattivi jew aġent tat-trademarks u tad-disinn irreġistrat fis-Slovenja għall-iskop ewlieni li jipprovdi servizzi bħall-proċess u n-notifika.

Miżuri:

AT: L-Att dwar l-Avukati tal-Privattivi, BGBl. 214/1967 kif emendat, §§ 2 u 16a.

BG: Il-Kapitolu 8b tal-Att dwar il-Privattivi u r-Reġistrazzjoni ta' Mudelli ta' Utilitajiet.

CY: Il-Liġi dwar l-Avukati (il-Kapitolu 2), kif emendata.

DE: Patentanwaltsordnung (PAO). Gesetz über die Tätigkeit europäischer Patentanwälte in Deutschland (EuPAG) u § 10 Rechtsdienstleistungsgesetz (RDG).

EE: Patendivoliniku seadus (l-Att dwar l-Aġenti tal-Privattivi) § 2, § 14.

ES: Ley 24/2015, de 24 de julio, de Patentes, l-Artikoli 175, 176 u 177. Ley 17/2009, de 23 de noviembre, sobre el libre acceso a las actividades de servicios y su ejercicio, l-Artikolu 3.2.

FI: Tavaramerkkilaki (l-Att dwar it-Trademarks) (7/1964);

Laki auktorisoiduista teollisoikeusasiamiehistä (l-Att dwar l-Avukati Awtorizzati tal-Proprjetà Industrijali) (22/2014);

Laki kasvinjalostajanoikeudesta (l-Att dwar id-Drittijiet tal-Kultivaturi tal-Pjanti) 1279/2009; u

Mallioikeuslaki (l-Att dwar id-Disinji Reġistrati) 221/1971.

FR: Code de la propriété intellectuelle.

HU: L-Att XXXII tal-1995 dwar l-Avukati tal-Privattivi.

LV: Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet u l-Proċeduri tal-Proprjetà Industrijali, il-Kapitolu XVIII (l-Artikoli 119-136).

PT: Id-Digriet Liġi 15/95, kif emendat bil-Liġi 17/2010, bil-Portaria 1200/2010, l-Artikolu 5, u bil-Portaria 239/2013; u l-Liġi 9/2009.

SI: Zakon o industrijski lastnini (l-Att dwar il-Proprjetà Industrijali), Uradni list RS, št. 51/06 – uradno prečiščeno besedilo in 100/13 u 23/20 (il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja, Nru 51/06 – it-test uffiċjali konsolidat 100/13 u 23/20).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-IE: Għall-istabbiliment, mill-anqas wieħed mid-diretturi, is-soċji, il-maniġers jew l-impjegati ta' kumpanija jrid ikun irreġistrat bħala avukat tal-privattivi jew tal-proprjetà intellettwali fl-Irlanda. Il-forniment ta' servizzi fuq bażi transfruntiera jeħtieġ in-nazzjonalità taż-ŻEE u l-preżenza kummerċjali, il-post prinċipali tan-negozju jrid ikun fi Stat Membru taż-ŻEE, u kwalifika skont il-liġi ta' Stat Membru taż-ŻEE.

Miżuri:

IE: It-Taqsimiet 85 u 86 tal-Att tal-1996 dwar it-Trademarks, kif emendat;

ir-Regola 51, ir-Regola 51A u r-Regola 51B tar-Regoli tal-1996 dwar it-Trademarks, kif emendati; it-Taqsimiet 106 u 107 tal-Att tal-1992 dwar il-Privattivi, kif emendat; u r-Regoli dwar ir-Reġistru tal-Aġenti tal-Privattivi S.I. 580 tal-2015.

(c) Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 8621 ħlief servizzi ta' awditjar, 86213, 86219, 86220)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-AT: L-interessi kapitali u d-drittijiet tal-vot ta' kontabilisti u bookkeepers barranin, kwalifikati skont il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, f'intrapriża Awstrijaka, ma jistgħux jaqbżu 25 %. Il-fornitur ta' servizzi jrid ikollu uffiċċju jew sede professjonali fiż-ŻEE (CPC 862).

Fi FR: Huwa meħtieġ l-istabbiliment jew ir-residenza. Is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' kwalunkwe forma ta' kumpanija ħlief "société en nom collectif" (SNC) u "société en commandite simple" (SCS). Japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi għas-"sociétés d'exercice libéral" (SEL), "association de gestion et comptabilité" (AGC) u "société pluri-professionnelle d'exercice" (SPE) (CPC 86213, 86219, 86220).

Fl-IT: Ir-residenza jew id-domiċilju tan-negozju huma meħtieġa għar-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali, li hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 86213, 86219, 86220).

Fil-PT (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Ir-residenza jew id-domiċilju tan-negozju huma meħtieġa għar-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali mill-Kamra tal-Kontabilisti Ċertifikati (Ordem dos Contabilistas Certificados), li hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi kontabilistiċi, dment li jkun hemm trattament reċiproku għan-nazzjonali Portugiżi.

Miżuri:

AT: Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi u l-Professjoni tal-Awditjar, BGBl. I Nr. 58/1999), § 12, § 65, § 67, § 68 (1) 4; u

Bilanzbuchhaltungsgesetz (BibuG), BGBl. I Nr. 191/2013, §§ 7, 11, 28.

FR: Ordonnance 45-2138 du 19 septembre 1945.

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 139/2005; u l-Liġi 248/2006.

PT: Id-Digriet-Amministrattiv Nru 452/99, mibdul bil-Liġi Nru 139/2015, is-7 ta' Settembru.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fis-SI: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fl-Unjoni Ewropea sabiex wieħed jipprovdi servizzi ta' kontabilità u ta' żamma tal-kotba (CPC 86213, 86219, 86220).

Miżuri:

SI: L-Att dwar is-servizzi fis-suq intern, Il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 21/10.

(d) Servizzi tal-awditjar (CPC – 86211, 86212 għajr is-servizzi ta' kontabilità u ta' żamma tal-kotba)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-UE: Il-forniment ta' servizzi ta' awditjar statutorju jeħtieġ l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tista' tirrikonoxxi l-ekwivalenza tal-kwalifiki ta' awditur li jkun nazzjonal ta' New Zealand jew ta' kwalunkwe pajjiż terz soġġett għar-reċiproċità (CPC 8621).

Miżuri:

UE: Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]; u

id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2].

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fil-BG: Jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' forma legali mhux diskriminatorji.

Miżuri:

BG: L-Att dwar l-Awditi Finanzjarji Indipendenti.

---

1 Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU UE L 182, 29.6.2013, p. 19).

2 Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU UE L 157, 9.6.2006, p. 87).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-AT: L-interessi kapitali u d-drittijiet tal-vot ta' awdituri barranin, kwalifikati skont il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, f'intrapriża Awstrijaka, ma jistgħux jaqbżu 25 %. Il-fornitur ta' servizzi jrid ikollu uffiċċju jew sede professjonali fiż-ŻEE.

Miżuri:

AT: Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi u l-Professjoni tal-Awditjar, BGBl. I Nru 58/1999), § 12, § 65, § 67, § 68 (1) 4.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fid-DK: Il-forniment ta' servizzi ta' awditjar statutorju jeħtieġ l-approvazzjoni Daniża bħala awditur. L-approvazzjoni teħtieġ ir-residenza fi Stat Membru taż-ŻEE. Id-drittijiet tal-vot f'ditti tal-awditjar approvati ta' awdituri u ditti tal-awditjar mhux approvati f'konformità mar-regolamenti li jimplimentaw id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] ma jridux jaqbżu l-10 % tad-drittijiet tal-vot.

[1] Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU UE L 157, 9.6.2006, p. 87).

Fi FR (fir-rigward ukoll tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Għall-awditjar statutorju: huwa meħtieġ l-istabbiliment jew ir-residenza. In-nazzjonali ta' New Zealand jistgħu jipprovdu servizzi ta' awditjar statutorju fi Franza, soġġett għar-reċiproċità. Is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' kwalunkwe forma ta' kumpanija ħlief dawk li fihom is-soċji jkunu kkunsidrati bħala kummerċjanti ("commerçants"), bħas-"Société en nom collectif" (SNC) u "société en commandite simple" (SCS).

Fil-PL: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fl-Unjoni sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' awditjar.

Japplikaw rekwiżiti dwar il-forma legali.

Miżuri:

DK: Revisorloven (L-Att Daniż dwar l-Awdituri u d-Ditti tal-Awditjar Approvati), l-Att Nru 1287 tal-20 ta' Novembru 2018.

FR: Code de commerce.

PL: L-Att tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-awdituri statutorji, id-ditti tal-awditjar u s-sorveljanza pubblika – Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2017, il-punt 1089.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'CY: Hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni, soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-sottosettur. Huma permessi assoċjazzjonijiet professjonali (soċjetajiet) bejn persuni fiżiċi.

Fis-SK: Hija biss intrapriża li fiha mill-anqas 60 % tal-interessi kapitali jew tad-drittijiet tal-vot ikunu riżervati għal nazzjonali Slovakki jew għal nazzjonali ta' Stat Membru li tista' tiġi awtorizzata twettaq awditi fir-Repubblika Slovakka.

Miżuri:

CY: Il-Liġi tal-2017 dwar l-Awdituri (il-Liġi 53(I)/2017).

SK: L-Att Nru 423/2015 dwar l-Awditjar statutorju.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-DE: Il-kumpaniji tal-awditjar (Wirtschaftsprüfungsgesellschaften) jistgħu jadottaw biss forom legali ammissibbli fi ħdan iż-ŻEE. Is-soċjetajiet ġenerali u s-soċjetajiet kummerċjali limitati jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala "Wirtschaftsprüfungsgesellschaften" jekk ikunu elenkati bħala soċjetajiet kummerċjali fir-reġistru kummerċjali abbażi tal-attivitajiet fiduċjarji tagħhom, l-Artikolu 27 (Wirtschaftsprüferordnung, WPO). Madankollu, awdituri minn pajjiżi terzi rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 134 (Wirtschaftsprüferordnung, WPO) jistgħu jwettqu l-awditu statutorju tad-dikjarazzjonijiet fiskali annwali jew jipprovdu r-rapporti finanzjarji konsolidati ta' kumpanija bil-kwartieri ġenerali tagħha barra mill-Unjoni, li t-titoli trasferibbli tagħha jkunu offruti għall-kummerċ f'suq regolat.

Miżuri:

DE: Handelsgesetzbuch, (HGB; il-Kodiċi tal-Liġi Kummerċjali); Gesetz über eine Berufsordnung der Wirtschaftsprüfer (Wirtschaftsprüferordnung, WPO, l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fi ES: L-awdituri statutorji jridu jkunu nazzjonali ta' Stat Membru. Din ir-riżerva ma tapplikax għall-awditjar ta' kumpaniji mhux tal-Unjoni elenkati f'suq regolat Spanjol.

Miżuri:

ES: Ley 22/2015, de 20 de julio, de Auditoría de Cuentas (il-Liġi l-ġdida dwar l-Awditjar: il-Liġi 22/2015 dwar is-Servizzi tal-awditjar).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-EE: Japplikaw rekwiżiti dwar il-forma legali. Il-maġġoranza tal-voti rrappreżentati mill-ishma ta' ditta tal-awditjar għandhom jappartjenu lil awdituri ġuramentati soġġetti għas-superviżjoni ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru taż-ŻEE, li jkunu kisbu l-kwalifika tagħhom fi Stat Membru taż-ŻEE, jew lil ditti tal-awditjar. Mill-anqas tliet kwarti tal-persuni li jirrappreżentaw ditta tal-awditjar abbażi tal-liġi jridu jkunu kisbu l-kwalifiki tagħhom fi Stat Membru taż-ŻEE.

Miżuri:

EE: L-Att dwar l-Attivitajiet tal-Awdituri (Audiitortegevuse seadus) § 76-77.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fis-SI: Hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali. Entità tal-awditjar ta' pajjiż terz jista' jkollha ishma jew tifforma sħubijiet f'kumpanija tal-awditjar Slovena dment li, skont il-liġi tal-pajjiż li fih tkun inkorporata l-entità tal-awditjar ta' pajjiż terz, il-kumpaniji tal-awditjar Sloveni jista' jkollhom ishma jew jiffurmaw sħubija f'entità tal-awditjar f'dak il-pajjiż (rekwiżit ta' reċiproċità).

Miżuri:

SI: L-Att dwar l-Awditjar (ZRev-2), il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 65/2008 (kif emendat l-aħħar Nru 115/21); u

l-Att dwar il-Kumpaniji (ZGD-1), il-Gazzetta Uffiċjali RS Nru 42/2006 (kif emendat l-aħħar Nru 18/21).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-BE: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fil-Belġju fejn se ssir l-attività professjonali u fejn se jinżammu l-atti, id-dokumenti u l-korrispondenza relatati magħha. Mill-anqas amministratur jew maniġer wieħed tal-istabbiliment irid ikun approvat bħala awditur.

Fil-FI: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għal mill-anqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Finlandiża u tal-kumpaniji li għandhom l-obbligu li jwettqu awditu. Awditur irid ikun awditur b'liċenzja lokali jew ditta tal-awditjar b'liċenzja lokali.

Fil-HR: Is-servizzi ta' awditjar jistgħu jiġu pprovduti biss minn persuni ġuridiċi stabbiliti fil-Kroazja jew minn persuni fiżiċi residenti fil-Kroazja.

Fl-IT: Hija meħtieġa r-residenza għall-forniment ta' servizzi ta' awditjar minn persuni fiżiċi.

Fil-LT: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fiż-ŻEE għall-forniment ta' servizzi ta' awditjar.

Fl-SE: Awdituri approvati fl-Iżvezja u ditti tal-awditjar irreġistrati fl-Iżvezja biss jistgħu jwettqu servizzi ta' awditjar statutorju. Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE. It-titoli ta' "awditur approvat" u "awditur awtorizzat" jistgħu jintużaw biss minn awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja. L-awdituri ta' assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi u ċerti intrapriżi oħra li mhumiex kontabilisti ċċertifikati jew approvati jridu jkunu residenti fiż-ŻEE, sakemm il-Gvern, jew awtorità tal-Gvern maħtura mill-Gvern, f'każ partikolari ma tippermettix mod ieħor.

Miżuri:

BE: Il-Liġi tas-7 ta' Diċembru 2016 dwar l-organizzazzjoni tal-professjoni u s-superviżjoni pubblika tal-awdituri (l-Att dwar l-Awditjar Pubbliku).

FI: Tilintarkastuslaki (l-Att dwar l-Awditjar) (459/2007), Liġijiet settorjali li jirrikjedu l-użu ta' awdituri liċenzjati lokalment.

HR: L-Att dwar l-Awditjar (OG 146/05, 139/08, 144/12), l-Artikolu 3.

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 58/1998, l-Artikoli 155, 158 u 161; u

id-Digriet tal-President tar-Repubblika 99/1998; u d-Digriet Leġiżlattiv 39/2010, l-Artikolu 2.

LT: Il-Liġi tal-15 ta' Ġunju 1999 dwar l-Awditjar Nru VIII -1227 (verżjoni ġdida tat-3 ta' Lulju 2008 Nru X1676).

SE: Revisorslagen (l-Att dwar l-Awdituri) (2001:883);

Revisionslag (l-Att dwar l-Awditjar) (1999:1079);

Aktiebolagslagen (l-Att dwar il-Kumpaniji) (2005:551);

Lag om ekonomiska föreningar (L-Att dwar l-Assoċjazzjonijiet Ekonomiċi tal-Kooperattivi) (2018:672); u

Oħrajn, li jirregolaw ir-rekwiżiti biex isir użu minn awdituri approvati.

(e) Servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni (CPC 863, mhux inklużi l-konsulenza legali u r-rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet tat-taxxa, li jinstabu taħt is-servizzi legali)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-AT: L-interessi kapitali u d-drittijiet tal-vot ta' konsulenti tat-taxxa barranin, ikkwalifikati skont il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, f'intrapriża Awstrijaka ma jistgħux jaqbżu l-25 %. Il-fornitur ta' servizzi jrid ikollu uffiċċju jew sede professjonali fiż-ŻEE.

Miżuri:

AT: Wirtschaftstreuhandberufsgesetz (l-Att dwar il-Kontabilisti Pubbliċi u l-Professjoni tal-Awditjar, BGBl. I Nru 58/1999), § 12, § 65, § 67, § 68 (1) 4.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fil-DE: Japplikaw rekwiżiti għal forma ġuridika mhux diskriminatorja.

Miżuri:

DE: Steuerberatungsgesetz (l-Att dwar il-Konsulenza dwar it-Taxxa, 4 ta' Novembru 1975 (BGBl. I, p. 2735), emendat l-aħħar bl-Artikolu 50 tal-liġi tal-10 ta' Awwissu 2021 (BGBl. I, p. 2436): §§ 3, 34, 40 (1), 49, 50a.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fi FR: Huwa meħtieġ l-istabbiliment jew ir-residenza. Is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' kwalunkwe forma ta' kumpanija ħlief "société en nom collectif" (SNC) u "société en commandite simple" (SCS)). Japplikaw kondizzjonijiet speċifiċi għas-"sociétés d'exercice libéral" (SEL), l- "association de gestion et comptabilité" (AGC) u "société pluri-professionnelle d'exercice"(SPE).

Miżuri:

FR: Ordonnance 45-2138 du 19 septembre 1945.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-HU: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għall-forniment ta' servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni.

Fl-IT: Hija meħtieġa r-residenza.

Miżuri:

HU: L-Att 150 tal-2017 dwar it-tassazzjoni; id-Digriet tal-Gvern 2018/263 dwar ir-reġistrazzjoni u t-taħriġ tal-attivitajiet ta' konsulenza fiskali.

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 139/2005; u l-Liġi 248/2006.

(f) Servizzi ta' arkitettura u ppjanar urban, servizzi ta' inġinerija u inġinerija integrata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fi FR: Perit jista' jistabbilixxi ruħu biss fi Franza sabiex jipprovdi servizzi arkitettoniċi bl-użu ta' waħda mill-forom ġuridiċi li ġejjin (fuq bażi mhux diskriminatorja): "société anonyme" (SA) "société à responsabilité limitée" (SARL) (sociétés anonymes, à responsabilité limitée), "entreprise unipersonnelle à responsabilité limitée" (EURL), "société civile professionnelle " (SCP) (en commandite par actions), "société coopérative et participative" (SCOP), "société d'exercice libéral à responsabilité limitée" (SELARL), "société d'exercice libéral à forme anonyme" (SELAFA), "société d'exercice libéral par actions simplifiée" (SELAS) jew "société par actions simplifiée" (SAS), jew bħala individwu jew bħala soċju f'ditta tal-arkitettura (CPC 8671).

Miżuri:

FR: Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales;
Décret 95-129 du 2 février 1995 relatif à l'exercice en commun de la profession d'architecte sous forme de société en participation;

Décret 92-619 du 6 juillet 1992 relatif à l'exercice en commun de la profession d'architecte sous forme de société d'exercice libéral à responsabilité limitée SELARL, société d'exercice libéral à forme anonyme SELAFA, société d'exercice libéral en commandite par actions SELCA; u Loi 77-2 du 3 janvier 1977.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Għall-konsulenti li jimplimentaw valutazzjoni tal-konformità tad-disinji tal-investiment jew li jeżerċitaw superviżjoni tal-kostruzzjoni, huwa meħtieġ l-istabbiliment fil-Bulgarija skont l-Att Kummerċjali Bulgaru jew ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru kummerċjali ta' Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE.

Miżuri:

BG: l-Artikolu 167, il-Paragrafu 1, l-Att dwar l-Iżvilupp Spazjali.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fil-HR: Disinn jew proġett maħluq minn perit, inġinier jew pjanifikatur urban barrani jrid jiġi vvalidat minn persuna awtorizzata fil-Kroazja fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-Liġi Kroata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Miżuri:

HR: L-Att dwar l-Ippjanar Fiżiku u l-Attivitajiet ta' Bini (OG118/18, 110/19); L-Att dwar l-Ippjanar Fiżiku (OG 153/13, 39/19).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'CY: Il-kundizzjonijiet tan-nazzjonalità u tar-residenza japplikaw għall-forniment ta' servizzi ta' arkitettura u ppjanar urban, servizzi ta' inġinerija u ta' inġinerija integrata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Miżuri:

CY: il-Liġi Nru 41/1962 kif emendata; il-Liġi Nru 224/1990 kif emendata; u l-Liġi 29(i)2001 kif emendata.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE.

Fl-HU: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għall-forniment tas-servizzi li ġejjin, sa fejn dawn ikunu qed jiġu pprovduti minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tal-Ungerija: servizzi arkitettoniċi, servizzi ta' inġinerija (applikabbli biss għal apprendisti gradwati), servizzi ta' inġinerija integrata u servizzi ta' arkitettura tal-pajsaġġ (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Fl-IT: Ir-residenza, id-domiċilju professjonali jew indirizz tan-negozju fl-Italja huma meħtieġa għar-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali, li hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi arkitettoniċi u ta' inġinerija (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Fis-SK: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għar-reġistrazzjoni fil-kamra professjonali, li hija neċessarja għall-forniment ta' servizzi arkitettoniċi u ta' inġinerija (CPC 8671, 8672, 8673, 8674).

Miżuri:

CZ: L-Att Nru 360/1992 Coll. dwar il-prattika tal-professjoni ta' periti awtorizzati u inġiniera u tekniċi awtorizzati li jaħdmu fil-qasam tal-kostruzzjoni ta' binjiet.

HU: L-Att LVIII tal-1996 dwar il-Kmamar Professjonali tal-Periti u l-Inġiniera.

IT: Id-Digriet Irjali 2537/1925 Regolament dwar il-professjoni ta' perit u inġinier; il-Liġi 1395/1923; kif ukoll

id-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R.) 328/2001.

SK: L-Att 138/1992 dwar il-Periti u l-Inġiniera, l-Artikoli 3, 15, 15a, 17a u 18a.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BE: Il-forniment ta' servizzi arkitettoniċi jinkludi l-kontroll fuq l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet (CPC 8671, 8674). Periti barranin awtorizzati fil-pajjiżi ospitanti tagħhom u li jkunu jixtiequ jipprattikaw il-professjoni tagħhom fuq bażi okkażjonali fil-Belġju huma meħtieġa jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kunsill tal-Ordni fiż-żona ġeografika fejn ikun beħsiebhom jipprovdu s-servizzi.

Miżuri:

BE: Il-Liġi tal-20 ta' Frar 1939 dwar il-protezzjoni tat-titolu tal-professjoni ta' perit; kif ukoll

il-Liġi tas-26 ta' Ġunju 1963, li toħloq ir-Regolamenti tal-Ordni tal-Periti tas-16 ta' Diċembru, 1983 dwar l-etika stabbilita mill-Kunsill nazzjonali fl-Ordni tal-Periti (Approvati bl-Artikolu 1 tal-A.R. tat-18 ta' April, 1985, M.B., 8 ta' Mejju, 1985).

Riżerva Nru 3 – Is-servizzi professjonali (relatati mas-saħħa u l-bejgħ tal-farmaċewtiċi)

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi professjonali – servizzi mediċi (inklużi l-psikologi) u servizzi dentali; qwiebel; infermiera fiżjoterapisti u persunal paramediku; servizzi veterinarji; bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi; u servizzi oħra pprovduti mill-ispiżjara |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | CPC 9312, 93191, 932, 63211 |
| Obbligi kkonċernati: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi<br>Preżenza lokali |
| Kapitolu: | Liberalizzazzjoni tal-kummerċ fis-servizzi u l-investiment |
| Livell ta' gvern: | UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

(a) Servizzi mediċi, dentali, tal-qwiebel, tal-infermiera, tal-fiżjoterapisti u paramediċi (CPC 852, 9312, 93191)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-IT: In-nazzjonalità tal-Unjoni hija meħtieġa għall-forniment ta' servizzi minn psikologi. Professjonisti barranin jistgħu jitħallew jipprattikaw abbażi tar-reċiproċità (parti minn CPC 9312).

Miżuri:

IT: Il-Liġi 56/1989 dwar il-professjoni tal-psikologi.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'CY: Il-kondizzjonijiet tan-nazzjonalità u tar-residenza Ċiprijotta japplikaw għall-forniment ta' servizzi mediċi (inklużi l-psikologi), dentali, tal-qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti u paramediċi.

Miżuri:

CY: Il-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni tat-Tobba (Kapitolu 250) kif emendata;

il-Liġi dwar ir-Reġistrazzjoni tad-Dentisti (Kapitolu 249) kif emendata;

il-Liġi 75(I)/2013 – kif emendata – Podologi;

il-Liġi 33(I)/2008 – kif emendata – Fiżika Medika;

il-Liġi 34(I)/2006 – kif emendata – Terapisti Okkupazzjonali;

il-Liġi 9(I)/1996 – kif emendata – Tekniċi Dentali;

il-Liġi 68(I)/1995 – kif emendata – Psikologi;

il-Liġi 16(I)/1992 – kif emendata – Ottiċi;

il-Liġi 23(I)/2011 – kif emendata – Radjologi / Radjoterapisti;

il-Liġi 31(I)/1996 – kif emendata – Djetologi / Nutrizzjonisti;

il-Liġi 140/1989 – kif emendata – Fiżjoterapisti; kif ukoll

il-Liġi 214/1988 – kif emendata – Infermiera.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Preżenza lokali:

Fil-DE (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet ġeografiċi fuq ir-reġistrazzjoni professjonali, li tapplika kemm għan-nazzjonali kif ukoll għall-barranin.

It-tobba (inklużi l-psikologi, il-fiżjoterapisti, u d-dentisti) iridu jirreġistraw mal-assoċjazzjonijiet reġjonali tat-tobba jew id-dentisti ta' assigurazzjoni tas-saħħa statutorja (kassenärztliche jew kassenzahnärztliche Vereinigungen), jekk ikunu jixtiequ jittrattaw pazjenti assigurati mill-fondi tal-mard statutorji. Din ir-reġistrazzjoni tista' tkun soġġetta għal restrizzjonijiet kwantitattivi bbażati fuq id-distribuzzjoni reġjonali tat-tobba. Għad-dentisti, din ir-restrizzjoni ma tapplikax. Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa biss għat-tobba li jipparteċipaw fl-iskema tas-saħħa pubblika. Jista' jkun hemm restrizzjonijiet mhux diskriminatorji fuq il-forma ġuridika ta' stabbiliment meħtieġa biex jiġu pprovduti dawn is-servizzi (§ 95 SGB V).

Għas-servizzi tal-qwiebel, l-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi biss. Għas-servizzi mediċi u dentali, l-aċċess huwa possibbli għal persuni fiżiċi, ċentri ta' kura medika liċenzjati u korpi awtorizzati. Jistgħu japplikaw rekwiżiti ta' stabbiliment.

Fir-rigward tat-telemediċina, l-għadd ta' fornituri ta' servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jista' jkun limitat biex jiġu ggarantiti l-interoperabbiltà, il-kompatibbiltà u l-istandards tas-sikurezza meħtieġa. Din il-limitazzjoni hija applikata b'mod mhux diskriminatorju (CPC 9312, 93191).

Miżuri:

DE: Bundesärzteordnung (BÄO; ir-Regolament Mediku Federali);

Gesetz über die Ausübung der Zahnheilkunde (ZHG);

Gesetz über den Beruf der Psychotherapeutin und des Psychotherapeuten (PsychThG; l-Att dwar il-Forniment ta' Servizzi ta' Psikoterapija);

Gesetz über die berufsmäßige Ausübung der Heilkunde ohne Bestallung (Heilpraktikergesetz);

Gesetz über das Studium und den Beruf von Hebammen (HebG); u

Bundes-Apothekerordnung.

Tista' teżisti leġiżlazzjoni addizzjonali fir-rigward tal-qwiebel fil-livell reġjonali.

Gesetz über die Pflegeberufe (PflBG);

Sozialgesetzbuch Fünftes Buch (SGB V; il-Kodiċi Soċjali, il-Ktieb Ħamsa) – Assigurazzjoni Statutorja tas-Saħħa.

Livell reġjonali:

Heilberufekammergesetz des Landes Baden-Württemberg;

Gesetz über die Berufsausübung, die Berufsvertretungen und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker sowie der Psychologischen Psychotherapeuten und dervKinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (Heilberufe-Kammergesetz – HKaG) f'Bayern;

Berliner Heilberufekammergesetz (BlnHKG);

Hamburgisches Kammergesetz für die Heilberufe (HmbKGH); Gesetz über die Berufsgerichtsbarkeit der Heilberufe; Hamburgisches Gesetz über die Ausübung des Berufs der Hebamme und des Entbindungspflegers (Hamburgisches Hebammengesetz);

Heilberufsgesetz Brandenburg (HeilBerG);

Bremisches Gesetz über die Berufsvertretung, die Berufsausübung, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Psychotherapeuten, Tierärzte und Apotheker (Heilberufsgesetz – HeilBerG);

Heilberufsgesetz Mecklenburg-Vorpommern (Heilberufsgesetz M-V – HeilBerG);

Heilberufsgesetz (HeilBG NRW);

Heilberufsgesetz (HeilBG Rheinland-Pfalz);

Gesetz über die öffentliche Berufsvertretung, die Berufspflichten, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte/ Ärztinnen, Zahnärzte/ Zahnärztinnen, psychologischen Psychotherapeuten/ Psychotherapeutinnen und Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten/psychotherapeutinnen, Tierärzte/Tierärztinnen und Apotheker/Apothekerinnen im Saarland (Saarländisches Heilberufekammergesetz – SHKG);

Gesetz über Berufsausübung, Berufsvertretungen und Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker sowie der Psychologischen Psychotherapeuten und der Kinder und Jugendlichenpsychotherapeuten im Freistaat Sachsen (Sächsisches Heilberufekammergesetz – SächsHKaG) u Thüringer Heilberufegesetz.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Preżenza lokali:

Fi FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli wkoll għall-investituri tal-Unjoni, l-investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' "société civile professionnelle" (SCP) u "société d'exercice liberal" (SEL). Għas-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel, hija meħtieġa n-nazzjonalità Franċiża. Madankollu, l-aċċess mill-barranin huwa possibbli fil-limiti tal-kwoti annwali stabbiliti. Għas-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel u s-servizzi pprovduti minn infermiera, il-forniment permezz ta' SEL à forme anonyme, à responsabilité limitée par actions simplifiée ou en commandite par actions, société coopérative (għal prattikanti ġenerali u speċjalizzati indipendenti biss) jew société interprofessionnelle de soins ambulatoires (SISA) għal dar tas-saħħa multidixxiplinari (MSP) biss.

Miżuri:

FR: Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales, Loi n°2011-940 du 10 août 2011 modifiant certaines dipositions de la loi n°2009-879 dite HPST, Loi n°47-1775 portant statut de la coopération; u Code de la santé publique.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fl-AT: Jistgħu japplikaw rekwiżiti speċifiċi ta' forma ġuridika mhux diskriminatorja (CPC 9312, parti minn 9319). Il-kooperazzjoni tat-tobba għall-iskop ta' kura tas-saħħa pubblika ambulatorja, hekk imsejħa prattiċi ta' grupp, tista' sseħħ biss fil-forma legali ta' Offene Gesellschaft (OG) jew Gesellschaft mit beschränkter Haftung (GmbH). It-tobba biss jistgħu jkunu assoċjati ta' prattika ta' grupp bħal din. Huma jridu jkunu intitolati għal prattika medika indipendenti, ikunu rreġistrati mal-Kamra Medika Awstrijaka u jsegwu attivament il-professjoni medika fil-prattika. Persuni oħra ma jistgħux jaġixxu bħala assoċjati tal-prattika tal-grupp u ma jistgħux jaqsmu d-dħul jew il-profitti tagħha (parti minn CPC 9312).

Miżuri:

AT: L-Att Mediku, BGBl. I Nru 169/1998, §§ 52a – 52c;

l-Att Federali li Jirregola Professjonisti Alleati f'Livell Għoli fil-Kura Medika, BGBl. Nru 460/1992; u l-Att Federali li jirregola l-livell inferjuri u superjuri ta' Massaġġaturi Mediċi, BGBl. Nru 169/2002.

(b) Servizzi veterinarji (CPC 932)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-AT: Nazzjonali ta' Stat Membru taż-ŻEE biss jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji. Ir-rekwiżit tan-nazzjonalità jitneħħa għan-nazzjonali ta' Stat mhux Membru taż-ŻEE meta jkun hemm ftehim tal-Unjoni ma' dak l-Istat li jipprevedi trattament nazzjonali fir-rigward tal-investiment u l-Kummerċ transfruntier ta' servizzi veterinarji.

Fi ES: Hija meħtieġa s-sħubija f'assoċjazzjoni professjonali għall-prattika tal-professjoni u hija meħtieġa n-nazzjonalità tal-Unjoni. Dan ir-rekwiżit jista' jitneħħa permezz ta' ftehim professjonali bilaterali. Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa ristrett għal persuni fiżiċi.

Fi FR: Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE sabiex jiġu pprovduti servizzi veterinarji, iżda r-rekwiżit tan-nazzjonalità jista' jitneħħa soġġett għar-reċiproċità. Il-forom ġuridiċi disponibbli għal kumpanija li tipprovdi servizzi veterinarji huma limitati għal "société civile professionnelle" (SCP) u "société d'exercice liberal" SEL.

Forom ġuridiċi oħra ta' kumpaniji previsti mil-liġi domestika Franċiża jew mil-liġi ta' Stat Membru ieħor taż-ŻEE u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom hemmhekk jistgħu jiġu awtorizzati, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet.

Miżuri:

AT: Tierärztegesetz (l-Att Veterinarju), BGBl. Nru 16/1975, §3 (2) (3).

ES: Real Decreto 126/2013, de 22 de febrero, por el que se aprueban los Estatutos Generales de la Organización Colegial Veterinaria Española; l-Artikoli 62 u 64.

FR: Code rural et de la pêche maritime.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'CY: Il-kondizzjonijiet tan-nazzjonalità u tar-residenza japplikaw għall-forniment ta' servizzi veterinarji.

Fil-EL: Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera sabiex wieħed jipprovdi servizzi veterinarji.

Fil-HR: Persuni ġuridiċi u fiżiċi stabbiliti fi Stat Membru għall-iskop li jwettqu attivitajiet veterinarji biss jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji transfruntieri fir-Repubblika tal-Kroazja. Nazzjonali tal-Unjoni biss jistgħu jistabbilixxu prattika veterinarja fir-Repubblika tal-Kroazja.

Fl-HU: In-nazzjonalità taż-ŻEE hija meħtieġa għas-sħubija fil-Kamra Veterinarja Ungeriża, li hija meħtieġa sabiex jiġu pprovduti servizzi veterinarji. L-awtorizzazzjoni għall-istabbiliment hija soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fis-settur.

Miżuri:

CY: il-Liġi 169/1990 kif emendata.

EL: Id-Digriet Presidenzjali 38/2010, id-Deċiżjoni Ministerjali 165261/IA/2010 (Il-Gazzetta tal-Gvern 2157/B).

HR: L-Att Veterinarju (OG 83/13, 148/13, 115/18), l-Artikoli 3 (67), l-Artikoli 105 u 121.

HU: L-Att CXXVII tal-2012 dwar il-Kamra tal-Veterinarji Ungeriża u dwar il-kundizzjonijiet kif jiġu pprovduti s-servizzi Veterinarji.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Hija meħtieġa l-preżenza fiżika fit-territorju sabiex wieħed jipprovdi servizzi veterinarji.

Fl-IT u fil-PT: Hija meħtieġa r-residenza sabiex wieħed jipprovdi servizzi veterinarji.

Fil-PL: Hija meħtieġa l-preżenza fiżika fit-territorju sabiex wieħed jipprovdi servizzi veterinarji. Biex jeżerċitaw il-professjoni ta' kirurgu veterinarju fit-territorju tal-Polonja, in-nazzjonali mhux tal-Unjoni jridu jgħaddu minn eżami fil-lingwa Pollakka organizzat mill-Kmamar tal-Kirurgi Veterinarji Pollakki.

Fis-SI: Persuni ġuridiċi u fiżiċi stabbiliti fi Stat Membru għall-iskop li jipprovdu attivitajiet veterinarji biss jistgħu jipprovdu servizzi veterinarji transfruntieri lir-Repubblika tas-Slovenja.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Preżenza lokali:

Fis-SK: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għar-reġistrazzjoni fil-kamra professjonali, li hija meħtieġa għall-eżerċizzju tal-professjoni. Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa ristrett għal persuni fiżiċi.

Miżuri:

CZ: L-Att Nru 166/1999 Coll. (l-Att dwar il-Veterinarji), §58-63, 39; kif ukoll

l-Att Nru 381/1991 Coll. (dwar il-Kamra tal-Kirurgi Veterinarji tar-Repubblika Ċeka), il-paragrafu 4.

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv C.P.S. 233/1946, l-Artikoli 7-9; kif ukoll

id-Digriet tal-President tar-Repubblika (DPR) 221/1950, il-paragrafu 7.

PL: Il-Liġi tal-21 ta' Diċembru 1990 dwar il-Professjoni ta' Kirurgu Veterinarju u l-Kmamar tal-Kirurgi Veterinarji.

PT: Id-Digriet Liġi 368/91 (l-Istatut tal-Assoċjazzjoni Professjonali Veterinarja) alterado p/ Lei 125/2015, 3 ta' Settembru

SI: Pravilnik o priznavanju poklicnih kvalifikacij veterinarjev (Regoli dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali għall-veterinarji), Uradni list RS, št. (Il-Gazzetta Uffiċjali Nru 71/2008, 7/2011, 59/2014 f'21/2016, l-Att dwar is-servizzi fis-suq intern, Il-Gazzetta Uffiċjali RS No 21/2010).

SK: L-Att 442/2004 dwar it-Tobba Veterinarji Privati u l-Kamra tat-Tobba Veterinarji, l-Artikolu 2.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-DE (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa ristrett għal persuni fiżiċi. It-telemediċina tista' tiġi pprovduta biss fil-kuntest ta' trattament primarju li jinvolvi l-preżenza fiżika minn qabel ta' veterinarju.

Fid-DK u fin-NL: Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa ristrett għal persuni fiżiċi.

Fl-IE: Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa ristrett għal persuni fiżiċi jew soċjetajiet.

Fil-LV: Il-forniment ta' servizzi veterinarji huwa ristrett għal persuni fiżiċi.

Miżuri:

DE: Bundes-Tierärzteordnung (BTÄO; il-Kodiċi Federali għall-Professjoni Veterinarja).

Livell reġjonali:

L-Atti dwar il-Kunsilli għall-Professjoni Medika tal-Länder (Heilberufs- und Kammergesetze der Länder) u (fuq il-bażi ta' dawk)

Baden-Württemberg, Gesetz über das Berufsrecht und die Kammern der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte Apotheker, Psychologischen Psychotherapeuten sowie der Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (Heilberufe-Kammergesetz – HBKG);

Bayern, Gesetz über die Berufsausübung, die Berufsvertretungen und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker sowie der Psychologischen Psychotherapeuten und der Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (Heilberufe-Kammergesetz – HKaG);

Berlin, Berliner Heilberufekammergesetz (BlnHKG);

Brandenburg, Heilberufsgesetz (HeilBerG);

Bremen, Gesetz über die Berufsvertretung, die Berufsausübung, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Psychotherapeuten, Tierärzte und Apotheker (Heilberufsgesetz – HeilBerG);

Hamburg, Hamburgisches Kammergesetz für die Heilberufe (HmbKGH);

Hessen, Gesetz über die Berufsvertretungen, die Berufsausübung, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker, Psychologischen Psychotherapeuten und Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten (Heilberufsgesetz);

Mecklenburg-Vorpommern, Heilberufsgesetz (HeilBerG);

Niedersachsen, Kammergesetz für die Heilberufe (HKG);

Nordrhein-Westfalen, Heilberufsgesetz NRW (HeilBerg);

Rheinland-Pfalz, Heilberufsgesetz (HeilBG);

Saarland, Gesetz Nr. 1405 über die öffentliche Berufsvertretung, die Berufspflichten, die Weiterbildung und die Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte/Ärztinnen, Zahnärzte/Zahnärztinnen,Tierärzte/Tierärztinnen und Apotheker/Apothekerinnen im Saarland (Saarländisches Heilberufekammergesetz – SHKG);

Sachsen, Gesetz über Berufsausübung, Berufsvertretungen und Berufsgerichtsbarkeit der Ärzte, Zahnärzte, Tierärzte, Apotheker sowie der Psychologischen Psychotherapeuten und der Kinder- und Jugendlichenpsychotherapeuten im Freistaat Sachsen (Sächsisches Heilberufekammergesetz – SächsHKaG);

Sachsen-Anhalt, Gesetz über die Kammern für Heilberufe Sachsen-Anhalt (KGHB-LSA);

Schleswig-Holstein, Gesetz über die Kammern und die Berufsgerichtsbarkeit für die Heilberufe (Heilberufekammergesetz – HBKG);

Thüringen, Thüringer Heilberufegesetz (ThürHeilBG); kif ukoll

Berufsordnungen der Kammern (il-Kodiċijiet ta' Kondotta Professjonali tal-Kunsilli tal-Prattikanti Veterinarji).

DK: Lovbekendtgørelse nr. 40 af lov om dyrlæger af 15. januar 2020 (l-Att konsolidat Nru 40 tal-15 ta' Jannar 2020, dwar il-kirurgi veterinarji).

IE: L-Att tal-2005 dwar il-Prattika Veterinarja.

LV: Il-Liġi dwar il-Mediċina Veterinarja.

NL: Wet op de uitoefening van de diergeneeskunde 1990 (WUD).

(c) Bejgħ bl-imnut ta’ prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara (CPC 63211)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fl-AT: Il-bejgħ bl-imnut ta’ prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku jista’ jsir biss minn spiżerija. Hija meħtieġa n-nazzjonalità ta’ Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera sabiex wieħed jopera spiżerija. Hija meħtieġa n-nazzjonalità ta’ Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera għad-detenturi tal-kirja u l-persuni responsabbli mit-tmexxija ta’ spiżerija.

Miżuri:

AT: Apothekengesetz (il-Liġi dwar l-Ispiżeriji), RGBl. Nru 5/1907 kif emendata, §§ 3, 4, 12; Arzneimittelgesetz (l-Att dwar il-Medikazzjoni), BGBl. Nru 185/1983 kif emendat, §§ 57, 59, 59a; u Medizinproduktegesetz (il-Liġi dwar il-Prodotti Mediċi), BGBl. Nru 657/1996 kif emendata, § 99.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-DE: Persuni fiżiċi (spiżjara) biss huma permessi li joperaw spiżerija. Nazzjonali ta' pajjiżi oħra jew persuni li ma jkunux għaddew mill-eżami tal-ispiżeriji Ġermaniż jistgħu jiksbu biss liċenzja biex jieħdu f'idejhom spiżerija li diġà kienet teżisti matul it-tliet snin preċedenti. L-għadd totali ta' spiżeriji għal kull persuna huwa ristrett għal spiżerija waħda u sa tliet fergħat ta' spiżeriji.

Fi FR: Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera sabiex wieħed jopera spiżerija.

Spiżjara barranin jista' jingħatalhom permess ta' stabbiliment fi ħdan kwoti stabbiliti annwalment. Il-ftuħ ta' spiżerija jrid ikun awtorizzat. Il-preżenza kummerċjali inkluż il-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti mediċinali lill-pubbliku permezz ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, trid tieħu waħda mill-forom legali permessi skont il-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja: "société d'exercice libéral" (SEL) anonyme, par actions simplifiée, à responsabilité limitée unipersonnelle jew pluripersonnelle, en commandite par actions, société en noms collectifs (SNC) jew société à responsabilité limitée (SARL) unipersonnelle jew pluripersonnelle biss.

Miżuri:

DE: Gesetz über das Apothekenwesen (ApoG; l-Att Ġermaniż dwar l-Ispiżeriji); Bundes-Apothekerordnung;

Gesetz über den Verkehr mit Arzneimitteln (AMG);

Gesetz über Medizinprodukte (MPG);

Verordnung zur Regelung der Abgabe von Medizinprodukten (MPAV).

FR: Code de la santé publique; kif ukoll

Loi 90-1258 du 31 décembre 1990 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales and Loi 2015-990 du 6 août 2015.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fil-EL: Hija meħtieġa n-nazzjonalità tal-Unjoni sabiex wieħed jopera spiżerija.

Fl-HU: Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE sabiex wieħed jopera spiżerija.

Fil-LV: Sabiex jibda prattika indipendenti fi spiżerija, spiżjar jew assistent spiżjar barrani, li jkun studja fi Stat li mhuwiex Stat Membru jew Stat Membru taż-ŻEE, irid jaħdem għal mill-anqas sena fi spiżerija fi Stat Membru taż-ŻEE taħt is-superviżjoni ta' spiżjar.

Miżuri:

EL: Il-Liġi 5607/1932 kif emendata bil-Liġijiet 1963/1991 u 3918/2011; Id-Digriet Presidenzjali 64/2018 (Gazzetta tal-Gvern 124/ħarġa A/11-7-2018).

HU: L-Att XCVIII tal-2006 dwar id-Dispożizzjonijiet Ġenerali Relatati mal-Forniment Affidabbli u Ekonomikament Fattibbli ta' Prodotti Mediċinali u Apparat Mediku u dwar id-Distribuzzjoni ta' Prodotti Mediċinali.

LV: Il-Liġi Farmaċewtika, l-Artikolu 38.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fil-BG: Il-maniġers tal-ispiżeriji jridu jkunu spiżjara kkwalifikati u jistgħu jimmaniġġaw spiżerija waħda biss li huma stess jaħdmu fiha. Teżisti kwota (mhux aktar minn erbgħa) għall-għadd ta' spiżeriji li jista' jkollha persuna waħda fir-Repubblika tal-Bulgarija.

Fid-DK: Persuni fiżiċi biss, li jkunu ngħataw liċenzja ta' spiżjar mill-Awtorità Daniża tas-Saħħa u l-Mediċini, huma permessi li jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku.

Fi ES, HR, HU, u PT: L-awtorizzazzjoni ta' stabbiliment hija soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-kondizzjonijiet tal-popolazzjoni u tad-densità fiż-żona.

Fl-IE: Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti farmaċewtiċi huwa pprojbit, bl-eċċezzjoni ta' mediċini li ma għandhomx bżonn riċetta.

F'MT: Ħruġ ta' liċenzji għal Spiżeriji b'ċerti restrizzjonijiet. L-ebda persuna ma għandu jkollha aktar minn liċenzja waħda f'isimha fi kwalunkwe belt jew raħal (ir-Regolament 5(1) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (LN279/07)), ħlief f'każ li ma jkunx hemm aktar applikazzjonijiet għal dik il-belt jew raħal (ir-Regolament 5(2) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (LN279/07)).

Fil-PT: F'kumpaniji kummerċjali li fihom il-kapital ikun rappreżentat minn ishma, dawn għandhom ikunu nominattivi. Persuna ma għandhiex iżżomm jew teżerċita, fl-istess ħin, direttament jew indirettament, is-sjieda, l-operat jew il-ġestjoni ta' aktar minn erba' spiżeriji.

Fis-SI: In-network tal-ispiżeriji fis-Slovenja jikkonsisti minn istituzzjonijiet ta' spiżeriji pubbliċi, proprjetà tal-muniċipalitajiet, u minn spiżeriji privati b'konċessjoni fejn is-sid maġġoritarju jrid ikun fil-professjoni ta' spiżjar. Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti farmaċewtiċi li jeħtieġu riċetta huwa pprojbit. Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' mediċini li ma għandhomx bżonn riċetta jeħtieġ permess speċjali mill-Istat.

Miżuri:

BG: Il-Liġi dwar Prodotti Mediċinali fil-Mediċina tal-Bniedem, l-Artikoli 222, 224, 228.

DK: Apotekerloven (l-Att Daniż dwar l-Ispiżeriji) LBK Nru 1040 03/09/2014.

ES: Ley 16/1997, de 25 de abril, de regulación de servicios de las oficinas de farmacia (il-Liġi 16/1997, tal-25 ta' April, li tirregola s-servizzi fl-ispiżeriji), l-Artikoli 2, 3.1; u

Real Decreto Legislativo 1/2015, de 24 de julio por el que se aprueba el Texto refundido de la Ley de garantías y uso racional de los medicamentos y productos sanitarios (Ley 29/2006).

HR: L-Att dwar il-Kura tas-Saħħa (OG 100/18, 125/19).

HU: L-Att XCVIII tal-2006 dwar id-Dispożizzjonijiet Ġenerali Relatati mal-Forniment Affidabbli u Ekonomikament Fattibbli ta' Prodotti Mediċinali u Apparat Mediku u dwar id-Distribuzzjoni ta' Prodotti Mediċinali.

IE: L-Atti tal-1995 u tal-2006 dwar il-Bordijiet tal-Mediċina tal-Irlanda (Nru 29 tal-1995 u Nru 3 tal-2006); ir-Regolamenti tal-2003 dwar il-Prodotti Mediċinali (Preskrizzjoni u Kontroll tal-Forniment), kif emendati (S.I. 540 tal-2003); ir-Regolamenti tal-2007 dwar il-Prodotti Mediċinali (Kontroll tat-Tqegħid fis-Suq), kif emendati (S.I. 540 tal-2007); l-Att tal-2007 dwar l-Ispiżeriji (Nru 20 tal-2007); ir-Regolamenti tal-2008 dwar ir-Regolamentazzjoni tan-Negozji tal-Ispiżeriji bl-Imnut, kif emendati, (S.I. Nru 488 tal-2008).

MT: Ir-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (AL279/07) maħruġa skont l-Att dwar il-Mediċini (Kap. 458).

PT: Id-Digriet Liġi 307/2007, l-Artikoli 9, 14 u 15 Alterado p/ Lei 26/2011, 16 jun., alterada:

– p/ Acórdão TC 612/2011, 24/01/2012;

– p/ Decreto-Lei 171/2012, 1 ago.;

– p/ Lei 16/2013, 8 fev.;

– p/ Decreto-Lei 128/2013, 5 set.;

– p/ Decreto-Lei 109/2014, 10 jul.;

– p/ Lei 51/2014, 25 ago.;

– p/ Decreto-Lei 75/2016, 8 nov.; u l-Ordinanza 1430/2007revogada p/ Portaria 352/2012, 30 out.

SI: L-Att dwar is-Servizzi tal-Ispiżeriji (Il-Gazzetta Uffiċjali tal-RS Nru 85/2016, 77/2017, 73/2019); u l-Att dwar il-Prodotti Mediċinali (Il-Gazzetta Uffiċjali tal-RS, Nru 17/2014, 66/2019).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-IT: Il-prattika tal-professjoni hija possibbli biss għal persuni fiżiċi rreġistrati fir-reġistru, kif ukoll għal persuni ġuridiċi fil-forma ta' soċjetajiet, fejn kull soċju tal-kumpanija jrid ikun irreġistrat bħala spiżjar. Ir-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali tal-ispiżjara tirrikjedi n-nazzjonalità ta' Stat Membru jew ir-residenza u l-prattika tal-professjoni fl-Italja. Nazzjonali barranin li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa jistgħu jirreġistraw jekk ikunu ċittadini ta' pajjiż li miegħu l-Italja jkollha ftehim speċjali li jawtorizza l-eżerċizzju tal-professjoni, bil-kundizzjoni tar-reċiproċità (id-Digriet Leġiżlattiv CPS 233/1946 l-Artikoli 7-9 u D.P.R. 221/1950 il-paragrafi 3 u 7). Spiżeriji ġodda jew vakanti jiġu awtorizzati wara kompetizzjoni pubblika. Nazzjonali ta' Stat Membru rreġistrati fir-Reġistru tal-Ispiżjara (albo) biss jistgħu jipparteċipaw f'kompetizzjoni pubblika.

L-awtorizzazzjoni ta' stabbiliment hija soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-kondizzjonijiet tal-popolazzjoni u tad-densità fiż-żona.

Miżuri:

IT: Il-Liġi 362/1991, l-Artikoli 1, 4, 7 u 9;

id-Digriet Leġiżlattiv CPC 233/1946, l-Artikoli 7-9; kif ukoll

id-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R. 221/1950, il-paragrafi 3 u 7).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'CY: Japplika rekwiżit tan-nazzjonalità għall-forniment ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti mill-ispiżjara (CPC 63211).

Miżuri:

CY: Il-Liġi dwar l-Ispiżeriji u l-Veleni (il-Kapitolu 254) kif emendata.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-BG, il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku jista' jsir biss minn spiżerija. Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti farmaċewtiċi huwa pprojbit, bl-eċċezzjoni ta' mediċini li ma għandhomx bżonn riċetta.

Fl-EE: Il-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku jista' jsir biss minn spiżerija. Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti mediċinali kif ukoll il-konsenja bil-posta jew servizz espress ta' prodotti mediċinali ordnati mill-Internet huwa pprojbit. L-awtorizzazzjoni ta' stabbiliment hija soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-kondizzjonijiet ta' densità fiż-żona.

Fil-EL: Persuni fiżiċi, li jkunu spiżjara liċenzjati, u kumpaniji stabbiliti minn spiżjara liċenzjati biss huma permessi li jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku.

Fi ES: Persuni fiżiċi biss, li jkunu spiżjara liċenzjati, jistgħu jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku. L-ebda spiżjar ma jista' jikseb aktar minn liċenzja waħda.

Fil-LU: Persuni fiżiċi biss jistgħu jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u prodotti mediċi speċifiċi lill-pubbliku.

Fin-NL: Il-bejgħ bil-korrispondenza tal-mediċina huwa soġġett għal rekwiżiti.

Fil-PL: Il-prattika tal-professjoni hija possibbli biss għal persuni fiżiċi rreġistrati fir-reġistru, kif ukoll għal persuni ġuridiċi fil-forma ta' soċjetajiet, fejn kull soċju tal-kumpanija jrid ikun irreġistrat bħala spiżjar.

Miżuri:

BG: Il-Liġi dwar Prodotti Mediċinali fil-Mediċina tal-Bniedem, l-Artikoli 219, 222, 228, 234(5).

EE: Ravimiseadus (l-Att dwar il-Prodotti Mediċinali), RT I 2005, 2, 4; § 29 (2) u § 41 (3); u Tervishoiuteenuse korraldamise seadus (l-Att dwar l-Organizzazzjoni tas-Servizzi tas-Saħħa, RT I 2001, 50, 284).

EL: Il-Liġi 5607/1932 kif emendata bil-Liġijiet 1963/1991 u 3918/2011.

ES: Ley 16/1997, de 25 de abril, de regulación de servicios de las oficinas de farmacia (il-Liġi 16/1997, tal-25 ta' April, li tirregola s-servizzi fl-ispiżeriji), l-Artikoli 2, 3.1; kif ukoll

Real Decreto Legislativo 1/2015, de 24 de julio por el que se aprueba el Texto refundido de la Ley de garantías y uso racional de los medicamentos y productos sanitarios (Ley 29/2006).

LU: Loi du 4 juillet 1973 concernant le régime de la pharmacie (l-anness a043);

Règlement grand-ducal du 27 mai 1997 relatif à l'octroi des concessions de pharmacie (l-anness a041); kif ukoll

Règlement grand-ducal du 11 février 2002 modifiant le règlement grand-ducal du 27 mai 1997 relatif à l'octroi des concessions de pharmacie (l-anness a017).

NL: Geneesmiddelenwet, l-Artikolu 67.

PL: L-Artikolu 99. Il-Paragrafu 4, l-ATT tas-6 ta' Settembru 2001 – Liġi farmaċewtika Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2021.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-BG: Hija meħtieġa residenza permanenti għall-ispiżjara.

Miżuri:

BG: Il-Liġi dwar Prodotti Mediċinali fil-Mediċina tal-Bniedem, l-Artikoli 146, 161, 195, 222, 228.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-DE, SK: Hija meħtieġa r-residenza sabiex tinkiseb liċenzja ta' spiżjar jew għall-ftuħ ta' spiżerija għall-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u ċerti prodotti mediċi lill-pubbliku.

Miżuri:

DE: Gesetz über das Apothekenwesen (ApoG; l-Att Ġermaniż dwar l-Ispiżeriji);

Gesetz über den Verkehr mit Arzneimitteln (AMG); u

Gesetz über Medizinprodukte (MPG);

Verordnung zur Regelung der Abgabe von Medizinprodukten (MPAV).

SK: L-Att 362/2011 dwar il-farmaċewtiċi u l-apparati mediċi, l-Artikolu 6; kif ukoll

l-Att 578/2004 dwar il-fornituri tal-kura tas-saħħa, l-impjegati mediċi, l-organizzazzjoni professjonali fil-kura tas-saħħa.

Riżerva Nru 4 – Is-servizzi ta' riċerka u żvilupp

Settur – sottosettur: Servizzi ta' riċerka u żvilupp (R&Ż)

Klassifikazzjoni tal-industrija: CPC 851, 853

Obbligi kkonċernati: Aċċess għas-suq

Trattament nazzjonali

Kapitolu: Liberalizzazzjoni tal-kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Livell ta' gvern: UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

L-UE: Għal servizzi ta' R&Ż iffinanzjati pubblikament li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut mill-Unjoni fil-livell tal-Unjoni, id-drittijiet jew l-awtorizzazzjonijiet esklużivi jistgħu jingħataw biss lil nazzjonali tal-Istati Membri u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni (CPC 851, 853).

Għal servizzi ta' R&Ż iffinanzjati pubblikament li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut minn Stat Membru, id-drittijiet jew l-awtorizzazzjonijiet esklużivi jistgħu jingħataw biss lil nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat u lil persuni ġuridiċi tal-Istat Membru kkonċernat li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom f'dak l-Istat Membru (CPC 851, 853).

Miżuri:

UE: Il-programmi qafas kollha eżistenti u futuri tal-Unjoni dwar ir-riċerka jew l-innovazzjoni, inklużi r-Regoli ta' Orizzont 2020 għall-Parteċipazzjoni u r-regolamenti li jirrigwardaw l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs), u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), kif ukoll il-programmi ta' riċerka nazzjonali, reġjonali jew lokali eżistenti u futuri.

Riżerva Nru 5 – Is-servizzi tal-proprjetà immobbli

Settur – sottosettur: Servizzi ta' proprjetà immobbli

Klassifikazzjoni tal-industrija: CPC 821, 822

Obbligi kkonċernati: Aċċess għas-suq

Trattament nazzjonali

Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit

Preżenza lokali

Kapitolu: Liberalizzazzjoni tal- kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Livell ta' gvern: UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'CY: Għall-forniment ta' servizzi ta' proprjetà immobbli, japplikaw kundizzjonijiet ta' nazzjonalità u residenza.

Miżuri:

CY: Il-Liġi dwar l-Aġenti tal-Proprjetà Immobbli 71(1)/2010 kif emendata.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Huma meħtieġa r-residenza għall-persuni fiżiċi u l-istabbiliment għall-persuni ġuridiċi fiċ-Ċekja sabiex tinkiseb liċenzja meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' proprjetà immobbli.

Fil-HR: Hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali fiż-ŻEE sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' proprjetà immobbli.

Fil-PT: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għall-persuni fiżiċi. Hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fiż-ŻEE għall-persuni ġuridiċi.

Miżuri:

CZ: L-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ.

HR: L-Att dwar is-Senserija ta' Proprjetà Immobbli (OG 107/07 u 144/12), l-Artikolu 2.

PT: Id-Digriet Liġi 211/2004 (l-Artikoli 3 u 25), kif emendat u ppubblikat mill-ġdid bid-Digriet Liġi 69/2011.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fid-DK: Għall-forniment ta' servizzi ta' proprjetà immobbli minn persuna fiżika preżenti fit-territorju tad-Danimarka, aġenti tal-proprjetà immobbli awtorizzati li jkunu persuni fiżiċi li ġew ammessi fir-reġistru tal-aġenti tal-proprjetà immobbli tal-Awtorità Daniża tan-Negozju biss jistgħu jużaw it-titolu ta' "aġent tal-proprjetà immobbli". L-att jirrikjedi li l-applikant ikun residenti Daniż jew residenti tal-Unjoni, taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

L-Att dwar il-bejgħ ta' proprjetà immobbli huwa applikabbli biss meta jiġu pprovduti servizzi ta' proprjetà immobbli lill-konsumaturi. L-Att dwar il-bejgħ ta' proprjetà immobbli ma japplikax għal-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli (CPC 822).

Miżuri:

DK: Lov om formidling af fast ejendom m.v. lov. nr. 526 af 28.05.2014 (L-Att dwar il-bejgħ ta' proprjetà immobbli).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fis-SI: Sa fejn New Zealand tippermetti lin-nazzjonali u lill-intrapriżi Sloveni jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-proprjetà immobbli, is-Slovenja se tippermetti lin-nazzjonali u lill-intrapriżi ta' New Zealand jipprovdu servizzi ta' aġenti tal-proprjetà immobbli bl-istess kundizzjonijiet, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin: id-dritt li jaġixxu bħala aġent tal-proprjetà immobbli fi New Zealand, is-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni rilevanti dwar l-impunità fi proċeduri kriminali, u l-iskrizzjoni fir-reġistru tal-aġenti tal-proprjetà immobbli fil-Ministeru kompetenti fis-Slovenja.

Miżuri:

SI: L-Att dwar l-Aġenziji tal-Proprjetà Immobbli.

Riżerva Nru 6 – Is-servizzi kummerċjali

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi kummerċjali – servizzi ta' kiri jew lokazzjoni mingħajr operaturi; servizzi relatati mal-konsulenza maniġerjali; ittestjar u analiżijiet tekniċi; servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati; servizzi inċidentali għall-agrikoltura; servizzi tas-sigurtà; servizzi ta' kollokament; servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni u servizzi kummerċjali oħra |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | ISIC Rev. 37, parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, 831, parti minn 85990, 86602, 8675, 8676, 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209, 87901, 87902, 87909, 88, parti minn 893 |
| Obbligi kkonċernati: | Aċċess għas-suq<br><br>Trattament nazzjonali<br><br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit<br><br>Preżenza lokali |
| Kapitolu: | Kummerċ fis-servizzi u l-investiment |
| Livell ta' gvern: | UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

(a) Servizzi ta' kiri jew lokazzjoni mingħajr operaturi (CPC 83103, CPC 831)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-SE: Biex tittajjar il-bandiera Żvediża, trid tintwera prova ta' influwenza operattiva Żvediża dominanti fil-każ ta' interessi ta' sjieda barranin fil-bastimenti. Influwenza operattiva Żvediża dominanti tfisser li l-operat tal-bastiment ikun jinsab fl-Iżvezja u li aktar minn nofs l-ishma tal-bastiment ikunu taħt sjieda Żvediża jew sjieda ta' persuni f'pajjiż ieħor taż-ŻEE. Bastimenti barranin oħra jistgħu taħt ċerti kondizzjonijiet jingħataw eżenzjoni minn din ir-regola meta jkunu mikrija jew b'lokazzjoni minn persuni ġuridiċi Żvediżi permezz ta' kuntratti ta' noleġġ ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ (CPC 83103).

Miżuri:

SE: Sjölagen (Il-Liġi Marittima) (1994:1009), il-Kapitolu 1, § 1.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-SE: Il-fornituri ta' servizzi ta' kiri jew lokazzjoni ta' karozzi u ċerti vetturi off-road (terrängmotorfordon) mingħajr sewwieq, mikrija jew leased għal perjodu ta' anqas minn sena, huma obbligati jaħtru lil xi ħadd biex ikun responsabbli biex jiżgura, fost affarijiet oħra, li n-negozju jitwettaq f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli u li r-regoli tas-sikurezza tat-traffiku fit-toroq jiġu segwiti. Il-persuna responsabbli trid tkun residenti fiż-ŻEE (CPC 831).

Miżuri:

SE: Lag (1998: 492) om biluthyrning (l-Att dwar il-kiri u l-lokazzjoni ta' karozzi).

(b) Servizzi ta' kiri jew lokazzjoni u servizzi kummerċjali oħra relatati mal-avjazzjoni

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

L-UE: Għall-kiri jew il-lokazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (dry lease), l-inġenji tal-ajru użati minn trasportatur tal-ajru tal-Unjoni huma soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli dwar ir-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru. Ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ li għalih trasportatur tal-Unjoni ikun parti għandu jkun soġġett għal rekwiżiti fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġi nazzjonali dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni, bħall-approvazzjoni minn qabel u kundizzjonijiet oħra applikabbli għall-użu ta' inġenji tal-ajru rreġistrati ta' pajjiżi terzi. Biex jiġu rreġistrati, l-inġenji tal-ajru jistgħu jkunu meħtieġa li jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi li jissodisfaw kriterji speċifiċi ta' nazzjonalità, jew ta' intrapriżi li jissodisfaw kriterji speċifiċi rigward is-sjieda tal-kapital u l-kontroll (CPC 83104)

Fir-rigward tas-servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CRS"), fejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni ma jingħatawx, minn fornituri ta' servizzi ta' CRS li joperaw barra mill-Unjoni, trattament ekwivalenti (li jfisser mhux diskriminatorju) għat-trattament ipprovdut mill-fornituri ta' servizzi ta' CRS tal-Unjoni lil trasportaturi tal-ajru ta' pajjiż terz fl-Unjoni, jew fejn il-fornituri ta' servizzi ta' CRS tal-Unjoni ma jingħatawx, minn trasportaturi tal-ajru mhux tal-Unjoni, trattament ekwivalenti għat-trattament ipprovdut minn trasportaturi tal-ajru fl-Unjoni lil fornituri ta' servizzi ta' CRS ta' pajjiż terz, jistgħu jittieħdu miżuri sabiex jingħata trattament ekwivalenti diskriminatorju, rispettivament, lit-trasportaturi tal-ajru mhux tal-Unjoni mill-fornituri ta' servizzi ta' CRS li joperaw fl-Unjoni, jew lill-fornituri ta' servizzi ta' CRS mhux tal-Unjoni minn trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni.

Miżuri:

UE: Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]; u r-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2];

---

1 Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU UE L 293, 31.10.2008, p. 3).

2 Ir-Regolament (KE) Nru 80/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar Kodiċi ta' Kondotta għal sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2299/89 (ĠU UE L 35, 4.2.2009, p. 47).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BE: Inġenji tal-ajru privati (ċivili) li jappartjenu lil persuni fiżiċi li ma jkunux nazzjonali ta' Stat Membru taż-ŻEE jistgħu jiġu rreġistrati biss jekk dawn ikunu domiċiljati jew residenti fil-Belġju mingħajr interruzzjoni għal mill-anqas sena. Inġenji tal-ajru privati (ċivili) li jappartjenu lil entitajiet ġuridiċi barranin mhux iffurmati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru taż-ŻEE jistgħu jiġu rreġistrati biss jekk dawn ikollhom sede tal-operazzjonijiet, aġenzija jew uffiċċju fil-Belġju mingħajr interruzzjoni għal mill-anqas sena (CPC 83104).

Miżuri:

BE: Arrêté Royal du 15 mars 1954 réglementant la navigation aérienne.

(c) Servizzi relatati ma' konsulenza maniġerjali – servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni (CPC 86602)

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BG: Għas-servizzi ta' medjazzjoni, hija meħtieġa residenza permanenti jew fit-tul fir-Repubblika tal-Bulgarija għal ċittadini ta' pajjiżi li mhumiex Stat membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

Fl-HU: Hija meħtieġa notifika, għall-ammissjoni fir-reġistru, lill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja sabiex jiġu pprovduti attivitajiet ta' medjazzjoni (bħal konċiljazzjoni).

Miżuri:

BG: L-Att dwar il-Medjazzjoni, l-Artikolu 8.

HU: L-Att LV tal-2002 dwar il-Medjazzjoni.

(d) Servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi (CPC 8676)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'CY: Il-forniment ta' servizzi minn kimiċi u bijoloġi jeħtieġ in-nazzjonalità ta' Stat Membru.

Fi FR: Il-professjoni ta' bijologu hija riżervata għal persuni fiżiċi, u hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE.

Miżuri:

CY: Il-Liġi tal-1988 dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Ispiżjara (il-Liġi 157/1988), kif emendata.

FR: Code de la Santé Publique.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Preżenza lokali:

Fil-BG: Huma meħtieġa l-istabbiliment fil-Bulgarija skont l-Att Kummerċjali Bulgaru u r-reġistrazzjoni fir-Reġistru kummerċjali sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi.

Għall-ispezzjoni perjodika għall-prova tal-kundizzjoni teknika tal-vetturi tat-trasport bit-triq, persuna għandha tkun irreġistrata f'konformità mal-Att Kummerċjali Bulgaru jew l-Att dwar il-Persuni Ġuridiċi Mingħajr Skop ta' Qligħ, jew inkella tkun irreġistrata fi Stat Membru ieħor taż-ŻEE.

L-ittestjar u l-analiżi tal-kompożizzjoni u tal-purità tal-arja u tal-ilma jistgħu jitwettqu biss mill-Ministeru tal-Ambjent u l-Ilma tal-Bulgarija, jew mill-aġenziji tiegħu.

Miżuri:

BG: L-Att dwar ir-Rekwiżiti Tekniċi għall-Prodotti;

l-Att dwar il-Kejl;

l-Att dwar Arja Ambjentali Nadifa;

l-Artikolu 148, il-Paragrafu 2, l-Att dwar it-Traffiku fit-Toroq;

l-Att dwar l-Ilma; u

l-Ordinanza N-32 għall-ispezzjoni perjodika għall-prova tal-kundizzjoni teknika tal-vetturi tat-trasport bit-triq.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fl-IT: Għall-bijologi, l-analisti kimiċi, l-agronomi u l-"periti agrari", huma meħtieġa r-residenza u r-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali. In-nazzjonali ta' pajjiżi terzi jistgħu jirreġistraw bil-kondizzjoni ta' reċiproċità.

Miżuri:

IT: Bijologi, analisti kimiċi: il-Liġi 396/1967 dwar il-professjoni ta' bijologi; u d-Digriet Irjali 842/1928 dwar il-professjoni ta' analisti kimiċi.

(e) Servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati (CPC 8675)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fl-IT: Huma meħtieġa r-residenza jew id-domiċilju professjonali fl-Italja għar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-ġeologi, li hija meħtieġa għall-prattika tal-professjonijiet ta' servejer jew ġeologu sabiex jiġu pprovduti servizzi relatati mal-esplorazzjoni u l-operat tal-minjieri, eċċ. Hija meħtieġa n-nazzjonalità ta' Stat Membru, madankollu, il-barranin jistgħu jirreġistraw bil-kundizzjoni ta' reċiproċità.

Miżuri:

IT: Ġeologi: Il-Liġi 112/1963, l-Artikoli 2 u 5; D.P.R. 1403/1965, l-Artikolu 1.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-BG: Għall-persuni fiżiċi, hija meħtieġa n-nazzjonalità u r-residenza ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera sabiex jiġu pprovduti servizzi pertinenti għall-ġeodesija, il-kartografija u l-istħarriġ katastali. Għall-entitajiet ġuridiċi, hija meħtieġa r-reġistrazzjoni kummerċjali skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

Miżuri:

BG: L-Artikolu 16-17, l-Att dwar ir-Reġistru tal-Katasti u tal-Proprjetajiet; u l-Artikolu 24, il-Paragrafu 1, l-Att dwar il-Ġeodesija u l-Kartografija.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'CY: Japplika rekwiżit tan-nazzjonalità għall-forniment tas-servizzi rilevanti.

Miżuri:

CY: il-Liġi 224/1990 kif emendata.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-Investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ Transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fi FR: Għall-istħarriġ, l-aċċess permezz ta' "société d'exercice liberal" (SEL) (anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions), "société civile professionnelle" (SCP), "société anonyme" (SA) u "société à responsabilité limitée" (SARL) (sociétés anonymes, à responsabilité limitée) biss. Għas-servizzi ta' esplorazzjoni u ta' prospettar huwa meħtieġ l-istabbiliment. Tista' ssir eżenzjoni minn dan ir-rekwiżit fil-każ ta' riċerkaturi xjentifiċi, b'deċiżjoni tal-Ministru tar-riċerka xjentifika, bi qbil mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin.

Miżuri:

FR: Loi 46-942 du 7 mai 1946 u décret n°71-360 du 6 mai 1971.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-HR: Is-servizzi ta' konsulenza ġeoloġika, ġeodetika u minerarja bażika kif ukoll is-servizzi ta' konsulenza relatati dwar il-protezzjoni tal-ambjent fit-territorju tal-Kroazja jistgħu jitwettqu biss b'mod konġunt ma' jew permezz ta' persuni ġuridiċi domestiċi.

Miżuri:

HR: L-Ordinanza dwar ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' approvazzjonijiet lil persuni ġuridiċi għat-twettiq ta' attivitajiet professjonali ta' protezzjoni ambjentali (OG Nru 57/10), l-Artikoli 32-35.

(f) Servizzi inċidentali għall-agrikoltura (parti minn CPC 88)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fl-IT: Għall-bijologi, l-analisti kimiċi, l-agronomi u l-"periti agrari", huma meħtieġa r-residenza u r-reġistrazzjoni fir-reġistru professjonali. In-nazzjonali ta' pajjiżi terzi jistgħu jirreġistraw bil-kondizzjoni ta' reċiproċità.

Miżuri:

IT: Bijologi, analisti kimiċi: il-Liġi 396/1967 dwar il-professjoni ta' bijologi; u d-Digriet Irjali 842/1928 dwar il-professjoni ta' analisti kimiċi.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-PT: Il-professjonijiet ta' bijologu, analist kimiku u agronomu huma riżervati għal persuni fiżiċi. Għan-nazzjonali ta' pajjiżi terzi, japplika reġim ta' reċiproċità fil-każ tal-inġiniera u tal-inġiniera tekniċi (u mhux rekwiżit ta' ċittadinanza). Għall-bijologi, la hemm rekwiżit ta' ċittadinanza u lanqas ta' reċiproċità.

Miżuri:

PT: Id-Digriet Liġi 119/92 alterado p/ Lei 123/2015, 2 set. (Ordem dos Engenheiros);

il-Liġi 47/2011 alterado p/ Lei 157/2015, 17 set. (Ordem dos Engenheiros Técnicos); kif ukoll

id-Digriet Liġi 183/98 alterado p/ Lei 159/2015, 18 set. (Ordem dos Biólogos).

(g) Servizzi tas-sigurtà (CPC 87302, 87303, 87304, 87305, 87309)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-IT: Huma meħtieġa n-nazzjonalità ta' Stat Membru u r-residenza sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni neċessarja għall-forniment ta' servizzi ta' gwardja tas-sigurtà u t-trasport ta' oġġetti ta' valur.

Fil-PT: Il-forniment ta' servizzi tas-sigurtà minn fornitur barrani fuq bażi transfruntiera mhuwiex permess.

Jeżisti rekwiżit ta' nazzjonalità għal persunal speċjalizzat.

Miżuri:

IT: Il-Liġi dwar is-sigurtà pubblika (TULPS) 773/1931, l-Artikoli 133-141; id-Digriet Irjali 635/1940, l-Artikolu 257.

PT: Il-Liġi 34/2013 alterada p/ Lei 46/2019, 16 maio; u l-Ordinanza 273/2013 alterada p/ Portaria 106/2015, 13 abril.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fid-DK: Hemm rekwiżit ta’ residenza għall-individwi li japplikaw għal awtorizzazzjoni biex jipprovdu servizzi tas-sigurtà. Ir-residenza hija meħtieġa wkoll għall-maniġers u għall-maġġoranza tal-membri tal-bord ta’ entità ġuridika li japplikaw għal awtorizzazzjoni biex iwettqu servizzi tas-sigurtà. Madankollu, ir-residenza għall-maniġment u għall-bordijiet tad-diretturi mhijiex meħtieġa sakemm dan joħroġ minn ftehimiet internazzjonali jew minn ordnijiet maħruġa mill-Ministru għall-Ġustizzja.

Miżuri:

DK: Lovbekendtgørelse 2016-01-11 nr. 112 om vagtvirksomhed.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-EE: Hija meħtieġa r-residenza għall-gwardji tas-sigurtà.

Miżuri:

EE: Turvaseadus (l-Att dwar il-Sigurtà ) § 21, § 22.

(h) Servizzi ta' Kollokament (CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali (japplika għall-gvern f'livell reġjonali):

Fil-BE: Fir-Reġjuni kollha fil-Belġju, kumpanija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra miż-ŻEE trid turi li hija tipprovdi servizzi ta' kollokament fil-pajjiż ta' oriġini tagħha. Fir-Reġjun ta' Wallonia, huwa meħtieġ tip speċifiku ta' entità ġuridika (régulièrement constituée sous la forme d'une personne morale ayant une forme commerciale, soit au sens du droit belge, soit en vertu du droit d'un Etat membre ou régie par celui-ci, quelle que soit sa forme juridique) sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' kollokament. Kumpanija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra miż-ŻEE trid turi li hija tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fid-Digriet (pereżempju dwar it-tip ta' entità ġuridika). Fil-komunità li titkellem bil-Ġermaniż, kumpanija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha barra miż-ŻEE trid tissodisfa l-kriterji ta' ammissjoni stabbiliti mid-Digriet imsemmi (CPC 87202).

Miżuri:

BE: Ir-Reġjun Fjamming: l-Artikolu 8, § 3, Besluit van de Vlaamse Regering van 10 december 2010 tot uitvoering van het decreet betreffende de private arbeidsbemiddeling.

Ir-Reġjun ta' Wallonia: Décret du 3 avril 2009 relatif à l'enregistrement ou à l'agrément des agences de placement (id-Digriet tat-3 ta' April 2009 dwar ir-reġistrazzjoni tal-aġenziji ta' kollokament), l-Artikolu 7; u Arrêté du Gouvernement wallon du 10 décembre 2009 portant exécution du décret du 3 avril 2009 relatif à l'enregistrement ou à l'agrément des agences de placement (id-Deċiżjoni tal-Gvern ta' Wallonia tal-10 ta' Diċembru 2009 li timplimenta d-Digriet tat-3 ta' April 2009 dwar ir-reġistrazzjoni tal-aġenziji ta' kollokament), l-Artikolu 4.

Il-komunità li titkellem bil-Ġermaniż: Dekret über die Zulassung der Leiharbeitsvermittler und die Überwachung der privaten Arbeitsvermittler / Décret du 11 mai 2009 relatif à l'agrément des agences de travail intérimaire et à la surveillance des agences de placement privées, l-Artikolu 6.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-DE: In-nazzjonalità ta' Stat Membru taż-ŻEE jew il-preżenza kummerċjali fl-Unjoni hija meħtieġa sabiex tinkiseb liċenzja biex topera bħala aġenzija temporanja tal-impjiegi (skont it-Taqsima 3, il-paragrafi 3 sa 5 ta' dan l-Att dwar ix-xogħol tal-aġenziji temporanji (Arbeitnehmerüberlassungsgesetz). Il-Ministeru Federali tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali jista' joħroġ regolament dwar il-kollokament u r-reklutaġġ ta' persunal mhux taż-ŻEE għal professjonijiet speċifikati bħall-professjonijiet relatati mas-saħħa u l-kura. Il-liċenzja jew l-estensjoni tagħha għandhom jiġu miċħuda jekk stabbilimenti, partijiet minn stabbilimenti jew stabbilimenti anċillari li ma jkunux jinsabu fiż-ŻEE jkunu maħsuba biex iwettqu l-impjieg temporanju skont it-Taqsima 3, il-paragrafu 2 tal-Att dwar ix-xogħol tal-aġenziji temporanji (Arbeitnehmerüberlassungsgesetz).

Fi ES: Qabel ma jibdew l-attività, l-aġenziji ta' kollokament huma meħtieġa jissottomettu dikjarazzjoni ġuramentata li tiċċertifika li ssodisfaw ir-rekwiżiti stipulati mil-leġiżlazzjoni attwali (CPC 87201, 87202).

Miżuri:

DE: Gesetz zur Regelung der Arbeitnehmerüberlassung (AÜG);

Sozialgesetzbuch Drittes Buch (SGB III; il-Kodiċi Soċjali, il-Ktieb Tlieta) – Promozzjoni tal-Impjiegi; u

Verordnung über die Beschäftigung von Ausländerinnen und Ausländern (BeschV; l-Ordinanza dwar l-Impjiegi tal-Barranin).

ES: Real Decreto-ley 8/2014, de 4 de julio, de aprobación de medidas urgentes para el crecimiento, la competitividad y la eficiencia (tramitado como Ley 18/2014, de 15 de octubre).

(i) Servizzi ta’ traduzzjoni u interpretazzjoni (CPC 87905)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-Investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ Transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-BG: Biex iwettqu attivitajiet ta’ traduzzjoni uffiċjali, persuni fiżiċi barranin huma meħtieġa li jkollhom permess għal residenza fit-tul, imtawla jew permanenti fir-Repubblika tal-Bulgarija.

Miżuri:

BG: Ir-Regolament għal-legalizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u t-traduzzjoni ta’ dokumenti; kif ukoll

l-Ordni tal-Ministru tal-Affarijiet Barranin għall-istabbiliment ta’ reġim temporanju għaċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 21 (a), il-Paragrafu 2 tar-Regolament imsemmi hawn fuq.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-HU: Traduzzjonijiet uffiċjali, ċertifikazzjonijiet uffiċjali ta’ traduzzjonijiet, u kopji ċċertifikati ta’ dokumenti uffiċjali f’lingwi barranin jistgħu jiġu pprovduti biss mill-Uffiċċju Ungeriż għat-Traduzzjoni u l-Attestazzjoni (OFFI).

Fil-PL: Persuni fiżiċi biss jistgħu jkunu tradutturi ġuramentati.

Miżuri:

HU: Id-Digriet tal-Kunsill tal-Ministri Nru 24/1986 dwar it-traduzzjoni u l-interpretazzjoni uffiċjali.

PL: L-Att tal-25 ta' Novembru 2004 dwar il-professjoni ta' traduttur jew interpretu ġuramentat (Il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2019, il-punt 1326).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-FI: Hija meħtieġa r-residenza fiż-ŻEE għat-tradutturi ċċertifikati.

Miżuri:

FI: Laki auktorisoiduista kääntäjistä (l-Att dwar it-Tradutturi Awtorizzati) (1231/2007), it-Taqsima 2(1).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'CY: Għall-forniment ta' traduzzjonijiet uffiċjali u ċċertifikati minn tradutturi ġuramentati, huma meħtieġa r-reġistrazzjoni u d-dħul fir-Reġistru tat-Tradutturi Ġuramentati wara l-approvazzjoni mill-Kunsill għar-Reġistrazzjoni tat-Tradutturi Ġuramentati. Japplikaw rekwiżiti tan-nazzjonalità u tar-residenza.

Fil-HR: Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE għat-tradutturi ċċertifikati.

Miżuri:

CY: Il-Liġi tal-2019 dwar ir-Reġistrazzjoni u r-Regolamentazzjoni tas-Servizzi tat-Tradutturi Ġuramentati (45(I)/2019) kif emendata.

HR: L-Ordinanza dwar l-interpreti permanenti tal-qorti (OG 88/2008), l-Artikolu 2.

(j) Servizzi kummerċjali oħra (parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, 87901, 87902, 88493, parti minn 893, parti minn 85990, 87909, ISIC 37)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-SE: L-istabbilimenti tar-rahan iridu jkunu stabbiliti bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata jew bħala fergħa (parti minn CPC 87909).

Miżuri:

SE: L-Att dwar l-istabbilimenti tar-rahan (1995:1000).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Kumpanija tal-imballaġġ awtorizzata biss tista' tipprovdi servizzi relatati mat-teħid lura u l-irkupru tal-imballaġġ; u tali kumpanija trid tkun persuna ġuridika stabbilita bħala kumpanija b'ishma konġunti (CPC 88493, ISIC 37).

Miżuri:

CZ: L-Att 477/2001 Coll. (l-Att dwar l-Imballaġġ), il-paragrafu 16.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fin-NL: Għall-forniment ta' servizzi ta' imbollar, hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali fin-Netherlands. L-imbollar ta' oġġetti ta' metall prezzjuż bħalissa huwa mogħti esklużivament lil żewġ monopolji pubbliċi Netherlandiżi (parti minn CPC 893).

Miżuri:

NL: Waarborgwet 1986.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-PT: Hija meħtieġa n-nazzjonalità ta' Stat Membru sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u servizzi ta' rappurtar tal-kreditu (CPC 87901, 87902).

Miżuri:

PT: il-Liġi 49/2004.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Hija meħtieġa liċenzja biex jiġu pprovduti servizzi ta' rkant. Biex tikseb liċenzja (għall-forniment ta' rkanti pubbliċi volontarji), kumpanija trid tkun inkorporata fiċ-Ċekja, persuna fiżika trid tikseb permess ta' residenza, u l-kumpanija jew il-persuna fiżika trid tkun irreġistrata fir-Reġistru Kummerċjali tar-Repubblika Ċeka (parti minn CPC 612, parti minn 621, parti minn 625, parti minn 85990).

Miżuri:

CZ: L-Att Nru 455/1991 Coll.;

l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ; kif ukoll

l-Att Nru 26/2000 Coll., dwar l-irkanti pubbliċi.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-SE: Pjan ekonomiku għal soċjetà tal-bini jrid ikun iċċertifikat minn żewġ persuni. Dawn il-persuni jridu jkunu approvati pubblikament minn awtoritajiet fiż-ŻEE (CPC 87909).

Miżuri:

SE: Il-Liġi dwar is-soċjetajiet kooperattivi tal-bini (1991:614).

Riżerva Nru 7 – Is-servizzi tal-komunikazzjoni

Settur – sottosettur: Servizzi ta' komunikazzjoni – servizzi postali u ta' kurrier

Klassifikazzjoni tal-industrija: Parti minn CPC 71235, parti minn 73210, parti minn 751

Obbligi kkonċernati: Aċċess għas-suq

Kapitolu: Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Livell ta' gvern: UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

L-UE: L-organizzazzjoni tat-tqegħid tal-kaxxi tal-ittri fuq awtostrada pubblika, il-ħruġ tal-bolol postali u l-forniment tas-servizz tal-posta rreġistrata użat matul proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi jistgħu jiġu ristretti f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Jistgħu jiġu stabbiliti sistemi ta' liċenzjar għal dawk is-servizzi li għalihom jeżisti obbligu ġenerali ta' servizz universali. Dawn il-liċenzji jistgħu jkunu soġġetti għal obbligu partikolari ta' servizz universali jew kontribuzzjoni finanzjarja għal fond ta' kumpens.

Miżuri:

UE: Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

Riżerva Nru 8 – Is-Servizzi tal-Kostruzzjoni

Settur – Sottosettur: Kostruzzjoni u servizzi ta' inġinerija relatati

Klassifikazzjoni tal-Industrija: CPC 51

Obbligi kkonċernati: Trattament nazzjonali

Kapitolu: Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Livell ta' gvern: UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

[1] Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU UE L 15, 21.1.1998, p. 14).

Deskrizzjoni:

F'CY: Rekwiżit ta' nazzjonalità.

Miżura:

Il-Liġi tal-2001 dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Kontroll tal-Kuntratturi tal-Bini u tax-Xogħlijiet Tekniċi (29 (I) / 2001-2013), l-Artikoli 15 u 52.

Riżerva Nru 9 – Is-servizzi ta' distribuzzjoni

Settur – Sottosettur: Servizzi ta' distribuzzjoni – ġenerali, distribuzzjoni tat-tabakk

Klassifikazzjoni tal-Industrija: CPC 3546, parti minn 621, 6222, 631, parti minn 632

Obbligi kkonċernati: Aċċess għas-suq

Trattament nazzjonali

Preżenza lokali

Kapitolu: Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Livell ta' gvern: UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

(a) Servizzi ta' distribuzzjoni (CPC 3546, 631, 632 ħlief 63211, 63297, 62276, parti minn 621)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fil-PT: Teżisti skema ta' awtorizzazzjoni speċifika għall-installazzjoni ta' ċerti stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut u ċentri kummerċjali. Din tirrigwarda ċentri kummerċjali li għandhom erja grossa li tista' tinkera ta' 8 000 m2 jew aktar, u stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut li għandhom erja ta' bejgħ ta' 2 000 m2 jew aktar, meta jkunu jinsabu barra minn ċentri kummerċjali. Kriterji ewlenin: il-kontribut għal multipliċità ta' offerti kummerċjali; il-valutazzjoni tas-servizzi lill-konsumaturi; il-kwalità tal-impjiegi u r-responsabbiltà soċjali korporattiva; l-integrazzjoni fl-ambjent urban; u l-kontribut għall-ekoeffiċjenza (CPC 631, 632 ħlief 63211, 63297).

Miżuri:

PT: Id-Digriet Liġi Nru 10/2015, 16 ta' Jannar.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'CY: Jeżisti rekwiżit tan-nazzjonalità għas-servizzi ta' distribuzzjoni pprovduti mir-rappreżentanti farmaċewtiċi (CPC 62117).

Miżuri:

CY: Il-Liġi 74(I) 2002 kif emendata.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-LT: Id-distribuzzjoni tal-piroteknići hija soġġetta għal liċenzja. Persuni ġuridiċi tal-Unjoni biss jistgħu jiksbu liċenzja (CPC 3546).

Miżuri:

LT: Il-Liġi dwar is-Sorveljanza taċ-Ċirkolazzjoni tal-Piroteknići Ċivili (23 ta' Marzu 2004. Nru IX-2074).

(b) Distribuzzjoni tat-tabakk (parti minn CPC 6222, 62228, parti minn 6310, 63108)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fi ES: Hemm monopolju tal-Istat fuq il-bejgħ bl-imnut tat-tabakk. L-istabbiliment huwa soġġett għar-rekwiżit tan-nazzjonalità ta' Stat Membru. Persuni fiżiċi biss jistgħu joperaw bħala bejjiegħa tat-tabakk. L-ebda bejjiegħ tat-tabakk ma jista' jikseb aktar minn liċenzja waħda (CPC 63108).

Fi FR: Hemm monopolju tal-Istat fuq il-bejgħ bl-ingrossa u l-bejgħ bl-imnut tat-tabakk. Hemm rekwiżit tan-nazzjonalità għall-bejjiegħa tat-tabakk (buraliste) (parti minn CPC 6222, parti minn 6310).

Miżuri:

ES: Il-Liġi Nru 14/2013 tas-27 ta' Settembru 2014.

FR: Code général des impôts.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-AT: Persuni fiżiċi biss jistgħu japplikaw għal awtorizzazzjoni biex joperaw bħala bejjiegħa tat-tabakk.

Tingħata prijorità lil nazzjonali ta' Stat Membru taż-ŻEE (CPC 63108).

Miżuri:

AT: L-Att tal-1996 dwar il-Monopolju tat-Tabakk, § 5 u § 27.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-IT: Hija meħtieġa liċenzja sabiex jitqassam u jinbiegħ it-tabakk. Il-liċenzji jingħataw permezz ta' proċeduri pubbliċi. L-għoti tal-liċenzji huwa soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: id-densità tal-popolazzjoni u ġeografika tal-punti tal-bejgħ eżistenti (parti minn CPC 6222, parti minn 6310).

Miżuri:

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 184/2003;

il-Liġi 165/1962;

il-Liġi 3/2003;

il-Liġi 1293/1957;

il-Liġi 907/1942; kif ukoll

id-Digriet tal-President tar-Repubblika (D.P.R.) 1074/1958.

Riżerva Nru 10 – Is-servizzi edukattivi

Settur – Sottosettur: Servizzi edukattivi (iffinanzjati privatament)

Klassifikazzjoni tal-Industrija: CPC 921, 922, 923, 924

Obbligi kkonċernati: Aċċess għas-suq

Trattament nazzjonali

Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi

Preżenza lokali

Kapitolu: Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Livell ta' gvern: UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

F’CY: In-nazzjonalità ta’ Stat Membru hija meħtieġa għas-sidien u l-azzjonisti maġġoritarji fi skola ffinanzjata privatament. In-nazzjonali ta’ New Zealand jistgħu jiksbu awtorizzazzjoni mill-Ministru tal-Edukazzjoni f’konformità mal-forma u l-kondizzjonijiet speċifikati.

Miżuri:

CY: Il-Liġi tal-2019 dwar l-Iskejjel Privati (Nru 147(I)/2019), kif emendata; Il-Liġi tal-1996 dwar l-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Terzjarja (Nru 67(I)/1996) kif emendata; il-Liġi tal-2005 dwar l-Universitajiet Privati (Stabbiliment, Operat u Kontroll) (Nru 109(I)/2005) kif emendata; u l-Liġi tal-2015 dwar l-Assigurazzjoni tal-Kwalità u l-Akkreditazzjoni fl-Edukazzjoni Għolja u l-Istabbiliment u l-Operat ta’ Aġenzija dwar Kwistjonijiet Relatati (Nru 136(I)/2015) kif emendata.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Is-servizzi ta’ edukazzjoni primarja u sekondarja ffinanzjati privatament jistgħu jiġu pprovduti biss minn entitajiet ġuridiċi awtorizzati skont il-liġi Bulgara jew skont il-liġijiet ta’ Stat Membru. Il-kindergartens u l-iskejjel ta’ proprjetà barranija jistgħu jiġu stabbiliti jew ittrasformati fuq talba ta’ entitajiet ġuridiċi barranin f’konformità ma’ ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali. L-istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni għolja barranin ma jistgħux jistabbilixxu sussidjarji fit-territorju tal-Bulgarija. L-istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni għolja barranin jistgħu jiftħu fakultajiet, dipartimenti, istituti u kulleġġi fil-Bulgarija biss fl-istruttura tal-istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni għolja Bulgari u f’kooperazzjoni magħhom CPC 921, 922).

Miżuri:

BG: L-Att dwar l-Edukazzjoni Preprimarja u Skolastika; kif ukoll

L-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja, il-Paragrafu 4 tad-dispożizzjonijiet addizzjonali.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fis-SI: Skejjel elementari ffinanzjati privatament jistgħu jiġu stabbiliti biss minn persuni Sloveni. Il-fornitur tas-servizz irid jistabbilixxi uffiċċju reġistrat jew fergħa tal-uffiċċju fis-Slovenja (CPC 921).

Miżuri:

SI: L-Att dwar l-Organizzazzjoni u l-Finanzjament tal-Edukazzjoni (Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja, Nru 12/1996) u r-reviżjonijiet tiegħu, l-Artikolu 40.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ u fis-SK: Huwa meħtieġ l-istabbiliment fi Stat Membru biex wieħed japplika għall-approvazzjoni mill-Istat biex jopera bħala istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja ffinanzjata privatament. Din ir-riżerva ma tapplikax għas-servizzi ta' edukazzjoni teknika u vokazzjonali post-sekondarja (CPC 923 ħlief CPC 92310).

Miżuri:

CZ: L-Att Nru 111/1998, Coll. (l-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja), § 39; kif ukoll

l-Att Nru 561/2004 Coll. dwar l-Edukazzjoni Preprimarja, Bażika, Sekondarja, Professjonali Terzjarja u Edukazzjoni Oħra (l-Att dwar l-Edukazzjoni).

SK: Il-Liġi Nru 131/2002 dwar l-Universitajiet.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi: Aċċess għas-suq:

Fi ES u fl-IT: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni sabiex tinfetaħ università ffinanzjata privatament li toħroġ diplomi jew lawrji rikonoxxuti. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità tal-istabbilimenti eżistenti.

Fi ES: Il-proċedura tinvolvi l-kisba ta' parir tal-Parlament.

Fl-IT: Din hija bbażata fuq programm ta' tliet snin u persuni ġuridiċi Taljani biss jistgħu jiġu awtorizzati sabiex joħorġu diplomi rikonoxxuti mill-Istat (CPC 923).

Miżuri:

ES: Ley Orgánica 6/2001, de 21 de Diciembre, de Universidades (il-Liġi 6 / 2001 tal-21 ta' Diċembru, dwar l-Universitajiet), l-Artikolu 4.

IT: Id-Digriet Irjali 1592/1933 (il-Liġi dwar l-edukazzjoni sekondarja);

il-Liġi 243/1991 (Kontribuzzjoni pubblika okkażjonali għall-universitajiet privati);

ir-Riżoluzzjoni 20/2003 tas-CNVSU (Comitato nazionale per la valutazione del sistema universitario); kif ukoll

id-Digriet tal-President tar-Repubblika (DPR) 25/1998.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-EL: Hija meħtieġa n-nazzjonalità ta' Stat Membru għall-proprjetarji u maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi fi skejjel primarji u sekondarji ffinanzjati privatament, u għall-għalliema fi skejjel primarji u sekondarji ffinanzjati privatament (CPC 921, 922). L-edukazzjoni f'livell universitarju għandha tiġi pprovduta esklużivament minn istituzzjonijiet li jkunu persuni ġuridiċi kompletament awtonomi rregolati bil-liġi pubblika. Madankollu, il-Liġi 3696/2008 tippermetti l-istabbiliment minn residenti tal-Unjoni (persuni fiżiċi jew ġuridiċi) ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja privati li jagħtu ċertifikati li mhumiex rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal-lawrji universitarji (CPC 923).

Miżuri:

EL: Il-Liġijiet 682/1977, 284/1968, 2545/1940;

id-Digriet Presidenzjali 211/1994 kif emendat bid-Digriet Presidenzjali 394/1997;

il-Kostituzzjoni ta' Hellas, l-Artikolu 16, il-paragrafu 5;

il-Liġi 3549/2007; u

il-Liġi 3696/2008 Stabbiliment u Operat tal-Kulleġġi u dispożizzjonijiet oħra (Il-Gazzetta tal-Gvern 177/ħarġa A/25-8-2008).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-AT: Il-forniment ta' servizzi edukattivi ta' livell universitarju ffinanzjati privatament fil-qasam tax-xjenzi applikati jirrikjedi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, l-AQ Austria (l-Aġenzija għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità u l-Akkreditazzjoni tal-Awstrija). Investitur li jkun jixtieq jipprovdi tali servizzi jrid ikollu n-negozju primarju tiegħu li jkun il-forniment ta' tali servizzi, u jrid jissottometti valutazzjoni tal-ħtiġijiet u stħarriġ tas-suq għall-aċċettazzjoni tal-programm ta' studju propost. Il-Ministeru kompetenti jista' jiċħad l-approvazzjoni jekk id-deċiżjoni tal-awtorità ta' akkreditazzjoni ma tikkonformax mal-interessi edukattivi nazzjonali. L-applikant għal università privata jeħtieġ awtorizzazzjoni mill-AQ Austria. Il-Ministeru kompetenti jista' jiċħad l-approvazzjoni jekk id-deċiżjoni tal-awtorità ta' akkreditazzjoni ma tikkonformax mal-interessi edukattivi nazzjonali (CPC 923).

Miżuri:

AT: L-Att dwar l-Università tax-Xjenzi Applikati, BGBl. I Nru 340/1993 kif emendat, § 2, 8; l-Att dwar l-Edukazzjoni Għolja Privata, BGBl. I Nru 77/2020, § 2; kif ukoll

l-Att dwar l-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja, BGBl. Nru 74/2011 kif emendat, § 25 (3).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fi FR: Hija meħtieġa n-nazzjonalità ta' Stat Membru sabiex wieħed jgħallem f'istituzzjoni edukattiva ffinanzjata privatament (CPC 921, 922, 923). Madankollu, in-nazzjonali ta' New Zealand jistgħu jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti sabiex jgħallmu f'istituzzjonijiet edukattivi ta' livell primarju, sekondarju u għoli. In-nazzjonali ta' New Zealand jistgħu wkoll jiksbu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti sabiex jistabbilixxu u joperaw jew jimmaniġġaw istituzzjonijiet edukattivi ta' livell primarju, sekondarju jew għoli. Tali awtorizzazzjoni tingħata fuq bażi diskrezzjonali.

Miżuri:

FR: Code de l'éducation.

Fir-rigward tal-Investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

F'MT: Il-fornituri ta' servizzi li jixtiequ jipprovdu servizzi ta' edukazzjoni għolja jew għall-adulti ffinanzjati privatament iridu jiksbu liċenzja mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi. Id-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tinħareġ liċenzja tista' tkun diskrezzjonali (CPC 923, 924).

Miżuri:

MT: L-Avviż Legali 296 tal-2012.

Riżerva Nru 11 – Is-servizzi ambjentali

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi ambjentali – ipproċessar u riċiklaġġ ta' batteriji u akkumulaturi użati, karozzi qodma u skart minn tagħmir elettriku u elettroniku; protezzjoni tal-arja ambjentali u l-klima servizzi ta' tindif tal-gassijiet tal-egżost |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | Parti minn CPC 9402, 9404 |
| Obbligi kkonċernati: | Preżenza lokali |
| Kapitolu: | Kummerċ fis-servizzi u l-investiment |
| Livell ta' gvern: | UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

Fl-SE: Entitajiet stabbiliti fl-Iżvezja jew li għandhom is-sede prinċipali tagħhom fl-Iżvezja biss huma eliġibbli għal akkreditazzjoni biex jipprovdu servizzi ta' kontroll tal-gass tal-egżost (CPC 9404).

Fis-SK: L-inkorporazzjoni fiż-ŻEE (rekwiżit ta' residenza) hija meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi għall-ipproċessar u r-riċiklaġġ ta' batteriji u akkumulaturi użati, żjut skartati, karozzi qodma, u skart minn tagħmir elettriku u elettroniku (parti minn CPC 9402).

Miżuri:

SE: L-Att dwar il-Vetturi (2002:574).

SK: L-Att 79/2015 dwar l-Iskart.

Riżerva Nru 12 – Is-servizzi finanzjarji

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi finanzjarji – assigurazzjoni u servizzi bankarji |
| Klassifikazzjoni tal-Industrija: | Mhux applikabbli |
| Obbligi kkonċernati: | Aċċess għas-suq |
| | Trattament nazzjonali |
| | Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| | Preżenza lokali |
| Kapitolu: | Kummerċ fis-servizzi u l-investiment |
| Livell ta' gvern: | UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

a) Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-IT: L-aċċess għall-professjoni attwarjali huwa permess permezz ta' persuni fiżiċi biss. Huma permessi assoċjazzjonijiet professjonali (l-ebda inkorporazzjoni) fost persuni fiżiċi. Hija meħtieġa n-nazzjonalità tal-Unjoni għall-prattika tal-professjoni attwarjali, ħlief għal professjonisti barranin li jistgħu jitħallew jipprattikaw abbażi tar-reċiproċità.

Miżuri:

IT: L-Artikolu 29 tal-kodiċi tal-assigurazzjoni privata (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 209 tas-7 ta' Settembru 2005); u l-Liġi 194/1942, l-Artikolu 4, il-Liġi 4/1999 dwar ir-reġistru.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-BG: L-assigurazzjoni għall-pensjoni tista' tiġi pprovduta biss minn kumpanija b'ishma konġunti liċenzjata f'konformità mal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali u rreġistrata skont l-Att dwar il-Kummerċ jew skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor (l-ebda fergħa).

Fil-BG, ES, PL u PT: Mhumiex permessi fergħat diretti għall-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, li hija riżervata għal kumpaniji ffurmati f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni lokali). Għall-PL, hemm rekwiżit ta' residenza għall-intermedjarji tal-assigurazzjoni.

Miżuri:

BG: Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni, l-Artikoli 12, 56-63, 65, 66 u 80 il-paragrafu 4; u

il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali l-Artikolu 120a–162, l-Artikolu 209–253, l-Artikolu 260–310.

ES: Reglamento de Ordenación, Supervisión y Solvencia de Entidades Aseguradoras y Reaseguradoras (RD 1060/2015, de 20 de noviembre de 2015), l-Artikolu 36.

PL: L-Att dwar l-attività tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni tal-11 ta' Settembru 2015 (il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2020, il-punt 895 u 1180);

l-Att dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni tal-15 ta' Diċembru 2017 (il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2019, il-punt 1881);

l-Att dwar l-organizzazzjoni u l-operat tal-fondi tal-pensjoni tat-28 ta' Awwissu 1997 (il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2020, il-punt 105); u

l-Att tas-6 ta' Marzu 2018 dwar ir-regoli li jirrigwardaw l-attività ekonomika ta' imprendituri barranin u persuni barranin oħra fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja.

PT: L-Artikolu 7 tad-Digriet Liġi 94-B/98 revokat bid-Digriet Liġi 2/2009, 5 ta' Jannar; u l-Kapitolu I, it-Taqsima VI tad-Digriet Liġi 94-B/98, l-Artikoli 34, nru 6, 7, u l-Artikolu 7 tad-Digriet-Liġi 144/2006, revokat bil-Liġi 7/2019, 16 ta' Jannar. L-Artikolu 8 tas-sistema legali li tirregola n-negozju tad-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, approvat bil-Liġi 7/2019, tas-16 ta' Jannar.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fl-AT: Il-maniġment ta' uffiċċju tal-fergħa jrid jikkonsisti f'mill-anqas żewġ persuni fiżiċi residenti fl-Awstrija.

Fil-BG: Hemm rekwiżit ta' residenza għall-membri tal-korp maniġerjali u superviżorju tal-impriżi ta' (ri)assigurazzjoni u kull persuna awtorizzata li timmaniġġa jew tirrappreżenta l-impriża ta' (ri)assigurazzjoni. Mill-anqas waħda mill-persuni li jimmaniġġaw u jirrappreżentaw il-kumpanija tal-assigurazzjoni għall-pensjoni hija meħtieġa li tkun fluwenti fil-lingwa Bulgara.

Miżuri:

AT: L-Att dwar is-Superviżjoni tal-Assigurazzjoni tal-2016, l-Artikolu 14 il-paragrafu 1 Nru 3, il-Gazzetta tal-Liġi Federali I Nru 34/2015 (Versicherungsaufsichtsgesetz 2016, § 14 Abs. 1 Z 3, BGBl. I Nr. 34/2015).

BG: Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni, l-Artikoli 12, 56-63, 65, 66 u 80 il-paragrafu 4; u

il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikoli 120a–162, l-Artikoli 209–253, l-Artikoli 260–310.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Qabel ma jistabbilixxi fergħa jew aġenzija sabiex tipprovdi assigurazzjoni, assiguratur jew riassiguratur barrani jrid ikun ġie awtorizzat biex jopera fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni bħal dawk li jkun jixtieq jipprovdi fil-Bulgarija.

Id-dħul tal-fondi ta' pensjoni volontarja supplimentari, kif ukoll dħul simili marbut direttament ma' assigurazzjoni volontarja għall-pensjoni pprovduta minn persuni li jkunu rreġistrati skont il-leġislazzjoni ta' Stat Membru ieħor u li jistgħu, f'konformità mal-leġiżlazzjoni kkonċernata, iwettqu operazzjonijiet ta' assigurazzjoni volontarja għall-pensjoni, ma għandux ikun taxxabbli skont il-proċedura stabbilita mill-Att dwar it-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu.

Fi ES: Qabel ma jistabbilixxi fergħa jew aġenzija fi Spanja sabiex jipprovdi ċerti klassijiet ta' assigurazzjoni, assiguratur barrani jrid ikun ġie awtorizzat sabiex jopera fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu għal mill-anqas ħames snin.

Fil-PT: Sabiex jistabbilixxu fergħa jew aġenzija, impriżi tal-assigurazzjoni barranin iridu jkunu ġew awtorizzati biex iwettqu n-negozju tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, skont il-liġi nazzjonali rilevanti għal mill-anqas ħames snin.

Miżuri:

BG: Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni, l-Artikoli 12, 56-63, 65, 66 u 80 il-paragrafu 4; u

il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikoli 120a–162, l-Artikoli 209–253, l-Artikoli 260–310.

ES: Reglamento de Ordenación, Supervisión y Solvencia de Entidades Aseguradoras y Reaseguradoras (RD 1060/2015, de 20 de noviembre de 2015), l-Artikolu 36.

PT: L-Artikolu 7 tad-Digriet Liġi 94-B/98 u l-Kapitolu I, it-Taqsima VI tad-Digriet Liġi 94-B/98, l-Artikoli 34, nru 6, 7, u l-Artikolu 7 tad-Digriet Liġi 144/2006; l-Artikolu 215 tas-sistema legali li tirregola l-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, approvat bil-Liġi 147/2005, tad-9 ta' Settembru.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fl-AT: Sabiex jiksbu liċenzja biex jiftħu uffiċċju tal-fergħa, l-assiguraturi barranin irid ikollhom forma ġuridika li tikkorrispondi jew tkun komparabbli għal kumpanija b'ishma konġunti jew assoċjazzjoni tal-assigurazzjoni komuni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

Miżuri:

AT: L-Att dwar is-Superviżjoni tal-Assigurazzjoni tal-2016, l-Artikolu 14 il-paragrafu 1 Nru 1, il-Gazzetta tal-Liġi Federali I Nru 34/2015 (Versicherungsaufsichtsgesetz 2016, § 14 Abs. 1 Z 1, BGBl. I Nr. 34/2015).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-EL: L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni b'uffiċċji prinċipali f'pajjiżi terzi jistgħu joperaw fil-Greċja permezz tal-istabbiliment ta' sussidjarja jew fergħa. "Fergħa" f'din is-sitwazzjoni mhijiex meħtieġa tieħu xi forma legali speċifika, peress li tfisser preżenza permanenti fit-territorju ta' Stat Membru (il-Greċja) ta' impriża b'uffiċċju prinċipali barra mill-Unjoni, li tirċievi awtorizzazzjoni f'dak l-Istat Membru (il-Greċja) u li twettaq negozju tal-assigurazzjoni.

Miżuri:

EL: L-Art 130 tal-Liġi 4364/2016 (il-Gazzetta tal-Gvern 13/ A/ 05.02.2016).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-AT: L-attività promozzjonali u l-intermedjazzjoni f'isem sussidjarja mhux stabbilita fl-Unjoni jew ta' fergħa mhux stabbilita fl-Awstrija (ħlief għar-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni) huma pprojbiti.

Fid-DK: L-ebda persuna jew kumpanija (inklużi kumpaniji tal-assigurazzjoni) ma tista', għal skopijiet professjonali, tassisti biex issir assigurazzjoni diretta għal persuni residenti fid-Danimarka, għal bastimenti Daniżi jew għal proprjetà fid-Danimarka, għajr kumpaniji tal-assigurazzjoni liċenzjati mil-liġi Daniża jew mill-awtoritajiet kompetenti Daniżi.

Fl-SE: Il-forniment ta’ assigurazzjoni diretta minn assiguratur barrani huwa permess biss permezz tal-medjazzjoni ta’ fornitur ta’ servizz tal-assigurazzjoni awtorizzat fl-Iżvezja, dment li l-assiguratur barrani u l-kumpanija tal-assigurazzjoni Żvediża jkunu jappartjenu għall-istess grupp ta’ kumpaniji jew ikollhom ftehim ta’ kooperazzjoni bejniethom.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-DE, HU u LT: Il-forniment ta’ servizzi ta’ assigurazzjoni diretta minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux inkorporati fl-Unjoni jirrikjedi l-istabbiliment u l-awtorizzazzjoni ta’ fergħa.

Fl-SE: Il-forniment ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni minn impriżi mhux inkorporati fiż-ŻEE jirrikjedi l-istabbiliment ta’ preżenza kummerċjali (rekwiżit tal-preżenza lokali).

Fis-SK: L-assigurazzjoni tat-trasport bl-ajru u bil-baħar, li tkopri l-inġenji tal-ajru jew il-bastimenti u r-responsabbiltà, tista’ tiġi sottoskritta biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fl-Unjoni jew mill-uffiċċju tal-fergħa tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux stabbiliti fl-Unjoni awtorizzati fir-Repubblika Slovakka.

Miżuri

AT: L-Att tal-2016 dwar is-Superviżjoni tal-Assigurazzjoni, l-Artikolu 13 il-paragrafu 1 u 2, il-Gazzetta tal-Liġi Federali I Nru 34/2015 (Versicherungsaufsichtsgesetz 2016, § 13 Abs. 1 und 2, BGBl. I Nr. 34/2015).

DE: Versicherungsaufsichtsgesetz (VAG) għas-servizzi kollha tal-assigurazzjoni; b'rabta ma' Luftverkehrs-Zulassungs-Ordnung (LuftVZO) għall-assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà fl-ajru biss.

DK: Lov om finansiel virksomhed jf. lovbekendtgørelse 182 af 18. februar 2015.

HU: L-Att LX tal-2003.

LT: Il-Liġi dwar l-Assigurazzjoni, 18 ta' Settembru 2003 Nru IX-1737, l-aħħar emenda fit-13 ta' Ġunju 2019 Nru XIII-2232.

SE: Lag om försäkringsförmedling (l-Att dwar il-Medjazzjoni tad-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni) (il-Kapitolu 3, it-taqsima 3, 2018:12192005:405); u l-Att dwar in-Negozju tal-Assiguraturi Barranin fl-Iżvezja (il-Kapitolu 4, it-Taqsimiet 1 u 10, 1998:293).

SK: L-Att 39/2015 dwar l-assigurazzjoni.

(b) Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-BG: Għat-twettiq tal-attivitajiet ta' self b'fondi li ma jinġabrux permezz tat-teħid ta' depożiti jew fondi ripagabbli oħra, l-akkwist ta' parteċipazzjonijiet f'istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja oħra, il-lokazzjoni finanzjarja, it-tranżazzjonijiet ta' garanzija, l-akkwist ta' pretensjonijiet fuq self u forom oħra ta' finanzjament (bħall-fatturament jew il-forfaiting), l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji huma soġġetti għal reġim ta' reġistrazzjoni mal-Bank Nazzjonali Bulgaru. L-istituzzjoni finanzjarja jrid ikollha n-negozju prinċipali tagħha fit-territorju tal-Bulgarija.

Fil-BG: Banek mhux taż-ŻEE jistgħu jwettqu attività bankarja fil-Bulgarija wara li jiksbu liċenzja mill-Bank Nazzjonali Bulgaru għall-bidu u t-twettiq ta' attivitajiet kummerċjali fir-Repubblika tal-Bulgarija permezz ta' fergħa.

Fl-IT: Sabiex tiġi awtorizzata topera s-sistema ta' saldu tat-titoli jew biex tipprovdi servizzi ta' depożitorju ċentrali tat-titoli bi stabbiliment fl-Italja, kumpanija hija meħtieġa li tkun inkorporata fl-Italja (l-ebda fergħa).

Fil-każ ta' skemi ta' investiment kollettiv għajr impriżi għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (minn hawn 'il quddiem imsejħa "UCITS") armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, trustee jew depożitarju huwa meħtieġ li jkun stabbilit fl-Italja jew fi Stat Membru ieħor u jkollu fergħa fl-Italja.

L-intrapriżi ta' ġestjoni ta' fondi ta' investiment mhux armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni huma wkoll meħtieġa li jkunu inkorporati fl-Italja (l-ebda fergħa).

Huma biss il-banek, l-intrapriżi tal-assigurazzjoni, id-ditti tal-investiment u l-intrapriżi li jimmaniġġaw UCITS armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li jkollhom l-uffiċċju prinċipali legali tagħhom fl-Unjoni, kif ukoll UCITS inkorporati fl-Italja, li jistgħu jwettqu l-attività ta' ġestjoni tar-riżorsi tal-fondi tal-pensjoni.

Meta jipprovdu l-attività ta' bejgħ bieb bieb, l-intermedjarji jridu jużaw bejjiegħa finanzjarji awtorizzati li jkunu residenti fit-territorju ta' Stat Membru.

L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intermedjarji mhux tal-Unjoni ma jistgħux iwettqu attivitajiet li jkollhom l-għan li jipprovdu servizzi ta' investiment, inkluż in-negozjar għan-nom proprju u f'isem klijenti, il-kollokament u s-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji (hija meħtieġa fergħa).

Fil-PT: Il-ġestjoni ta' fondi tal-pensjoni tista' tiġi pprovduta biss minn kumpaniji speċjalizzati inkorporati fil-Portugall għal dak il-għan, u minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-Portugall u awtorizzati li jibdew negozju tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja, jew minn entitajiet awtorizzati li jipprovdu ġestjoni tal-fondi tal-pensjoni fi Stati Membri oħra. Il-fergħat diretti minn pajjiżi mhux tal-Unjoni mhumiex permessi.

Miżuri:

BG: Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Kreditu, l-Artikolu 2, il-paragrafu 5, l-Artikolu 3a u l-Artikolu 17;

il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikoli 121, 121b, 121f; kif ukoll

il-Liġi dwar il-Munita, l-Artikolu 3.

IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 58/1998, l-Artikoli 1, 19, 28, 30-33, 38, 69 u 80;

ir-Regolament Konġunt tal-Bank tal-Italja u Consob 22.2.1998, l-Artikoli 3 u 41;

ir-Regolament tal-Bank tal-Italja 25.1.2005;

it-Titolu V, il-Kapitolu VII, it-Taqsima II, ir-Regolament Consob 16190 tad-29.10.2007, l-Artikoli 17-21, 78-81, 91-111; u soġġett għal:

ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

PT: Id-Digriet Liġi 12/2006, kif emendat bid-Digriet Liġi 180/2007, id-Digriet Liġi 357-A/2007, ir-Regolament 7/2007-R, kif emendat bir-Regolament 2/2008-R, ir-Regolament 19/2008-R, ir-Regolament 8/2009. L-Artikolu 3 tas-sistema legali li tirregola t-twaqqif u l-funzjonament tal-fondi tal-pensjoni u l-entitajiet ta' ġestjoni tagħhom, approvat bil-Liġi 27/2020, tat-23 ta' Lulju.

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012. (ĠU UE L 257, 28.8.2014, p. 1).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-HU: Il-fergħat ta' kumpaniji ta' ġestjoni ta' fondi ta' investiment mhux taż-ŻEE ma jistgħux jipparteċipaw fil-ġestjoni ta' fondi ta' investiment Ewropej u ma jistgħux jipprovdu servizzi ta' ġestjoni tal-assi lil fondi ta' pensjoni privati.

Miżuri:

HU: L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; u l-Att CXX tal-2001 dwar is-Suq tal-Kapital.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-BG: Bank għandu jkun amministrat u rrappreżentat b'mod konġunt minn tal-anqas żewġ persuni. Il-persuni li jimmaniġġaw u jirrappreżentaw il-bank għandhom ikunu personalment preżenti fl-indirizz ta' ġestjoni tiegħu. Persuni ġuridiċi ma jistgħux jiġu eletti membri tal-bord maniġerjali jew tal-bord tad-diretturi ta' bank.

Fl-SE: Fundatur ta' bank tat-tfaddil għandu jkun persuna fiżika.

Miżuri:

BG: Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Kreditu, l-Artikolu 10; il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikoli 121, 121b, 121f; u l-Artikolu 3, il-Liġi dwar il-Munita.

SE: Sparbankslagen (l-Att dwar il-Banek tat-Tfaddil) (1987:619), il-Kapitolu 2, § 1.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fl-HU: Il-bord tad-diretturi ta' istituzzjoni ta' kreditu huwa meħtieġ li jkollu mill-anqas żewġ membri rikonoxxuti bħala residenti skont ir-regolamenti ta' skambju barrani u li kellhom residenza permanenti preċedenti fl-Ungerija għal mill-anqas sena.

Miżuri:

HU: L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; kif ukoll

l-Att CXX tal-2001 dwar is-Suq tal-Kapital.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fir-RO: L-operaturi tas-suq huma persuni ġuridiċi stabbiliti bħala kumpaniji b'ishma konġunti skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-kumpaniji. Sistemi alternattivi ta' negozjar (faċilità multilaterali ta' negozjar skont id-Direttiva MiFID II) jistgħu jiġu ġestiti minn operatur tas-sistema stabbilit skont il-kundizzjonijiet deskritti hawn fuq jew minn ditta tal-investiment awtorizzata mill-ASF (Autoritatea de Supraveghere Financiară – Awtorità Superviżorja Finanzjarja).

Fis-SI: Skema tal-pensjoni tista' tiġi pprovduta minn fond ta' pensjoni reċiproku (li mhuwiex entità legali u għalhekk huwa ġestit minn kumpanija tal-assigurazzjoni, bank jew kumpanija tal-pensjoni), kumpanija tal-pensjoni jew kumpanija tal-assigurazzjoni. Barra minn hekk, skema tal-pensjoni tista' tiġi offruta wkoll minn fornituri ta' skema tal-pensjoni stabbiliti f'konformità mar-regolamenti applikabbli fi Stat Membru.

Miżuri:

RO: Il-Liġi Nru 126 tal-11 ta' Ġunju 2018 dwar l-istrumenti finanzjarji u r-Regolament Nru 1/2017 għall-emenda u s-suppliment tar-Regolament Nru 2/2006 dwar swieq regolati u sistemi ta' negozjar alternattivi, approvati bl-Ordni tal-NSC Nru 15/2006 – ASF – Autoritatea de Supraveghere Financiară – Awtorità Superviżorja Finanzjarja.

SI: L-Att dwar l-Assigurazzjoni tal-Pensjoni u tal-Invalidità, (Gazzetta Uffiċjali Nru 102/2015 (kif emendat l-aħħar Nru 28/19).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fl-HU: Kumpaniji mhux taż-ŻEE jistgħu jipprovdu servizzi finanzjarji jew jinvolvu ruħhom f'attivitajiet awżiljarji għas-servizzi finanzjarji biss permezz ta' fergħa fl-HU.

Miżuri:

HU: L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; u l-Att CXX tal-2001 dwar is-Suq tal-Kapital.

Riżerva Nru 13 – Is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali

Settur – sottosettur: Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali

Klassifikazzjoni tal-industrija: CPC 931, 933

Obbligi kkonċernati: Aċċess għas-suq

Trattament nazzjonali

Kapitolu: Kummerċ fis-servizzi u l-investiment

Livell ta' gvern: UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fil-DE (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Is-servizzi ta' salvataġġ u s-"servizzi ta' ambulanza kwalifikati" huma organizzati u rregolati mil-Länder. Il-biċċa l-kbira tal-Länder jiddelegaw il-kompetenzi fil-qasam tas-servizzi ta' salvataġġ lill-muniċipalitajiet. Il-muniċipalitajiet jistgħu jagħtu prijorità lil operaturi li ma għandhomx skop ta' qligħ. Dan japplika bl-istess mod għall-fornituri ta' servizzi barranin u domestiċi (CPC 931, 933). Is-servizzi tal-ambulanzi huma soġġetti għal ippjanar, permess u akkreditazzjoni. Fir-rigward tat-telemediċina, l-għadd ta' fornituri ta' servizzi tal-ICT (teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni) jista' jkun limitat biex jiġu ggarantiti l-interoperabbiltà, il-kompatibbiltà u l-istandards tas-sikurezza neċessarji. Dan jiġi applikat b'mod mhux diskriminatorju.

Fil-HR: L-istabbiliment ta' xi faċilitajiet ta' kura soċjali ffinanzjati privatament jista' jkun soġġett għal limiti bbażati fuq il-ħtiġijiet f'żoni ġeografiċi partikolari (CPC 9311, 93192, 93193, 933).

Fis-SI: monopolju tal-Istat huwa riżervat għas-servizzi li ġejjin: il-provvista tad-demm; il-preparazzjonijiet tad-demm; it-tneħħija u l-preservazzjoni ta' organi umani għat-trapjant; is-servizzi soċjomediċi; iġjeniċi, epidemjoloġiċi u ekoloġiċi tas-saħħa; is-servizzi patoanatomiċi; u l-prokreazzjoni assistita b'mod bijomediku (CPC 931).

Miżuri:

DE: Bundesärzteordnung (BÄO; ir-Regolament Mediku Federali):

Gesetz über die Ausübung der Zahnheilkunde (ZHG);

Gesetz über den Beruf der Psychotherapeutin und des Psychotherapeuten (PsychThG; l-Att dwar il-Forniment ta’ Servizzi ta’ Psikoterapija);

Gesetz über die berufsmäßige Ausübung der Heilkunde ohne Bestallung (Heilpraktikergesetz);

Gesetz über das Studium und den Beruf der Hebammen (HebG);

Gesetz über den Beruf der Notfallsanitäterin und des Notfallsanitäters (NotSanG);

Gesetz über die Pflegeberufe (PflBG);

Gesetz über die Berufe in der Physiotherapie (MPhG);

Gesetz über den Beruf des Logopäden (LogopG);

Gesetz über den Beruf des Orthoptisten und der Orthoptistin (OrthoptG);

Gesetz über den Beruf der Podologin und des Podologen (PodG);

Gesetz über den Beruf der Diätassistentin und des Diätassistenten (DiätAssG);

Gesetz über den Beruf der Ergotherapeutin und des Ergotherapeuten (ErgThg);
Bundesapothekerordnung (BapO);

Gesetz über den Beruf des pharmazeutisch-technischen Assistenten (PTAG);

Gesetz über technische Assistenten in der Medizin (MTAG);

Gesetz zur wirtschaftlichen Sicherung der Krankenhäuser und zur Regelung der Krankenhauspflegesätze (Krankenhausfinanzierungsgesetz – KHG);

Gewerbeordnung (l-Att Ġermaniż dwar ir-Regolamentazzjoni tan-Negozju, il-Kummerċ u l-Industrija);

Sozialgesetzbuch Fünftes Buch (SGB V; il-Kodiċi Soċjali, il-Ktieb Ħamsa) – Assigurazzjoni Statutorja tas-Saħħa;

Sozialgesetzbuch Sechstes Buch (SGB VI; il-Kodiċi Soċjali, il-Ktieb Sitta) – Assigurazzjoni Statutorja tal-Pensjoni;

Sozialgesetzbuch Siebtes Buch (SGB VII; il-Kodiċi Soċjali, il-Ktieb Sebgħa) – Assigurazzjoni Statutorja tal-Aċċidenti;

Sozialgesetzbuch Neuntes Buch (SGB IX; il-Kodiċi Soċjali, il-Ktieb Disgħa) – Riabilitazzjoni u Parteċipazzjoni ta’ Persuni b’Diżabilità;

Sozialgesetzbuch Elftes Buch (SGB XI; il-Kodiċi Soċjali, il-Ktieb Ħdax) – assigurazzjoni tal-kura fit-tul;

Personenbeförderungsgesetz (PBefG; l-Att dwar it-Trasport Pubbliku).

Livell reġjonali:

Gesetz über den Rettungsdienst (Rettungsdienstgesetz – RDG) in Baden-Württemberg;

Bayerisches Rettungsdienstgesetz (BayRDG);

Gesetz über den Rettungsdienst für das Land Berlin (Rettungsdienstgesetz);

Gesetz über den Rettungsdienst im Land Brandenburg (BbgRettG);

Bremisches Hilfeleistungsgesetz (BremHilfeG);

Hamburgisches Rettungsdienstgesetz (HmbRDG);

Gesetz über den Rettungsdienst für das Land Mecklenburg-Vorpommern (RDGM-V);

Niedersächsisches Rettungsdienstgesetz (NRettDG);

Gesetz über den Rettungsdienst sowie die Notfallrettung und den Krankentransport durch Unternehmer (RettG NRW);

Landesgesetz über den Rettungsdienst sowie den Notfall- und Krankentransport (RettDG);

Saarländisches Rettungsdienstgesetz (SRettG);

Sächsisches Gesetz über den Brandschutz, Rettungsdienst und Katastrophenschutz (SächsBRKG);

Rettungsdienstgesetz des Landes Sachsen-Anhalt (RettDG LSA);

Schleswig-Holsteinisches Rettungsdienstgesetz (SHRDG);

Thüringer Rettungsdienstgesetz (ThüRettG).

Landespflegegesetze:

Gesetz zur Umsetzung der Pflegeversicherung in Baden-Württemberg (Landespflegegesetz – LPflG);

Gesetz zur Ausführung der Sozialgesetze (AGSG);

Gesetz zur Planung und Finanzierung von Pflegeeinrichtungen (Landespflegeeinrichtungsgesetz – LPflegEG);

Gesetz über die pflegerische Versorgung im Land Brandenburg (Landespflegegesetz – LPflegeG);

Gesetz zur Ausführung des Pflege-Versicherungsgesetzes im Lande Bremen und zur Änderung des Bremischen Ausführungsgesetzes zum Bundessozialhilfegesetz (BremAGPflegeVG);

Hamburgisches Landespflegegesetz (HmbLPG);

Hessisches Ausführungsgesetz zum Pflege-Versicherungsgesetz;

Landespflegegesetz (LPflegeG M-V);

Gesetz zur Planung und Förderung von Pflegeeinrichtungen nach dem Elften Buch Sozialgesetzbuch (Niedersächsisches Pflegegesetz – NPflegeG);

Gesetz zur Weiterentwicklung des Landespflegerechts und Sicherung einer unterstützenden Infrastruktur für ältere Menschen, pflegebedürftige Menschen und deren Angehörige (Alten- und Pflegegesetz Nordrhein-Westfalen – APG NRW);

Landesgesetz zur Sicherstellung und Weiterentwicklung der pflegerischen Angebotsstruktur (LPflegeASG) (Rheinland-Pfalz);

Gesetz Nr. 1694 zur Planung und Förderung von Angeboten für hilfe-, betreuungs- oder pflegebedürftige Menschen im Saarland (Saarländisches Pflegegesetz);

Sächsisches Pflegegesetz (SächsPflegeG);

Schleswig-Holstein: Ausführungsgesetz zum Pflege-Versicherungsgesetz (Landespflegegesetz – LPflegeG);

Thüringer Gesetz zur Ausführung des Pflege-Versicherungsgesetzes (ThürAGPflegeVG);

Landeskrankenhausgesetz Baden-Württemberg;

Bayerisches Krankenhausgesetz (BayKrG);

Berliner Gesetz zur Neuregelung des Krankenhausrechts;

Krankenhausentwicklungsgesetz Brandenburg (BbgKHEG);

Bremisches Krankenhausgesetz (BrmKrHG);

Hamburgisches Krankenhausgesetz (HmbKHG);

Hessisches Krankenhausgesetz 2011 (HKHG 2011);

Krankenhausgesetz für das Land Mecklenburg-Vorpommern (LKHG M-V);

Niedersächsisches Krankenhausgesetz (NKHG);

Krankenhausgestaltungsgesetz des Landes Nordrhein-Westfalen (KHGG NRW);

Landeskrankenhausgesetz Rheinland-Pfalz (LKG Rh-Pf);

Saarländisches Krankenhausgesetz (SKHG);

Gesetz zur Neuordnung des Krankenhauswesens (Sächsisches Krankenhausgesetz – SächsKHG);

Krankenhausgesetz Sachsen-Anhalt (KHG LSA);

Gesetz zur Ausführung des Krankenhausfinanzierungsgesetzes (AG-KHG) in Schleswig-Holstein;

Thüringisches Krankenhausgesetz (Thür KHG).

HR: L-Att dwar il-Kura tas-Saħħa (OG 150/08, 71/10, 139/10, 22/11, 84/11, 12/12, 70/12, 144/12).

SI: Il-Liġi dwar is-Servizzi tas-Saħħa, Il-Gazzetta Uffiċjali tal-RS, Nru 23/2005, l-Artikoli 1, 3 u 62-64; l-Att dwar it-Trattament tal-Infertilità u l-Proċeduri tal-Prokreazzjoni Bijomedika Assistita, Il-Gazzetta Uffiċjali tar-RS, Nru 70/00, l-Artikoli 15 u 16; u l-Att dwar l-Għoti tad-Demm (ZPKrv-1), Il-Gazzetta Uffiċjali tar-RS, Nru 104/06, l-Artikoli 5 u 8.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fi FR: Għas-servizzi tal-isptarijiet u tal-ambulanzi, il-faċilitajiet tas-saħħa residenzjali (minbarra s-servizzi tal-isptarijiet) u s-servizzi soċjali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni sabiex jiġu eżerċitati funzjonijiet ta’ ġestjoni. Il-proċess ta’ awtorizzazzjoni jqis id-disponibbiltà ta’ maniġers lokali.

Il-kumpaniji jistgħu jieħdu kwalunkwe forma legali, ħlief dawk riżervati għall-professjonijiet liberi.

Miżuri:

FR: Loi 90-1258 relative à l'exercice sous forme de société des professions libérales;

Loi n°2011-940 du 10 août 2011 modifiant certaines dipositions de la loi n°2009-879 dite HPST;

Loi n°47-1775 portant statut de la coopération; u

Code de la santé publique.

Riżerva Nru 14 – Servizzi relatati mat-turiżmu u l-ivvjaġġar

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi relatati mat-turiżmu u l-ivvjaġġar – lukandi, ristoranti u catering; servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi (inklużi l-maniġers tal-vjaġġi); servizzi ta' gwidi turistiċi |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | CPC 641, 642, 643, 7471, 7472 |
| Obbligi kkonċernati: | Aċċess għas-suq |
| | Trattament nazzjonali |
| | Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| | Preżenza lokali |
| Kapitolu: | Kummerċ fis-servizzi u l-investiment |
| Livell ta' gvern: | UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Hija meħtieġa l-inkorporazzjoni (l-ebda fergħa). Is-servizzi ta' operatur turistiku jew ta' aġenzija tal-ivvjaġġar jistgħu jiġu pprovduti minn persuna stabbilita fiż-ŻEE jekk, mal-istabbiliment fit-territorju tal-Bulgarija, il-persuna tippreżenta kopja ta' dokument li jiċċertifika d-dritt tagħha li tipprattika dik l-attività, u ċertifikat jew dokument ieħor maħruġ minn istituzzjoni ta' kreditu jew assiguratur li jiċċertifika l-eżistenza ta' assigurazzjoni li tkopri r-responsabbiltà tal-persuna għad-danni li jistgħu jiġu kkawżati bħala riżultat tan-nuqqas kundannabbli ta' twettiq tal-obbligi professjonali. L-għadd ta' maniġers barranin ma jistax jaqbeż l-għadd ta' maniġers li huma ċittadini Bulgari, f'każijiet fejn is-sehem pubbliku (statali jew muniċipali) fil-kapital ta' ekwità ta' kumpanija Bulgara jaqbeż il-50 %. Rekwiżit ta' nazzjonalità taż-ŻEE għal gwidi turistiċi (CPC 641, 642, 643, 7471, 7472).

Miżuri:

BG: Il-Liġi dwar it-Turiżmu, l-Artikoli 61, 113 u 146.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

F'CY: Liċenzja biex tiġi stabbilita u operata kumpanija jew aġenzija turistika u tal-ivvjaġġar, kif ukoll it-tiġdid ta' liċenzja operattiva ta' kumpanija jew aġenzija eżistenti, tista' tingħata biss lil persuni tal-Unjoni. L-ebda kumpanija mhux residenti ħlief dawk stabbiliti fi Stat Membru ieħor, ma tista' tipprovdil-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3 tal-liġi msemmija aktar 'il fuq fir-Repubblika ta' Ċipru, fuq bażi organizzata jew permanenti, sakemm ma tkunx rappreżentata minn kumpanija residenti. Il-forniment ta' servizzi ta' gwida turistika u ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u ta' operaturi turistiċi jirrikjedi n-nazzjonalità ta' Stat Membru (CPC 7471, 7472).

Miżuri:

CY: Il-Liġi tal-1995 dwar it-Turiżmu u l-Uffiċċji tal-Ivvjaġġar u l-Gwidi Turistiċi (il-Liġi 41(I)/1995) kif emendata.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-EL: In-nazzjonali ta' pajjiżi terzi huma meħtieġa jiksbu diploma mill-Iskejjel tal-Gwidi Turistiċi tal-Ministeru Grieg tat-Turiżmu, sabiex ikunu intitolati għad-dritt li jipprattikaw il-professjoni. Bħala eċċezzjoni, id-dritt li jipprattikaw il-professjoni jista' jingħata temporanjament (sa sena) lil nazzjonali ta' pajjiżi terzi taħt ċerti kondizzjonijiet definiti b'mod espliċitu, b'deroga mid-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, fil-każ tan-nuqqas ikkonfermat ta' gwida turistika għal lingwa speċifika.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fi ES (għal ES tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Hija meħtieġa n-nazzjonalità ta' Stat Membru sabiex jiġu pprovduti s-servizzi ta' gwida turistika (CPC 7472).

Fil-HR: Hija meħtieġa n-nazzjonalità taż-ŻEE jew Żvizzera sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' ospitalità u catering fid-djar u l-abitazzjonijiet rurali (CPC 641, 642, 643, 7471, 7472).

Miżuri:

EL: Digriet Presidenzjali 38/2010 ;

id-Deċiżjoni Ministerjali 165261/IA/2010 (Il-Gazzetta tal-Gvern 2157/B);

l-Artikolu 50 tal-liġi 4403/2016; u

l-Artikolu 47 tal-liġi 4582/2018 (Gazzetta tal-Gvern 208/A).

ES: Andalucía: Decreto 8/2015, de 20 de enero, Regulador de guías de turismo de Andalucía;

Aragón: Decreto 21/2015, de 24 de febrero, Reglamento de Guías de turismo de Aragón;

Cantabria: Decreto 51/2001, de 24 de julio, Article 4, por el que se modifica el Decreto 32/1997, de 25 de abril, por el que se aprueba el reglamento para el ejercicio de actividades turísticoinformativas privadas;

Castilla y León: Decreto 25/2000, de 10 de febrero, por el que se modifica el Decreto 101/1995, de 25 de mayo, por el que se regula la profesión de guía de turismo de la Comunidad Autónoma de Castilla y León;

Castilla la Mancha: Decreto 86/2006, de 17 de julio, de Ordenación de las Profesiones Turísticas;

Cataluña: Decreto Legislativo 3/2010, de 5 de octubre, para la adecuación de normas con rango de ley a la Directiva 2006/123/CE, del Parlamento y del Consejo, de 12 de diciembre de 2006, relativa a los servicios en el mercado interior, l-Artikolu 88;

Comunidad de Madrid: Decreto 84/2006, de 26 de octubre del Consejo de Gobierno, por el que se modifica el Decreto 47/1996, de 28 de marzo;

Comunidad Valenciana: Decreto 90/2010, de 21 de mayo, del Consell, por el que se modifica el reglamento regulador de la profesión de guía de turismo en el ámbito territorial de la Comunitat Valenciana, aprobado por el Decreto 62/1996, de 25 de marzo, del Consell;

Extremadura: Decreto 37/2015, de 17 de marzo;

Galicia: Decreto 42/2001, de 1 de febrero, de Refundición en materia de agencias de viajes, guias de turismo y turismo activo;

Illes Balears: Decreto 136/2000, de 22 de septiembre, por el cual se modifica el Decreto 112/1996, de 21 de junio, por el que se regula la habilitación de guía turístico en las Islas Baleares; Islas Canarias: Decreto 13/2010, de 11 de febrero, por el que se regula el acceso y ejercicio de la profesión de guía de turismo en la Comunidad Autónoma de Canarias, l-Artikolu 5;

La Rioja: Decreto 14/2001, de 4 de marzo, Reglamento de desarrollo de la Ley de Turismo de La Rioja;

Navarra: Decreto Foral 288/2004, de 23 de agosto. Reglamento para actividad de empresas de turismo activo y cultural de Navarra;

Principado de Asturias: Decreto 59/2007, de 24 de mayo, por el que se aprueba el Reglamento regulador de la profesión de Guía de Turismo en el Principado de Asturias; u

Región de Murcia: Decreto n.º 37/2011, de 8 de abril, por el que se modifican diversos decretos en materia de turismo para su adaptación a la ley 11/1997, de 12 de diciembre, de turismo de la Región de Murcia tras su modificación por la ley 12/2009, de 11 de diciembre, por la que se modifican diversas leyes para su adaptación a la directiva 2006/123/CE, del Parlamento Europeo y del Consejo de 12 de diciembre de 2006, relativa a los servicios en el mercado interior.

HR: L-Att dwar l-Ospitalità u l-Industrija tal-Forniment tal-Ikel (OG 85/15, 121/16, 99/18, 25/19, 98/19, 32/20 u 42/20); u l-Att dwar il-Forniment ta' Servizzi tat-Turiżmu (OG Nru 130/17, 25/19, 98/19 u 42/20).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-HU: Il-forniment ta' servizzi ta' aġenti tal-ivvjaġġar u ta' operaturi turistiċi, u servizzi ta' gwidi turistiċi fuq bażi transfruntiera huwa soġġett għal liċenzja maħruġa mill-Uffiċċju Ungeriż tal-Liċenzji tal-Kummerċ. Il-liċenzji huma riżervati għal ċittadini taż-ŻEE u persuni ġuridiċi li jkollhom is-sede tagħhom fl-Istati Membri taż-ŻEE (CPC 7471, 7472).

Fil-IT (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): il-gwidi turistiċi mhux mill-Istati Membri tal-Unjoni huma meħtieġa jiksbu liċenzja speċifika mir-reġjun sabiex jaġixxu bħala gwida turistika professjonali. Il-gwidi turistiċi mill-Istati Membri jistgħu jaħdmu liberament mingħajr ir-rekwiżit għal tali liċenzja. Il-liċenzja tingħata lil gwidi turistiċi li juru kompetenza u għarfien adegwati (CPC 7472).

Miżuri:

HU: L-Att CLXIV tal-2005 dwar in-Negozju, id-Digriet Governattiv Nru 213/1996 (XII.23.) dwar l-Organizzazzjoni tal-Ivvjaġġar u l-Attivitajiet ta' Aġenzija.

IT: Il-Liġi 135/2001, l-Artikoli 7.5 u 6; u l-Liġi 40/2007 (DL 7/2007).

Riżerva Nru 15 – Is-servizzi rikreattivi, kulturali u sportivi

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi rikreattivi; servizzi ta' aġenziji tal-aħbarijiet, servizzi sportivi oħra |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | CPC 962, parti minn 96419 |
| Obbligi kkonċernati: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| Kapitolu: | Kummerċ fis-servizzi u l-investiment |
| Livell ta' gvern: | UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

(a) Aġenziji tal-aħbarijiet u tal-istampa (CPC 962)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

F'CY: L-istabbiliment u l-operat ta' aġenziji jew ta' sottoaġenziji tal-istampa fir-Repubblika ta' Ċipru jingħataw biss lil ċittadini tar-Repubblika ta' Ċipru jew lil ċittadini tal-Unjoni jew lil entitajiet ġuridiċi rregolati minn ċittadini tar-Repubblika ta' Ċipru jew minn ċittadini tal-Unjoni.

Miżuri:

CY: Il-Liġi dwar l-Istampa (Nru 145/89) kif emendata.

(b) Servizzi sportivi oħra (CPC 96419)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

Fl-AT (tapplika għall-gvern f'livell reġjonali): L-operat tal-iskejjel tal-iskijar u tas-servizzi ta' gwida tal-muntanji huwa rregolat mil-liġijiet tal-Bundesländer. Il-forniment ta' dawn is-servizzi jista' jirrikjedi n-nazzjonalità ta' Stat Membru taż-ŻEE. L-intrapriżi jistgħu jkunu meħtieġa jaħtru direttur maniġerjali li jkun nazzjonal ta' Stat Membru taż-ŻEE.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali:

F'CY: Rekwiżit tan-nazzjonalità għall-istabbiliment ta' skola taż-żfin u rekwiżit tan-nazzjonalità għall-għalliema fiżiċi.

Miżuri:

AT: Kärntner Schischulgesetz, LGBl. Nru 53/97;

Kärntner Berg- und Schiführergesetz, LGBl. Nru 25/98;

NÖ- Sportgesetz, LGBl. Nru 5710;

OÖ- Sportgesetz, LGBl. Nru 93/1997;

Salzburger Schischul- und Snowboardschulgesetz, LGBl. Nru 83/89;

Salzburger Bergführergesetz, LGBl. Nru 76/81;

Steiermärkisches Schischulgesetz, LGBl. Nru 58/97;

Steiermärkisches Berg- und Schiführergesetz, LGBl. Nru 53/76;

Tiroler Schischulgesetz. LGBl. Nru 15/95;

Tiroler Bergsportführergesetz, LGBl. Nru 7/98;

Vorarlberger Schischulgesetz, LGBl. Nru 55/02 §4 (2)a;

Vorarlberger Bergführergesetz, LGBl. Nru 54/02; u

Wien: Gesetz über die Unterweisung in Wintersportarten, LGBl. Nru 37/02.

CY: Il-Liġi 65(I)/1997 kif emendata;

il-Liġi 17(I) /1995 kif emendata; u

ir-Regolamenti 1995/2012 dwar l-Iskejjel Privati tal-Ġinnastika, kif emendati.

Riżerva Nru 16 – Is-servizzi tat-trasport u s-servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Servizzi tat-trasport – sajd u trasport bl-ilma – kwalunkwe attività kummerċjali oħra mwettqa minn bastiment; trasport bl-ilma u servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ilma; trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija; trasport bit-triq u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq; servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport bl-ajru; forniment ta' servizzi ta' trasport ikkombinat |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | ISIC Rev. 3.1 0501, 0502; CPC 5133, 5223, 711, 712, 721, 741, 742, 743, 744, 745, 748, 749, 7461, 7469, 83103, 86751, 86754, 8730, 882 |
| Obbligi kkonċernati: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi<br>Preżenza lokali |
| Kapitolu: | Kummerċ fis-servizzi u l-investiment |
| Livell ta' gvern: | UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

Trasport marittimu u servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu. Kwalunkwe attività kummerċjali mwettqa minn bastiment (ISIC Rev. 3.1 0501, 0502; CPC 5133, 5223, 721, Parti minn 742, 745, 74540, 74520, 74590, 882)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fl-UE: Għas-servizzi portwarji, il-korp maniġerjali ta' port, jew l-awtorità kompetenti, jistgħu jillimitaw l-għadd ta' fornituri ta' servizzi portwarji għal servizz portwarju partikolari.

Miżuri:

UE: L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi, Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (ĠU UE L 57, 3.3.2017, p. 1).

Fil-BG: Il-ġarr u kwalunkwe attività relatata ma' xogħlijiet ta' inġinerija idrawlika u xogħlijiet tekniċi taħt l-ilma, il-prospettar u l-estrazzjoni ta' riżorsi minerali u riżorsi mhux organiċi oħra, il-pilotaġġ, il-bunkering, ir-riċeviment ta' skart, it-taħlit ta' ilma u żejt u simili, imwettqa minn bastimenti fl-ilmijiet interni, u fil-baħar territorjali tal-Bulgarija, jistgħu jitwettqu biss minn bastimenti li jtajru l-bandiera Bulgara jew bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru ieħor.

L-għadd ta' fornituri ta' servizzi fil-portijiet jista' jkun limitat skont il-kapaċità oġġettiva tal-port, li tiġi deċiża minn kummissjoni ta' esperti, stabbilita mill-Ministru tat-Trasport, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjonijiet.

Rekwiżit tan-nazzjonalità għas-servizzi ta' appoġġ. Il-kaptan u l-inġinier ewlieni tal-bastiment huma meħtieġa li jkunu nazzjonali ta' Stat Membru taż-ŻEE, jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera (ISIC Rev. 3.1 0501, 0502, CPC 5133, 5223, 721, 74520, 74540, 74590, 882).

Miżuri:

BG: Il-Kodiċi tal-Bastimenti Merkantili;

il-Liġi għall-Ilma Baħar,

il-Passaġġi tal-Ilma Interni u l-Portijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija;

l-Ordinanza għall-kondizzjoni u l-ordni għall-għażla ta' operaturi tat-trasport Bulgari għall-ġarr ta' passiġġieri u merkanzija taħt trattati internazzjonali; u

l-Ordinanza 3 għas-servizzi ta' manutenzjoni ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq:

Fil-BG: Rigward is-servizzi ta' appoġġ għat-trasport pubbliku mwettqa fil-portijiet Bulgari, f'portijiet li għandhom importanza nazzjonali, id-dritt li jitwettqu attivitajiet ta' appoġġ jingħata permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni. F'portijiet li għandhom importanza reġjonali, dan id-dritt jingħata permezz ta' kuntratt mas-sid tal-port (CPC 74520, 74540, 74590).

Miżuri:

BG: Il-Kodiċi tal-Bastimenti Merkantili; u

il-Liġi għall-Ilma Baħar, il-Passaġġi tal-Ilma Interni u l-Portijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fid-DK: Il-fornituri tal-pilotaġġ jistgħu jwettqu biss servizzi ta' pilotaġġ fid-Danimarka, jekk ikunu domiċiljati fiż-ŻEE u jkunu rreġistrati u approvati mill-Awtoritajiet Daniżi f'konformità mal-Att Daniż dwar il-Pilotaġġ (CPC 74520).

Miżuri:

DK: L-Att Daniż dwar il-Pilotaġġ, §18.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-DE (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Bastiment li ma jappartjenix lil nazzjonal ta' Stat Membru jista' jintuża biss għal attivitajiet għajr it-trasport u servizzi awżiljarji fil-passaġġi fuq l-ilma federali Ġermaniżi wara awtorizzazzjoni speċifika. L-eżenzjonijiet għal bastimenti mhux tal-Unjoni jistgħu jingħataw biss jekk ma jkun hemm disponibbli l-ebda bastiment tal-Unjoni jew jekk dawn ikunu disponibbli taħt kundizzjonijiet sfavorevoli ħafna, jew fuq il-bażi ta' reċiproċità. L-eżenzjonijiet għal bastimenti li jtajru l-bandiera ta' New Zealand jistgħu jingħataw fuq il-bażi ta' reċiproċità (§ 2 il-paragrafu 3 ta' Verordnung über die Küstenschifffahrt, KüSchV). L-attivitajiet kollha li jaqgħu fl-ambitu tal-liġi dwar il-piloti huma regolati u l-akkreditament huwa ristrett għal nazzjonali taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera. Il-forniment u l-operat ta' faċilitajiet għall-pilotaġġ huwa ristrett għall-awtoritajiet pubbliċi jew il-kumpaniji li jintgħażlu mill-awtoritajiet pubbliċi.

Għall-kiri jew il-lokazzjoni ta' bastimenti li jbaħħru b'operaturi jew mingħajrhom, u għall-kiri jew il-lokazzjoni mingħajr operatur ta' bastimenti li ma jbaħħrux, il-konklużjoni ta' kuntratti għat-trasport ta' merkanzija permezz ta' bastimenti li jtajru bandiera barranija jew il-kiri ta' tali bastimenti jista' jkun ristrett, skont id-disponibbiltà ta' bastimenti li jtajru l-bandiera Ġermaniża jew il-bandiera ta' Stat Membru ieħor.

It-tranżazzjonijiet bejn residenti u mhux residenti fiż-żona ekonomika jistgħu jkunu ristretti (Trasport bl-ilma, Servizzi ta' appoġġ għat-trasport bl-ilma, kiri ta' bastimenti, servizzi ta' lokazzjoni ta' bastimenti mingħajr operaturi (CPC 721, 745, 83103, 86751, 86754, 8730)), meta tali tranżazzjonijiet jikkonċernaw:

(i) il-kiri ta' bastimenti tat-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma interni, li ma jkunux irreġistrati fiż-żona ekonomika;

(ii) it-trasport ta' merkanzija permezz ta' tali bastimenti tat-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma interni; jew

(iii) is-servizzi ta' rmonk minn tali bastimenti tat-trasport fuq il-passaġġi tal-ilma interni.

Miżuri:

DE: Gesetz über das Flaggenrecht der Seeschiffe und die Flaggenführung der Binnenschiffe (Flaggenrechtsgesetz; l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Bandiera);

Verordnung über die Küstenschifffahrt (KüSchV);

Gesetz über die Aufgaben des Bundes auf dem Gebiet der Binnenschiffahrt (Binnenschiffahrtsaufgabengesetz – BinSchAufgG);

Verordnung über Befähigungszeugnisse in der Binnenschiffahrt (Binnenschifferpatentverordnung – BinSchPatentV);

Gesetz über das Seelotswesen (Seelotsgesetz – SeeLG);

Gesetz über die Aufgaben des Bundes auf dem Gebiet der Seeschiffahrt (Seeaufgabengesetz – SeeAufgG); u

Verordnung zur Eigensicherung von Seeschiffen zur Abwehr äußerer Gefahren (See-Eigensicherungsverordnung – SeeEigensichV).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-FI: Is-servizzi ta' appoġġ għat-trasport marittimu meta jiġu pprovduti fl-ilmijiet marittimi Finlandiżi huma riżervati għal flotot li joperaw taħt il-bandiera nazzjonali, tal-Unjoni jew dik Norveġiża (CPC 745).

Miżuri:

FI: Merilaki (l-Att Marittimu) (674/1994); u

Laki elinkeinon harjoittamisen oikeudesta (l-Att dwar id-Dritt ta' Twettiq ta' Negozju) (122/1919), s. 4.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fil-EL: Huwa impost monopolju pubbliku fiż-żoni portwali għas-servizzi ta' maniġġ tal-merkanzija (CPC 741).

Fl-IT: Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' maniġġ tal-merkanzija marittima. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom; id-densità tal-popolazzjoni; il-firxa ġeografika u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 741).

Miżuri:

EL: Il-Kodiċi tal-Liġi Marittima Pubblika (id-Digriet Leġiżlattiv 187/1973).

IT: Il-Kodiċi tal-Bastimenti;

il-Liġi 84/1994;

id-Digriet Ministerjali 585/1995; u

Trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija (CPC 711, 743).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Nazzjonali ta' Stat Membru biss jistgħu jipprovdu trasport bil-ferrovija jew servizzi ta' appoġġ għat-trasport bil-ferrovija fil-Bulgarija. Liċenzja biex jitwettaq trasport tal-passiġġieri jew tal-merkanzija bil-ferrovija tinħareġ mill-Ministru tat-Trasport għall-operaturi ferrovjarji rreġistrati bħala kummerċjanti (CPC 711, 743).

Miżuri:

BG: Il-Liġi dwar it-Trasport bil-Ferrovija, l-Artikoli 37 u 48.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fil-LT: Jingħataw drittijiet esklużivi għall-forniment ta' servizzi ta' tranżitu lil impriżi ferrovjarji li huma proprjetà ta', jew li l-istokk tagħhom jappartjeni 100 %, lill-Istat (CPC 711).

Miżuri:

LT: Il-Kodiċi tat-trasport bil-ferrovija tar-Repubblika tal-Litwanja tat-22 ta' April 2004 Nru IX-2152 kif emendat bin-Nru X-653 tat-8 ta' Ġunju 2006 u

Trasport bit-triq u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq (CPC 712, 7121, 7122, 71222, 7123).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-AT: (fir-rigward ukoll tat-Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit): Għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, id-drittijiet esklużivi jew l-awtorizzazzjoni jistgħu jingħataw biss lil nazzjonali tal-Partijiet Kontraenti taż-ŻEE u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Awstrija. Il-liċenzji jingħataw b'termini mhux diskriminatorji, bil-kundizzjoni ta' reċiproċità (CPC 712).

Miżuri:

AT: Güterbeförderungsgesetz (l-Att dwar it-Trasport ta' Prodotti), BGBl. Nru 593/1995; § 5;

Gelegenheitsverkehrsgesetz (l-Att dwar it-Traffiku Okkażjonali), BGBl. Nru 112/1996; § 6; u

Kraftfahrliniengesetz (il-Liġi dwar it-Trasport Skedat), BGBl. I Nru 203/1999 kif emendata, §§ 7 u 8.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-EL: Għall-operaturi ta' servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq: sabiex wieħed jidħol fl-okkupazzjoni ta' operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, hija meħtieġa liċenzja Ellenika. Il-liċenzji jingħataw b'termini mhux diskriminatorji, bil-kundizzjoni ta' reċiproċità (CPC 7123).

Miżuri:

EL: Liċenzjar tal-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq: Il-Liġi Griega 3887/2010 (il-Gazzetta tal-Gvern A' 174), kif emendata bl-Artikolu 5 tal-Liġi 4038/2012 (Il-Gazzetta tal-Gvern A' 14).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fl-IE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom; id-densità tal-popolazzjoni; il-firxa ġeografika; l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 7121, CPC 7122).

F'MT: Taksis: Japplikaw restrizzjonijiet numeriċi fuq l-għadd ta' liċenzji.

Karrozzini: Japplikaw restrizzjonijiet numeriċi fuq l-għadd ta' liċenzji (CPC 712).

Fil-PT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' limousine. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom; id-densità tal-popolazzjoni; il-firxa ġeografika; l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 71222).

Miżuri:

IE: L-Att tal-2009 dwar ir-Regolamentazzjoni tat-Trasport Pubbliku.

MT: Ir-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi (LS499.59).

PT: Id-Digriet Liġi 41/80, 21 ta' Awwissu.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fiċ-Ċekja (l-ebda fergħa).

Miżuri:

CZ: L-Att Nru 111/1994 Coll., dwar it-Trasport bit-Triq.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-SE: Sabiex wieħed jidħol fl-okkupazzjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq, hija meħtieġa liċenzja Żvediża. Il-kriterji biex tingħata liċenzja għal taksi jinkludu li l-kumpanija tkun ħatret persuna fiżika biex taġixxi bħala l-maniġer tat-trasport (rekwiżit *de facto* ta' residenza – ara r-riżerva Żvediża dwar it-tipi ta' stabbiliment).

Il-kriterji biex tingħata liċenzja għal operaturi oħra tat-trasport bit-triq jirrikjedu li l-kumpanija tkun stabbilita fl-Unjoni, ikollha stabbiliment li jinsab fl-Iżvezja u tkun ħatret persuna fiżika biex taġixxi bħala l-maniġer tat-trasport, li trid tkun residenti fl-Unjoni.

Miżuri:

SE: Yrkestrafiklag (2012:210) (l-Att dwar it-traffiku professjonali);

Yrkestrafikförordning (2012:237) (ir-Regolament tal-Gvern dwar it-traffiku professjonali);

Taxitrafiklag (2012:211) (l-Att dwar it-Taxis); u

Taxitrafikförordning (2012:238) (ir-Regolament tal-Gvern dwar it-taxis).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fis-SK: Il-forniment ta' servizzi tat-trasport bit-triq jirrikjedi l-inkorporazzjoni jew ir-residenza fi Stat Membru.

Miżuri:

SK: Att 56/2012 Coll., dwar it-Trasport bit-Triq; u

Is- servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport.

Servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport bl-ajru.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-PL: Għas-servizzi ta' ħżin ta' prodotti tal-friża jew mkessħa u s-servizzi ta' ħżin bl-ingrossa ta' likwidi jew gassijiet fl-ajruporti, il-possibbiltà li jiġu pprovduti xi kategoriji ta' servizzi tiddependi mid-daqs tal-ajruport. L-għadd ta' fornituri f'kull ajruport jista' jkun limitat minħabba limiti ta' spazju disponibbli, iżda mhux anqas minn żewġ fornituri għal raġunijiet oħra.

Miżuri:

PL: Il-Liġi Pollakka dwar l-Avjazzjoni tat-3 ta' Lulju 2002, l-Artikoli 174.2 u 174.3.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-UE: Għas-servizzi ta' groundhandling, jista' jkun meħtieġ l-istabbiliment fit-territorju tal-Unjoni. Il-livell ta' ftuħ tas-servizzi ta' groundhandling jiddependi mid-daqs tal-ajruport. L-għadd ta' fornituri f'kull ajruport jista' jkun limitat. Għall-"ajruporti kbar", dan il-limitu ma jistax ikun anqas minn żewġ fornituri. Hija meħtieġa r-reċiproċità.

Miżuri:

UE: Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE[1].

Fil-BE (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Għas-servizzi ta' groundhandling, hija meħtieġa r-reċiproċità.

Miżuri:

BE: Arrêté Royal du 6 novembre 2010 réglementant l'accès au marché de l'assistance en escale à l'aéroport de Bruxelles-National (l-Artikolu 18);

---

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU UE L 272, 25.10.1996, p. 36).

Besluit van de Vlaamse Regering betreffende de toegang tot de grondafhandelingsmarkt op de Vlaamse regionale luchthavens (l-Artikolu 14);

Arrêté du Gouvernement wallon réglementant l'accès au marché de l'assistance en escale aux aéroports relevant de la Région wallonne (l-Artikolu 14) ; u

Servizzi ta' appoġġ għall-modalitajiet kollha tat-trasport (parti minn CPC 748).

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

L-UE (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Is-servizzi ta' żdoganar jistgħu jiġu pprovduti biss minn residenti tal-Unjoni jew minn persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni.

Miżuri:

UE: Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] ; u

Forniment ta' servizzi ta' trasport ikkombinat (CPC 711, 712, 7212, 741, 742, 743, 744, 745, 748, 749).

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU UE L 269, 10.10.2013, p. 1).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

L-UE (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Bl-eċċezzjoni tal-FI: trasportaturi stabbiliti fi Stat Membru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-okkupazzjoni u l-aċċess għas-suq għat-trasport ta' merkanzija bejn l-Istati Membri biss jistgħu, fil-kuntest ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat bejn l-Istati Membri, iwettqu l-partijiet inizjali jew finali ta' trasport bit-triq, li jifformaw parti integrali mill-operazzjoni ta' trasport ikkombinat u li jistgħu jew ma jistgħux jinkludu l-qsim ta' fruntiera. Japplikaw il-limitazzjonijiet li jaffettwaw kwalunkwe mezz ta' trasport partikolari.

Jistgħu jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li t-taxxi fuq il-vetturi bil-mutur applikabbli għall-vetturi tat-triq routed fi trasport ikkombinat jitnaqqsu jew jiġu rimborżati.

Miżuri:

UE: Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE[1].

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' prodotti bejn Stati Membri (ĠU UE L 368, 17.12.1992, p. 38).

Riżerva Nru 17 – L-estrazzjoni minerarja u Attivitajiet relatati mal-enerġija

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Estrazzjoni minerarja u qtugħ mill-barrieri – materjali li jipproduċu l-enerġija; estrazzjoni minerarja u qtugħ mill-barrieri – minerali tal-metall u estrazzjoni minerarja oħra; Attivitajiet relatati mal-enerġija – il-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' elettriku, gass, fwar u misħun għall-kont proprju; it-trasport ta' fjuwils permezz ta' pipelines; il-ħżin u l-magażinaġġ ta' fjuwils ittrasportati permezz ta' pipelines; u servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | ISIC Rev. 3.1 10, 11, 12, 13, 14, 40, CPC 5115, 63297, 713, parti minn 742, 8675, 883, 887 |
| Obbligi kkonċernati: | Aċċess għas-suq |
| | Trattament nazzjonali |
| | Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi |
| | Preżenza lokali |
| Kapitolu: | Kummerċ fis-servizzi u l-investiment |
| Livell ta' gvern: | UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

a) Estrazzjoni minerarja u qtugħ mill-barrieri (ISIC Rev. 3.1 10, 11, 12, Estrazzjoni minerarja ta' materjali li jipproduċu l-enerġija; 13, 14: Estrazzjoni minerarja ta' minerali tal-metall u estrazzjoni minerarja oħra; CPC 5115, 7131, 8675, 883)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fin-NL: L-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-idrokarburi fin-Netherlands dejjem jitwettqu b'mod konġunt minn kumpanija privata u l-kumpanija pubblika (b'responsabbiltà limitata) magħżula mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi. L-Artikoli 81 u 82 tal-Att dwar l-Estrazzjoni Minerarja jistipulaw li l-ishma kollha f'kumpanija magħżula jridu jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati mill-Istat Netherlandiż (ISIC Rev. 3.1 10, 3.1 11, 3.1 12, 3.1 13, 3.1 14).

Fil-BE: L-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' riżorsi minerali u riżorsi oħra mhux ħajjin fl-ilmijiet territorjali u l-blata kontinentali huma soġġetti għal konċessjoni. Il-konċessjonarju jrid ikollu indirizz għas-servizz fil-Belġju (ISIC Rev. 3.1:14).

FI-IT (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali għall-esplorazzjoni): Il-minjieri li jappartjenu lill-Istat huma soġġetti għal regoli speċifiċi dwar l-esplorazzjoni u l-estrazzjoni minerarja. Qabel kwalunkwe attività ta' sfruttament, huwa meħtieġ permess għall-esplorazzjoni (permesso di ricerca, l-Artikolu 4 tad-Digriet Irjali 1447/1927). Dan il-permess għandu durata u jiddefinixxi eżattament il-fruntieri tal-art li tkun qed tiġi esplorata. Jista' jingħata aktar minn permess wieħed ta' esplorazzjoni għall-istess żona lil persuni jew kumpaniji differenti (din it-tip ta' liċenzja mhijiex neċessarjament esklużiva). Sabiex jiġu kkultivati u sfruttati l-minerali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni (concessione, l-Artikolu 14) mill-awtorità reġjonali (ISIC Rev. 3.1 10, 3.1 11, 3.1 12, 3.1 13, 3.1 14, CPC 8675, 883).

Miżuri

BE: Arrêté Royal du 1er septembre 2004 relatif aux conditions, à la délimitation géographique et à la procédure d'octroi des concessions d'exploration et d'exploitation des ressources minérales et autres ressources non vivantes de la mer territoriale et du plateau continental.

IT: Servizzi ta' esplorazzjoni: Id-Digriet Irjali 1447/1927; u d-Digriet Leġiżlattiv 112/1998, l-Artikolu 34.

NL: Mijnbouwwet (l-Att dwar l-Estrazzjoni).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fil-BG: L-attivitajiet ta' prospettar jew esplorazzjoni ta' riżorsi naturali taħt l-art fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija, fil-blata kontinentali u fiż-żona ekonomika esklużiva fil-Baħar l-Iswed huma soġġetti għal permess, filwaqt li l-attivitajiet ta' estrazzjoni u sfruttament huma soġġetti għal konċessjoni mogħtija skont l-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.

Huwa pprojbit li kumpaniji rreġistrati f'ġuriżdizzjonijiet bi trattament tat-taxxa preferenzjali (jiġifieri, żoni offshore) jew relatati, direttament jew indirettament, ma' tali kumpaniji jipparteċipaw fi proċeduri miftuħa għall-għoti ta' permessi jew konċessjonijiet għal prospettar, esplorazzjoni jew estrazzjoni ta' riżorsi naturali, inklużi l-uranju u t-torju mhux maħdum, kif ukoll li joperaw permess jew konċessjoni eżistenti li tkun ingħatat, billi tali operazzjonijiet huma preklużi, inkluża l-possibbiltà li tiġi rreġistrata l-iskoperta ġeoloġika jew kummerċjali ta' depożitu bħala riżultat tal-esplorazzjoni.

L-estrazzjoni tal-uranju mhux maħdum hija magħluqa bid-Digriet tal-Kunsill tal-Ministri Nru 163 tal-20.08.1992.

Fir-rigward tal-esplorazzjoni u l-estrazzjoni tat-torju mhux maħdum, japplika r-reġim ġenerali tal-permessi u l-konċessjonijiet. Id-deċiżjonijiet li jippermettu l-esplorazzjoni jew l-estrazzjoni tat-torju mhux maħdum jittieħdu fuq bażi individwali mhux diskriminatorja każ b'każ.

Skont id-Deċiżjoni tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija tat-18 ta' Jannar 2012 (ch.14 ta' Ġunju 2012), huwa pprojbit kwalunkwe użu ta' teknoloġija ta' fratturazzjoni idrawlika (jiġifieri, fratturazzjoni idrawlika) għal attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni jew estrazzjoni taż-żejt u tal-gass.

Hija pprojbita l-esplorazzjoni u l-estrazzjoni ta' gass tax-shale (ISIC Rev. 3.1 10, 3.1 11, 3.112, 3.1 13, 3.1 14).

Miżuri:

BG: L-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art;

l-Att dwar il-Konċessjonijiet;

il-Liġi dwar il-Privatizzazzjoni u l-Kontroll Wara l-Privatizzazzjoni;

l-Att dwar l-Użu Sikur tal-Enerġija Nukleari;

id-Deċiżjoni tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija tat-18 ta' Jannar 2012;

l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji mal-Kumpaniji Reġistrati f'Ġuriżdizzjonijiet ta' Trattament Preferenzjali tat-Taxxa, il-Partijiet Relatati mat-Tali Kumpaniji u l-Proprjetarji Benefiċjarji Tagħhom; u

l-Att dwar ir-Riżorsi tas-Sottosuperfiċje.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

F'CY: Il-Kunsill tal-Ministri jista' jirrifjuta li jippermetti li l-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u sfruttament tal-idrokarburi jitwettqu minn kwalunkwe entità li hija effettivament ikkontrollata minn New Zealand jew minn nazzjonali ta' New Zealand. Wara l-għoti ta' awtorizzazzjoni, l-ebda entità ma tista' taqa' taħt il-kontroll dirett jew indirett ta' New Zealand jew ta' nazzjonal ta' New Zealand mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill tal-Ministri. Il-Kunsill tal-Ministri jista' jirrifjuta li jagħti awtorizzazzjoni lil entità li tkun effettivament ikkontrollata minn New Zealand jew minn nazzjonal ta' New Zealand jekk New Zealand ma tagħtix lill-entitajiet tar-Repubblika ta' Ċipru jew lill-entitajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-aċċess għal u l-eżerċizzju tal-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u sfruttament tal-idrokarburi, trattament komparabbli għal dak li r-Repubblika ta' Ċipru jew l-Istat Membru jagħti lill-entitajiet ta' New Zealand (ISIC Rev 3.1 1110).

Miżuri:

CY: Il-Liġi tal-2007 dwar l-Idrokarburi (Prospettar, Esplorazzjoni u Sfruttament), (il-Liġi 4(I)/2007) kif emendata.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fis-SK: Għall-estrazzjoni minerarja, l-attivitajiet relatati mal-estrazzjoni minerarja u l-attività ġeoloġika, hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fiż-ŻEE (l-ebda fergħa). L-attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja u prospettar koperti bl-Att tar-Repubblika Slovakka 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi naturali huma regolati fuq bażi mhux diskriminatorja, inkluż permezz ta' miżuri ta' ordni pubbliku li għandhom l-għan li jiżguraw il-konservazzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali u l-ambjent bħall-awtorizzazzjoni jew il-projbizzjoni ta' ċerti teknoloġiji ta' estrazzjoni minerarja. Għal aktar ċertezza, dawn il-miżuri jinkludu l-projbizzjoni tal-użu tal-lixxivjazzjoni taċ-ċjanur fit-trattament jew l-irfinar tal-minerali, ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni speċifika fil-każ ta' fratturazzjoni għall-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni jew estrazzjoni taż-żejt u tal-gass, kif ukoll l-approvazzjoni minn qabel permezz ta' referendum lokali fil-każ ta' riżorsi minerali nukleari jew radjuattivi. Dan ma jżidx l-aspetti mhux konformi tal-miżura eżistenti li għaliha hija meħuda r-riżerva. (ISIC 10, 11, 12, 13, 14, CPC 5115, 7131, 8675 u 883).

Miżuri

SK: L-Att 51/1988 dwar l-Estrazzjoni Minerarja, l-Isplussivi u l-Amministrazzjoni Statali tal-Estrazzjoni Minerarja; u l-Att 569/2007 dwar l-Attività Ġeoloġika, l-Att 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi naturali.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fil-FI: L-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' riżorsi minerali huma soġġetti għar-rekwiżit ta' liċenzja, li tingħata mill-Gvern fir-rigward tal-estrazzjoni ta' materjal nukleari. Huwa meħtieġ permess ta' fidi mill-Gvern għal żona ta' estrazzjoni minerarja. Il-permess jista' jingħata lil persuna fiżika residenti fiż-ŻEE jew lil persuna ġuridika stabbilita fiż-ŻEE. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi (ISIC Rev. 3.1 120, CPC 5115, 883, 8675).

Fl-IE: Il-kumpaniji ta' esplorazzjoni u ta' estrazzjoni minerarja li joperaw fl-Irlanda huma meħtieġa li jkollhom preżenza hemmhekk. Fil-każ tal-esplorazzjoni ta' minerali, hemm rekwiżit li l-kumpaniji (Irlandiżi u barranin) jużaw is-servizzi ta' aġent jew ta' maniġer tal-esplorazzjoni li jkun residenti fl-Irlanda waqt li jkun qiegħed jitwettaq ix-xogħol. Fil-każ tal-estrazzjoni minerarja, huwa rekwiżit li Lokazzjoni jew Liċenzja ta' Estrazzjoni Minerarja tal-Istat tkun miżmuma minn kumpanija inkorporata fl-Irlanda. Ma hemmx restrizzjonijiet fir-rigward tas-sjieda ta' tali kumpanija (ISIC Rev. 3.1 10, 3.1 13, 3.1 14, CPC 883).

Fil-LT: Ir-riżorsi minerali kollha tas-sottosuperfiċje (enerġija, metalli, minerali industrijali u tal-kostruzzjoni) fil-Litwanja huma proprjetà esklużiva tal-Istat. Il-liċenzji tal-esplorazzjoni ġeoloġika jew tal-isfruttament ta' riżorsi minerali jistgħu jingħataw lil persuna fiżika residenti fl-Unjoni u fiż-ŻEE jew lil persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni u fiż-ŻEE.

Miżuri

FI: Kaivoslaki (l-Att dwar l-Estrazzjoni) (621/2011); u

Ydinenergialaki (l-Att dwar l-Enerġija Nukleari) (990/1987).

IE: L-Atti dwar l-Iżvilupp tal-Minerali 1940 – 2017; u l-Atti dwar l-Ippjanar u r-Regolamenti Ambjentali.

LT: Il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja, 1992. L-aħħar emenda tal-21 ta' Marzu 2019 Nru XIII-2004; u

Il-Liġi dwar Taħt l-Art Nru I-1034, 1995, redazzjoni ġdida mill-10 ta' April 2001 Nru IX-243, l-aħħar emenda tal-14 ta' April 2016 Nru XII-2308.

Fir-rigward biss tal-Investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fis-SI: L-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' riżorsi minerali, inklużi s-servizzi ta' estrazzjoni minerarja regolata, huma soġġetti għall-istabbiliment fi jew iċ-ċittadinanza taż-ŻEE, il-Konfederazzjoni Żvizzera jew Pajjiż membru tal-OECD, jew ta' pajjiż terz bil-kundizzjoni ta' reċiproċità materjali. Il-konformità mal-kundizzjoni tar-reċiproċità tiġi vverifikata mill-Ministeru responsabbli għall-estrazzjoni minerarja (ISIC Rev. 3.1 10, ISIC Rev. 3.1 11, ISIC Rev. 3.1 12, ISIC Rev. 3.1 13, ISIC Rev. 3.1 14, CPC 883, CPC 8675).

Miżuri:

SI: L-Att tal-2014 dwar l-Estrazzjoni Minerarja.

(b) Il-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' elettriku, gass, fwar u misħun għall-kont proprju; it-trasport ta' fjuwils permezz ta' pipelines; il-ħżin u l-magażinaġġ ta' fjuwils ittrasportati permezz ta' pipelines; servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija (ISIC Rev. 3.1 40, 3.1 401, CPC 63297, 713, parti minn 742, 74220, 887)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq:

Fid-DK: Sid jew utent li jkun beħsiebu jistabbilixxi infrastruttura tal-gass jew pipeline għat-trasport ta' żejt mhux maħdum jew raffinat u prodotti taż-żejt, jew tal-gass naturali, irid jikseb permess mill-awtorità lokali qabel ma jibda x-xogħol. L-għadd ta' tali permessi li jinħarġu jista' jkun limitat (CPC 7131).

F'MT: EneMalta plc għandha monopolju għall-provvista tal-elettriku (ISIC Rev. 3.1 401; CPC 887).

Fin-NL: Is-sjieda tan-network tal-elettriku u tan-network tal-pipelines tal-gass hija mogħtija esklużivament lill-gvern Netherlandiż (sistemi ta' trażmissjoni) u lil awtoritajiet pubbliċi oħra (sistemi ta' distribuzzjoni) (ISIC Rev. 3.1 040, CPC 71310).

Miżuri:

DK: Lov om naturgasforsyning, LBK 1127 05/09/2018, lov om varmeforsyning, LBK 64 21/01/2019, lov om Energinet, LBK 997 27/06/2018. Bekendtgørelse nr. 1257 af 27. november 2019 om indretning, etablering og drift af olietanke, rørsystemer og pipelines (l-Ordni Nru 1257 tas-27 ta' Novembru 2019, dwar l-arranġament, l-istabbiliment u t-tħaddim ta' tankijiet taż-żejt, sistemi ta' pajpijiet u pipelines).

MT: L-Att dwar l-EneMalta Kap. 272 u l-Att dwar l-EneMalta (Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi) Kap. 536.

NL: Elektriciteitswet 1998; Gaswet.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-AT: Fir-rigward tat-trasport tal-gass, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil nazzjonali ta' Stat Membru taż-ŻEE domiċiljati fiż-ŻEE. L-intrapriżi u s-soċjetajiet irid ikollhom is-sede tagħhom fiż-ŻEE. L-operatur tan-network irid jaħtar Direttur Maniġerjali u Direttur Tekniku li jkun responsabbli għall-kontroll tekniku tat-tħaddim tan-network, li t-tnejn li huma jridu jkunu nazzjonali ta' Stat Membru taż-ŻEE. Fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa minn parti responsabbli mill-bilanċ (parteċipant fis-suq jew ir-rappreżentant magħżul tagħha responsabbli għall-iżbilanċ tagħha), l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil ċittadini Awstrijaċi jew lil ċittadini ta' Stat Membru ieħor jew taż-ŻEE.

L-awtorità kompetenti tista' tneħħi r-rekwiżiti tan-nazzjonalità u tad-domiċilju jekk it-tħaddim tan-network tat-trasport tal-gass jitqies li jkun fl-interess pubbliku.

Għat-trasport ta' merkanzija għajr il-gass u l-ilma, japplika dan li ġej:

(i) fir-rigward ta' persuni fiżiċi, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil nazzjonali ta' Stat Membru taż-ŻEE li jrid ikollhom sede fl-Awstrija; u

(ii) l-intrapriżi u s-soċjetajiet irid ikollhom is-sede tagħhom fl-Awstrija. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jew test tal-interessi. Il-pipelines transfruntiera ma jridux jippreġudikaw l-interessi tas-sigurtà tal-Awstrija u l-istatus tagħha bħala pajjiż newtrali. L-intrapriżi u s-soċjetajiet huma meħtieġa jaħtru direttur maniġerjali li jrid ikun nazzjonal ta' Stat Membru taż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tneħħi r-rekwiżiti tan-nazzjonalità u tas-sede jekk it-tħaddim tal-pipeline jitqies li jkun fl-interess ekonomiku nazzjonali (CPC 713).

Miżuri:

AT: Rohrleitungsgesetz (il-Liġi dwar it-Trasport bil-Pipeline), BGBl. Nru 411/1975 kif emendata, §§ 5, 15; u

Gaswirtschaftsgesetz 2011 (l-Att dwar il-Gass), BGBl. I Nru 107/2011 kif emendat, §§ 43, 44, 90, 93.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali (tapplika biss għall-gvern f'livell reġjonali):

Fl-AT: Fir-rigward tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, l-awtorizzazzjoni tingħata biss lil nazzjonali ta' Stat Membru taż-ŻEE domiċiljati fiż-ŻEE. Jekk l-operatur jaħtar direttur maniġerjali jew detentur tal-kirja, ir-rekwiżit tad-domiċilju jitneħħa.

Il-persuni ġuridiċi (intrapriżi) u s-soċjetajiet irid ikollhom is-sede tagħhom fiż-ŻEE. Huma jridu jaħtru direttur maniġerjali jew detentur tal-kirja, li t-tnejn li huma jridu jkunu nazzjonali ta' Stat Membru taż-ŻEE domiċiljati fiż-ŻEE.

L-awtorità kompetenti tista' tneħħi r-rekwiżiti tad-domiċilju u tan-nazzjonalità fejn it-tħaddim tan-network jitqies li jkun fl-interess pubbliku (ISIC Rev. 3.1 40, CPC 887).

Miżuri:

AT: Burgenländisches Elektrizitätswesengesetz 2006, LGBl. Nru 59/2006 kif emendat;

Niederösterreichisches Elektrizitätswesengesetz, LGBl. Nru 7800/2005 kif emendat;

Oberösterreichisches Elektrizitätswirtschafts- und -Organisationsgesetz 2006, LGBl. Nru 1/2006 kif emendat;

Salzburger Landeselektrizitätsgesetz 1999 (LEG), LGBl. Nru 75/1999 kif emendat;

Tiroler Elektrizitätsgesetz 2012 – TEG 2012, LGBl. Nru 134/2011 kif emendat;

Vorarlberger Elektrizitätswirtschaftsgesetz, LGBl. Nru 59/2003 kif emendat;

Wiener Elektrizitätswirtschaftsgesetz 2005 – WElWG 2005, LGBl. Nru 46/2005 kif emendat;

Steiermärkisches Elektrizitätswirtschafts- und Organisationsgesetz (ELWOG), LGBl. Nru 70/2005 kif emendat; u

Kärntner Elektrizitätswirtschafts- und Organisationsgesetz (ELWOG), LGBl. Nru 24/2006 kif emendat.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fiċ-CZ: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-kummerċ, u attivitajiet oħra ta' operatur tas-suq tal-elettriku, kif ukoll għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin u l-kummerċ tal-gass, il-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tas-sħana. Awtorizzazzjoni bħal din tista' tingħata biss lil persuna fiżika b'permess ta' residenza jew lil persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni Ewropea. Jeżistu drittijiet esklużivi fir-rigward tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass u l-liċenzji ta' operatur tas-suq (ISIC Rev. 3.1 40, CPC 7131, 63297, 742, 887).

Fil-LT: Il-liċenzji għat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista pubblika u l-organizzazzjoni tal-kummerċ tal-elettriku jistgħu jinħarġu biss lil persuni ġuridiċi stabbiliti fir-Repubblika tal-Litwanja jew lil fergħat ta' persuni ġuridiċi barranin jew organizzazzjonijiet oħra ta' Stat Membru ieħor stabbiliti fir-Repubblika tal-Litwanja. Il-permessi għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni tal-elettriku u l-bini ta' linja diretta jistgħu jinħarġu lil individwi b'residenza fir-Repubblika tal-Litwanja jew lil persuni ġuridiċi stabbiliti fir-Repubblika tal-Litwanja, jew lil fergħat ta' persuni ġuridiċi jew organizzazzjonijiet oħra ta' Stati Membri oħra stabbiliti fir-Repubblika tal-Litwanja. Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' konsulenza relatati mat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt (ISIC Rev. 3.1 401, CPC 887).

Fil-każ tal-fjuwils, huwa meħtieġ l-istabbiliment. Il-liċenzji għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni, il-ħżin tal-fjuwils u l-likwefazzjoni tal-gass naturali jistgħu jinħarġu biss lil persuni ġuridiċi stabbiliti fir-Repubblika tal-Litwanja jew lil fergħat ta' persuni ġuridiċi jew organizzazzjonijiet oħra (sussidjarji) ta' Stat Membru ieħor stabbiliti fir-Repubblika tal-Litwanja.

Din ir-riżerva ma tapplikax għal servizzi ta' konsulenza relatati mat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' fjuwils fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt (CPC 713, CPC 887).

Fil-PL: l-attivitajiet li ġejjin huma soġġetti għal liċenzjar skont l-Att tal-Liġi dwar l-Enerġija:

(i) il-ġenerazzjoni ta' fjuwils jew enerġija, minbarra: il-ġenerazzjoni ta' fjuwils solidi jew gassużi; il-ġenerazzjoni tal-elettriku bl-użu ta' sorsi tal-elettriku ta' kapaċità totali ta' mhux aktar minn 50 MW għajr sorsi ta' enerġija rinnovabbli; il-koġenerazzjoni tal-elettriku u s-sħana bl-użu ta' sorsi ta' kapaċità totali ta' mhux aktar minn 5 MW għajr sorsi ta' enerġija rinnovabbli; u l-ġenerazzjoni tas-sħana bl-użu ta' sorsi ta' kapaċità totali ta' mhux aktar minn 5 MW;

(ii) il-ħżin ta' fjuwils gassużi f'installazzjonijiet tal-ħżin, il-likwefazzjoni tal-gass naturali u r-rigassifikazzjoni tal-gass naturali likwifikat (LNG) f'installazzjonijiet tal-LNG, kif ukoll il-ħżin ta' fjuwils likwidi, minbarra: il-ħżin lokali ta' gass likwidu f'installazzjonijiet ta' kapaċità ta' anqas minn 1 MJ/s u l-ħżin ta' fjuwils likwidi fil-kummerċ bl-imnut;

(iii) it-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni ta' fjuwils jew enerġija, minbarra: id-distribuzzjoni ta' fjuwils gassużi fi grilji ta' kapaċità ta' anqas minn 1 MJ/s u t-trażmissjoni jew id-distribuzzjoni tas-sħana jekk il-kapaċità totali ordnata mill-klijenti ma taqbiżx il-5 MW; u

(iv) il-kummerċ fi fjuwils jew enerġija, minbarra: il-kummerċ fi fjuwils solidi; il-kummerċ fl-elettriku bl-użu ta' installazzjonijiet ta' vultaġġ ta' anqas minn 1 kV li jappartjenu lill-klijent; il-kummerċ fi fjuwils gassużi jekk il-valur tal-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta' EUR 100 000; il-kummerċ f'gass likwidu, jekk il-valur tal-fatturat annwali ma jaqbiżx EUR 10 000; u l-kummerċ fi fjuwils gassużi u l-elettriku mwettaq fis-swieq tal-materja prima minn ditti tas-senserija li jwettqu l-attività ta' senserija fis-swieq tal-materja prima fuq il-bażi tal-Att tas-26 ta' Ottubru 2000 dwar is-swieq tal-materja prima, kif ukoll il-kummerċ fis-sħana jekk il-kapaċità ordnata mill-klijenti ma taqbiżx il-5 MW. Il-limiti fuq il-fatturat ma japplikawx għas-servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa fil-fjuwils gassużi jew fil-gass likwidu jew għas-servizzi bl-imnut tal-gass ibbottiljat.

Liċenzja tista' tingħata biss mill-awtorità kompetenti lil applikant li jkun irreġistra l-post prinċipali tan-negozju jew ir-residenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru taż-ŻEE jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera (ISIC Rev. 3.1 040, CPC 63297, 74220, CPC 887).

Miżuri:

CZ: L-Att Nru 458/2000 Coll dwar il-kondizzjonijiet tan-Negozju u l-amministrazzjoni pubblika fis-setturi tal-enerġija (L-Att dwar l-Enerġija).

LT: Il-Liġi dwar il-Gass Naturali tar-Repubblika tal-Litwanja tal-10 ta' Ottubru 2000 Nru VIII-1973, redazzjoni ġdida mill-1 ta' Awwissu 2011 Nru XI-1564, l-aħħar emenda fil-25 ta' Ġunju 2020 Nru. XIII-3140;

il-Liġi dwar l-Elettriku tar-Repubblika tal-Litwanja tal-20 ta' Lulju 2000 Nru VIII-1881, redazzjoni ġdida mis-7 ta' Frar 2012, l-aħħar emenda fl-20 ta' Ottubru 2020 Nru XIII-3336;

il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja dwar il-Miżuri meħtieġa għall-protezzjoni kontra t-Theddid impost minn Impjanti tal-Elettriku Nukleari mhux sikuri f'Pajjiżi Terzi tal-20 ta' April 2017 Nru XIII-306, l-aħħar emenda fid-19 ta' Diċembru 2019 Nru XIII-2705; u

il-Liġi dwar is-Sorsi ta' enerġija rinnovabbli tar-Repubblika tal-Litwanja tat-12 ta' Mejju 2011 Nru XI-1375.

PL: L-Att tal-Liġi dwar l-Enerġija tal-10 ta' April 1997, l-Artikoli 32 u 33.

Fir-rigward tal-Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Preżenza lokali:

Fis-SI: Il-produzzjoni, il-kummerċ, il-forniment lill-klijenti finali, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass naturali huma soġġetti għall-istabbiliment fl-Unjoni (ISIC Rev. 3.1 4010, 4020, CPC 7131, CPC 887).

Miżuri:

SI: Energetski zakon (l-Att dwar l-Enerġija) 2014, Il-Gazzetta Uffiċjali RS, Nru 17/2014; u

l-Att tal-2014 dwar l-Estrazzjoni minerarja.

Riżerva Nru 18 – L-agrikoltura, is-sajd u l-manifattura

| | |
|---|---|
| Settur – sottosettur: | Agrikoltura, kaċċa, forestrija; trobbija tal-annimali u tar-renni, sajd u akkwakultura; pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata |
| Klassifikazzjoni tal-industrija: | ISIC Rev. 3.1 011, 012, 013, 014, 015, 1531, 050, 0501, 0502, 221, 222, 323, 324, CPC 881, 882, 88442 |
| Obbligi kkonċernati: | Aċċess għas-suq<br>Trattament nazzjonali<br>Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit<br>Rekwiżiti ta' prestazzjoni<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi<br>Preżenza lokali |
| Kapitolu: | Kummerċ fis-servizzi u l-investiment |
| Livell ta' gvern: | UE / Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

a) Agrikoltura, kaċċa u forestrija (ISIC Rev. 3.1 011, 012, 013, 014, 015, 1531, CPC 881)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Rekwiżiti ta’ prestazzjoni:

L-UE: L-aġenziji ta’ intervent maħtura mill-Istati Membri huma meħtieġa jixtru ċereali li jkunu ġew maħsuda fl-Unjoni. Mhi se tingħata l-ebda rifużjoni tal-esportazzjoni fuq ross importat minn u esportat mill-ġdid lejn kwalunkwe pajjiż terz. Produtturi tar-ross tal-Unjoni biss jistgħu jitolbu pagamentii kumpensatorji.

Miżuri:

UE: Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] (Regolament dwar l-OKS Unika).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali:

Fl-IE: L-istabbiliment minn residenti barranin f’attivitajiet ta’ tħin tad-dqiq huwa soġġett għal awtorizzazzjoni (ISIC Rev. 3.1 1531).

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU UE L 347, 20.12.2013, p. 671).

Miżuri:

IE: L-Att dwar il-Prodotti Agrikoli (Ċereali), 1933.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-FI: Nazzjonali ta' Stat Membru taż-ŻEE li jkunu residenti fiż-żona ta' merħliet tar-renni biss jista' jkollhom ir-renni u jipprattikaw it-trobbija tar-renni. Jistgħu jingħataw drittijiet esklużivi.

Fi FR: Hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni minn qabel sabiex wieħed isir membru jew jaġixxi bħala direttur ta' kooperattiva agrikola (ISIC Rev. 3.1 011, 012, 013, 014, 015).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fl-SE: Nies Sami biss jista' jkollhom u jipprattikaw it-trobbija tar-renni.

Miżuri:

FI: Poronhoitolaki (l-Att dwar it-Trobbija tar-Renni) (848/1990), il-Kapitolu 1, s. 4, il-Protokoll 3 għat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Finlandja.

FR: Code rural et de la pêche maritime.

SE: L-Att dwar it-Trobbija tar-Renni (1971:437), it-Taqsima 1.

b) Sajd u akkwakultura (ISIC Rev. 3.1 050, 0501, 0502, CPC 882)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali:

Fil-BG: Huma biss il-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Bulgarija li jistgħu jieħdu riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew tax-xmajjar fl-ilmijiet tal-baħar interni u fil-baħar territorjali tal-Bulgarija. Bastiment barrani (bastiment ta' pajjiż terz) ma jistax ikun involut f'sajd kummerċjali fiż-żona ekonomika esklużiva tal-Bulgarija ħlief abbażi ta' ftehim bejn il-Bulgarija u l-Istat tal-bandiera. Waqt li jkunu għaddejjin miż-żona ekonomika esklużiva, il-bastimenti tas-sajd barranin ma jistgħux iżommu l-irkaptu tas-sajd tagħhom f'modalità operattiva.

Fi FR: Bastiment Franċiż li jtajjar il-bandiera Franċiża tista' tinħariġlu awtorizzazzjoni tas-sajd jew jista' jitħalla jistad abbażi ta' kwoti nazzjonali biss meta tiġi stabbilita rabta ekonomika reali mat-territorju ta' Franza u l-bastiment ikun dirett u kkontrollat minn stabbiliment permanenti li jinsab fit-territorju ta' Franza (ISIC Rev. 3.1 050, CPC 882).

Miżuri:

BG: L-Artikolu 49, il-Liġi dwar l-ispazji marittimi, il-passaġġi fuq l-ilma interni u l-portijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija.

FR: Code rural et de la pêche maritime.

c) Manifattura – Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rreġistrata (ISIC Rev. 3.1 221, 222, 323, 324, CPC 88442)

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Aċċess għas-suq, Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fil-LV: Persuni ġuridiċi inkorporati fil-Latvja, u persuni fiżiċi tal-Latvja biss għandhom id-dritt li jistabbilixxu u jippubblikaw mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa. Mhumiex permessi fergħat (CPC 88442).

Miżuri:

LV: Il-Liġi dwar l-Istampa u Media Oħra tal-Massa, s. 8.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, Preżenza lokali:

Fil-DE (tapplika wkoll għall-gvern f'livell reġjonali): Kull gazzetta, ġurnal jew perjodiku distribwit jew stampat pubblikament irid jindika b'mod ċar "editur responsabbli" (l-isem sħiħ u l-indirizz ta' persuna fiżika). L-editur responsabbli jista' jkun meħtieġ li jkun residenti permanenti fil-Ġermanja, fl-Unjoni jew fi Stat Membru taż-ŻEE. Jistgħu jkunu permessi eċċezzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-gvern f'livell reġjonali (ISIC Rev. 3.1 22).

Miżuri:

DE:

Livell reġjonali:

Gesetz über die Presse Baden-Württemberg (LPG BW);

Bayerisches Pressegesetz (BayPrG);

Berliner Pressegesetz (BlnPrG);

Brandenburgisches Landespressegesetz (BbgPG);

Gesetz über die Presse Bremen (BrPrG);

Hamburgisches Pressegesetz;

Hessisches Pressegesetz (HPresseG);

Landespressegesetz für das Land Mecklenburg-Vorpommern (LPrG M-V);

Niedersächsisches Pressegesetz (NPresseG);

Pressegesetz für das Land Nordrhein-Westfalen (Landespressegesetz NRW);

Landesmediengesetz (LMG) Rheinland-Pfalz;

Saarländisches Mediengesetz (SMG);

Sächsisches Gesetz über die Presse (SächsPresseG);

Pressegesetz für das Land Sachsen-Anhalt (Landespressegesetz);

Gesetz über die Presse Schleswig-Holstein (PressG SH); u

Thüringer Pressegesetz (TPG).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Aċċess għas-Suq, Trattament Nazzjonali, Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit:

Fl-IT: Sa fejn New Zealand tippermetti investituri Taljani li jkollhom aktar minn 49 % tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot f'kumpanija tal-pubblikazzjoni ta' New Zealand, l-Italja se tippermetti investituri ta' New Zealand li jkollhom aktar minn 49 % tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot f'kumpanija tal-pubblikazzjoni Taljana bl-istess kundizzjonijiet (ISIC Rev. 3.1 221, 222).

Miżuri:

IT: Il-Liġi 416/1981, l-Artikolu 1 (u l-emendi sussegwenti).

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi:

Fil-PL: Hija meħtieġa n-nazzjonalità Pollakka għall-editur ewlieni tal-gazzetti u l-ġurnali (ISIC Rev. 3.1 221, 222).

Miżuri:

PL: L-Att tas-26 ta' Jannar 1984 dwar il-Liġi tal-Istampa, il-Ġurnal tal-Liġijiet, Nru 5, il-punt 24, bl-emendi sussegwenti.

Fir-rigward tal-Liberalizzazzjoni tal-investiment – Trattament nazzjonali u Kummerċ transfruntier fis-servizzi – Trattament nazzjonali, Preżenza lokali:

Fl-SE: Il-persuni fiżiċi li huma sidien ta' perjodiċi li jiġu stampati u ppubblikati fl-Iżvezja jridu jkunu residenti fl-Iżvezja jew ikunu nazzjonali ta' Stat Membru taż-ŻEE. Sidien ta' tali perjodiċi li jkunu persuni ġuridiċi jridu jkunu stabbiliti fiż-ŻEE. Il-perjodiċi li jiġu stampati u ppubblikati fl-Iżvezja u r-reġistrazzjonijiet tekniċi jrid ikollhom editur responsabbli, li jrid ikun domiċiljat fl-Iżvezja (ISIC Rev. 3.1 22, CPC 88442).

Miżuri:

SE: L-Att dwar il-libertà tal-istampa (1949:105);

il-Liġi Fundamentali dwar il-Libertà tal-Espressjoni (1991:1469); u

l-Att dwar l-ordinanzi għall-Att dwar il-Libertà tal-Istampa u l-Liġi Fundamentali dwar il-Libertà tal-Espressjoni (1991:1559).

Skeda ta' New Zealand

Noti ta' spjega

Għal aktar ċertezza, il-miżuri li New Zealand tista' tieħu f'konformità mal-Artikolu 10.64 (Konċessjoni prudenzjali), dment li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu, jinkludu dawk li jirregolaw:

(a) il-liċenzjar, ir-reġistrazzjoni jew l-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni finanzjarja jew Fornitur transfruntier ta' servizzi finanzjarji, u r-rekwiżiti korrispondenti;

(b) il-forma ġuridika, inklużi r-rekwiżiti ta' inkorporazzjoni legali għal istituzzjonijiet finanzjarji sistemikament importanti u l-limitazzjonijiet fuq l-attivitajiet ta' teħid tad-depożiti ta' fergħat ta' bank barranin, u r-rekwiżiti korrispondenti; u r-rekwiżiti relatati mad-diretturi u l-maniġment superjuri ta' istituzzjoni finanzjarja jew ta' fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntiera;

(c) il-kapital, l-iskoperturi tal-partijiet relatati, il-likwidità, id-divulgazzjoni u rekwiżiti oħra ta' ġestjoni tar-riskju;

(d) is-sistemi ta' pagament, approvazzjoni u saldu (inklużi s-sistemi tat-titoli);

(e) il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu; u

(f) id-diffikultà jew il-falliment ta' istituzzjoni finanzjarja jew ta' fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntiera.

| Settur | Is-setturi kollha |
|---|---|
| Obbligi kkonċernati | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.6)<br>Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.5) |
| Miżura | L-Att tal-1993 dwar il-Kumpaniji<br>L-Att tal-2013 dwar ir-Rappurtar Finanzjarju |
| Deskrizzjoni | Investiment<br>1. B'mod konsistenti mar-reġim tar-rapportar finanzjarju ta' New Zealand stabbilit skont l-Att tal-1993 dwar il-Kumpaniji u l-Att tal-2013 dwar ir-Rapportar Finanzjarju, it-tipi ta' entitajiet li ġejjin huma meħtieġa jħejju rapporti finanzjarji li jikkonformaw mal-prattika kontabilistika ġeneralment aċċettata, u li dawk ir-rapporti jiġu awditjati u rreġistrati mar-Reġistratur tal-Kumpaniji (sakemm ma japplikawx eċċezzjonijiet għal xi wieħed minn dawk ir-rekwiżiti):<br>a) kwalunkwe persuna ġuridika li tkun inkorporata barra New Zealand ("kumpanija barranija") li twettaq negozju fi New Zealand skont it-tifsira tal-Att tal-1993 dwar il-Kumpaniji u li tkun "kbira"[1]; |

[1] Kumpanija barranija jew sussidjarja ta' kumpanija barranija tkun "kbira" fir-rigward ta' perjodu kontabilistiku jekk tapplika mill-anqas waħda minn dawn li ġejjin:
(i) fid-data tal-bilanċ ta' kull wieħed miż-żewġ perjodi kontabilistiċi preċedenti, l-assi totali tal-entità u tas-sussidjarji tagħha (jekk ikun hemm) jaqbżu NZD 20 miljun; jew
(ii) f'kull wieħed miż-żewġ perjodi kontabilistiċi preċedenti, id-dħul totali tal-entità u tas-sussidjarji tagħha (jekk ikun hemm) jaqbeż NZD 10 miljun.
Huwa meħtieġ rapport tal-awditjar sakemm in-negozju fi New Zealand ta' dik il-kumpanija barranija ma jkunx "kbir" u l-liġi fil-ġuriżdizzjoni fejn tkun inkorporata l-kumpanija ma tirrikjedix awditu.

b) kwalunkwe kumpanija "kbira" ta' New Zealand li fiha ishma li b'mod aggregat iġorru d-dritt ta' eżerċizzju jew ta' kontroll tal-eżerċizzju ta' 25 % jew aktar tad-dritt tal-vot f'laqgħa tal-kumpanija jkunu miżmuma minn[1]:

(i) sussidjarja ta' persuna ġuridika inkorporata barra minn New Zealand;

(ii) persuna ġuridika inkorporata barra minn New Zealand; jew

(iii) persuna li normalment ma tkunx residenti fi New Zealand;

c) kwalunkwe kumpanija "kbira" inkorporata fi New Zealand li tkun sussidjarja ta' kumpanija barranija.

2. Jekk kumpanija tkun meħtieġa tħejji rapporti finanzjarji u jekk ikollha sussidjarja waħda jew aktar, hija trid, minflok tħejji rapporti finanzjarji fir-rigward tagħha nnifisha, tħejji rapporti finanzjarji tal-grupp li jikkonformaw mal-prattika kontabilistika ġeneralment aċċettata fir-rigward ta' dak il-grupp. Dan l-obbligu ma japplikax jekk:

a) il-kumpanija (A) tkun hija nnifisha sussidjarja ta' persuna ġuridika (B), fejn il-persuna ġuridika (B) tkun:

(i) inkorporata fi New Zealand; jew

(ii) irreġistrata jew meqjusa bħala rreġistrata skont il-Parti 18 tal-Att tal-1993 dwar il-Kumpaniji; u

b) isiru rapporti finanzjarji tal-grupp fir-rigward ta' grupp li jinkludi B, A, u s-sussidjarji l-oħra kollha ta' B li jikkonformaw mal-prattika kontabilistika ġeneralment aċċettata; u

---

[1] Kumpanija ta' New Zealand tkun "kbira" fir-rigward ta' perjodu kontabilistiku jekk japplika mill-anqas wieħed mill-paragrafi li ġejjin:
(i) fid-data tal-bilanċ ta' kull wieħed miż-żewġ perjodi kontabilistiċi preċedenti, l-assi totali tal-entità u tas-sussidjarji tagħha (jekk ikun hemm) jaqbżu NZD 60 miljun; jew
(ii) f'kull wieħed miż-żewġ perjodi kontabilistiċi preċedenti, id-dħul totali tal-entità u tas-sussidjarji tagħha (jekk ikun hemm) jaqbeż NZD 30 miljun.

| | |
|---|---|
| | c) kopja tar-rapporti finanzjarji tal-grupp imsemmija fil-paragrafu (b) u kopja tar-rapport tal-awditur dwar dawk ir-rapporti jiġu kkonsenjati għar-reġistrazzjoni skont l-Att tal-1993 dwar il-Kumpaniji jew għall-preżentazzjoni skont Att ieħor.<br>2. Jekk kumpanija barranija tkun meħtieġa tħejji:<br>a) rapporti finanzjarji skont l-Att tal-1993 dwar il-Kumpaniji, hija trid ukoll, jekk in-negozju tagħha fi New Zealand jissodisfa l-limiti tal-assi u d-dħul li japplikaw fir-rigward ta' kumpaniji barranin "kbar", tħejji, minbarra r-rapporti finanzjarji tal-kumpanija barranija kbira nnifisha, rapporti finanzjarji għan-negozju tagħha fi New Zealand imħejjija daqslikieku dak in-negozju twettaq minn kumpanija ffurmata u rreġistrata fi New Zealand; u<br>b) rapporti finanzjarji tal-grupp skont l-Att tal-1993 dwar il-Kumpaniji, u jekk in-negozju tal-grupp fi New Zealand jissodisfa l-limiti tal-assi u d-dħul li japplikaw fir-rigward ta' kumpaniji barranin "kbar", ir-rapporti finanzjarji tal-grupp li jiġu mħejjija jridu jinkludu, minbarra r-rapporti finanzjarji tal-grupp, rapporti finanzjarji għan-negozju tal-grupp fi New Zealand imħejjija daqslikieku l-membri tal-grupp kienu kumpaniji ffurmati u rreġistrati fi New Zealand. |

<table>
<tr><td>Settur</td><td>L-agrikoltura, inklużi s-servizzi inċidentali għall-agrikoltura</td></tr>
<tr><td>Obbligi kkonċernati</td><td>Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5)<br>Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6)<br>Rekwiżiti ta’ prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8)</td></tr>
<tr><td>Miżura</td><td>L-Att tal-2001 dwar ir-Ristrutturar tal-Industrija tal-Ħalib</td></tr>
<tr><td>Deskrizzjoni</td><td>Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment<br>L-Att tal-2001 dwar ir-Ristrutturar tal-Industrija tal-Ħalib (DIRA) u r-regolamenti jipprevedu l-ġestjoni ta’ bażi tad-data nazzjonali għad-data dwar l-ittestjar tal-merħliet.<br>Id-DIRA:<br>(a) jipprevedi li l-Gvern ta’ New Zealand jiddetermina l-arranġamenti biex il-bażi tad-data tkun ġestita minn entità oħra tal-industrija tal-ħalib. B’dan il-mod, il-Gvern ta’ New Zealand jista’:<br>(i) iqis in-nazzjonalità u r-residenza tal-entità, tal-persuni li jkunu s-sidien jew jikkontrollaw l-entità, u tal-maniġment superjuri u tal-Bord tad-Diretturi tal-entità; u<br>(ii) jirrestrinġi min jista’ jkollu ishma fl-entità, inkluż abbażi tan-nazzjonalità;<br>(b) jirrikjedi t-trasferiment ta’ data minn dawk involuti fl-ittestjar tal-merħla tal-baqar tal-ħalib lill-Korporazzjoni għat-Titjib tal-Bhejjem (LIC) jew lill-entità suċċessur;<br>(c) jistabbilixxi regoli dwar l-aċċess għall-bażi tad-data u jista’ jiċħad dak l-aċċess fuq il-bażi li l-użu maħsub tal-bażi tad-data jista’ jkun “ta’ ħsara għall-industrija tal-ħalib ta’ New Zealand”, liema ċaħda tista’ tqis in-nazzjonalità jew ir-residenza tal-persuna li tkun qed tfittex l-aċċess.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| Settur | Servizzi ta' komunikazzjoni<br><br>Telekomunikazzjonijiet |
| Obbligi kkonċernati | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.6)<br><br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8) |
| Miżura | Il-Kostituzzjoni ta' Chorus Limited |
| Deskrizzjoni | Investiment<br><br>Il-Kostituzzjoni ta' Chorus Limited tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Gvern ta' New Zealand biex il-parteċipazzjoni azzjonarja ta' kwalunkwe entità barranija waħda taqbeż id-49.9 %.<br><br>Mill-anqas nofs id-diretturi tal-bord huma meħtieġa li jkunu ċittadini ta' New Zealand. |

| | |
|---|---|
| Settur | L-agrikoltura, inklużi s-servizzi inċidentali għall-agrikoltura |
| Obbligi kkonċernati | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.5)<br><br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8) |
| Miżura | L-Att tal-1953 dwar il-Kummerċjalizzazzjoni ta' Prodotti Primarji |
| Deskrizzjoni | Investiment<br><br>Skont l-Att tal-1953 dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Prodotti Primarji, il-Gvern ta' New Zealand jista' jimponi regolamenti li jippermettu l-istabbiliment ta' awtoritajiet statutorji tal-kummerċjalizzazzjoni b'setgħat ta' kummerċjalizzazzjoni u akkwist ta' monopolju (jew setgħat anqas) għall-"prodotti primarji", li huma l-prodotti derivati mit-trobbija tan-naħal, it-tkabbir tal-frott, it-tkabbir tal-ħops, it-trobbija taċ-ċriev jew iċ-ċriev tal-kaċċa, jew il-mogħoż, li huma l-lanżit jew il-fibri mkabbra mill-mogħoż.<br><br>Jistgħu jinħarġu regolamenti skont l-Att tal-1953 dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Prodotti Primarji fir-rigward ta' firxa wiesgħa tal-funzjonijiet, is-setgħat u l-attivitajiet tal-awtorità tal-kummerċjalizzazzjoni. B'mod partikolari, ir-regolamenti jistgħu jirrikjedu li l-membri tal-bord jew il-persunal ikunu nazzjonali ta' New Zealand jew residenti hemm. |

| | |
|---|---|
| Settur | Trasport bl-ajru |
| Obbligi kkonċernati | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.6)<br>Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8) |
| Miżura | Il-Kostituzzjoni ta' Air New Zealand Limited |
| Deskrizzjoni | Investiment<br>L-ebda nazzjonal barrani ma jista' jkollu aktar minn 10 % tal-ishma li jagħtu drittijiet tal-vot f'Air New Zealand sakemm ma jkollux il-permess tal-Azzjonist Kiwi[1]. Barra minn hekk:<br>(a) mill-anqas tliet membri tal-Bord tad-Diretturi jridu jkunu normalment residenti fi New Zealand;<br>(b) aktar minn nofs il-Bord tad-Diretturi jridu jkunu ċittadini ta' New Zealand;<br>(c) il-President tal-Bord tad-Diretturi jrid ikun ċittadin ta' New Zealand; u<br>(d) il-post tal-Uffiċċju Prinċipali ta' Air New Zealand, u l-post prinċipali tan-negozju tagħha, għandu jkun fi New Zealand. |

[1] Is-Sehem Kiwi f'Air New Zealand huwa sehem wieħed privileġġat konvertibbli bi drittijiet speċjali ta' NZD 1 maħruġ lill-Kuruna. L-Azzjonist Kiwi huwa l-Maestà Tiegħu r-Re bid-Dritt ta' New Zealand.

| Settur | Is-setturi kollha |
|---|---|
| Obbligi kkonċernati | Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.5)<br>Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.6)<br>Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9)<br>Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8) |
| Miżura | L-Att tal-2005 dwar l-Investiment Barrani<br>L-Att tal-1996 dwar is-Sajd<br>Ir-Regolamenti tal-2005 dwar l-Investiment Barrani |
| Deskrizzjoni | Investiment<br>B'mod konsistenti mar-reġim tal-investiment barrani ta' New Zealand kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att tal-2005 dwar l-Investiment Barrani, l-Att tal-1996 dwar is-Sajd u r-Regolamenti tal-2005 dwar l-Investiment Barrani, l-attivitajiet ta' investiment li ġejjin jeħtieġu l-approvazzjoni minn qabel mill-Gvern ta' New Zealand:<br>(a) l-akkwiżizzjoni jew il-kontroll minn sorsi mhux governattivi ta' 25 % jew aktar ta' kwalunkwe klassi ta' ishma[1] jew tad-dritt tal-vot[2] f'entità ta' New Zealand fejn jew il-korrispettiv għat-trasferiment jew il-valur tal-assi jaqbeż NZD 200 miljun;<br>(b) il-bidu tal-operazzjonijiet kummerċjali jew l-akkwiżizzjoni ta' negozju eżistenti minn sorsi mhux governattivi, inklużi l-assi tan-negozju, fi New Zealand, fejn l-infiq totali li għandu jiġġarrab fl-istabbiliment jew fl-akkwiżizzjoni ta' dak in-negozju jew ta' dawk l-assi jaqbeż NZD 200 miljun;<br>(c) l-akkwiżizzjoni jew il-kontroll minn sorsi governattivi ta' 25 % jew aktar ta' kwalunkwe klassi ta' ishma[3] jew tad-dritt tal-vot[4] f'entità ta' New Zealand fejn jew il-korrispettiv għat-trasferiment jew il-valur tal-assi jaqbeż NZD 200 miljun; |

1 Għal aktar ċertezza, it-terminu "ishma" jinkludi ishma u tipi oħra ta' titoli.
2 Għal aktar ċertezza, it-terminu "dritt tal-vot" jinkludi s-setgħa li tiġi kkontrollata l-kompożizzjoni ta' 25 % jew aktar tal-korp tat-tmexxija tal-entità ta' New Zealand.
3 Għal aktar ċertezza, it-terminu "ishma" jinkludi ishma u tipi oħra ta' titoli.
4 Għal aktar ċertezza, it-terminu "dritt tal-vot" jinkludi s-setgħa li tiġi kkontrollata l-kompożizzjoni ta' 25 % jew aktar tal-korp tat-tmexxija tal-entità ta' New Zealand.

| | |
|---|---|
| | (d) il-bidu tal-operazzjonijiet kummerċjali jew l-akkwiżizzjoni ta' negozju eżistenti minn sorsi governattivi, inklużi l-assi tan-negozju, fi New Zealand, fejn l-infiq totali li għandu jiġġarrab fl-istabbiliment jew fl-akkwiżizzjoni ta' dak in-negozju jew ta' dawk l-assi jaqbeż NZD 200 miljun;<br>(e) l-akkwiżizzjoni jew il-kontroll, irrispettivament mill-valur tad-dollaru, ta' ċerti kategoriji ta' art li huma meqjusa bħala sensittivi jew li jeħtieġu approvazzjoni speċifika skont il-leġiżlazzjoni ta' New Zealand dwar l-investiment barrani; u<br>(f) kwalunkwe tranżazzjoni, irrispettivament mill-valur tad-dollaru, li tirriżulta f'investiment barrani fil-kwota tas-sajd.<br>L-investituri barranin iridu jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fir-reġim tal-investiment barrani u kwalunkwe kundizzjoni speċifikata mir-regolatur u mill-Ministru jew mill-Ministri rilevanti.<br>Din l-entrata għandha tinqara flimkien mal-Anness II – New Zealand – 11. |

| Settur | Is-setturi kollha |
|---|---|
| Obbligi kkonċernati | Rekwiżiti ta' prestazzjoni (l-Artikolu 10.9) |
| Miżura | L-Att tal-2007 dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu<br>L-Att tal-1985 dwar it-Taxxa fuq il-Prodotti u s-Servizzi<br>L-Att tal-1968 dwar id-Dazji fuq il-Proprjetà u r-Rigali<br>L-Att tal-1971 dwar it-Taxxa tal-Boll u taċ-Ċekkijiet<br>L-Att tal-1971 dwar id-Dazji fuq il-Logħob<br>L-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa |
| Deskrizzjoni | Investiment<br>Kwalunkwe miżura eżistenti ta' tassazzjoni mhux konformi. |

| | |
|---|---|
| Settur | Servizzi finanzjarji<br><br>Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni |
| Obbligi kkonċernati | Trattament nazzjonali (l-Artikolu 10.16 u l-Artikolu 10.6)<br><br>Aċċess għas-suq (l-Artikolu 10.14 u l-Artikolu 10.5) |
| Miżura | L-Att tal-1990 dwar l-Imposti fuq il-Komoditajiet<br><br>L-Att tal-1995 dwar l-Emenda tal-Imposti fuq il-Komoditajiet<br><br>L-Att tal-1999 u r-Regolamenti dwar ir-Ristrutturar tal-Industrija tal-Kiwi |
| Deskrizzjoni | Kummerċ transfruntier fis-servizzi u investiment<br><br>Il-forniment ta' assigurazzjoni tal-għelejjel għall-qamħ jista' jkun ristrett f'konformità mal-Att tal-1995 dwar l-Emenda tal-Imposti fuq il-Komoditajiet (CLA). It-Taqsima 4 tas-CLA tipprevedi l-użu ta' fondi derivati minn imposta obbligatorja fuq il-komoditajiet fuq il-kultivaturi tal-qamħ għall-iskop ta' finanzjament ta' skema li tassigura l-għelejjel tal-qamħ kontra l-ħsara jew it-telf.<br><br>Il-forniment ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni relatati mal-esportazzjoni tal-kiwi jista' jiġi ristrett f'konformità mal-Att tal-1999 dwar ir-Ristrutturar tal-Industrija tal-Kiwi u r-regolamenti relatati mal-kummerċjalizzazzjoni tal-esportazzjoni tal-kiwi. |

| | |
|---|---|
| Settur | Servizzi finanzjarji<br><br>Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) |
| Obbligi kkonċernati | Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi (l-Artikolu 10.8) |
| Miżura | L-Att tal-2006 dwar il-KiwiSaver<br><br>L-Att tal-2013 dwar it-Tmexxija tas-Swieq Finanzjarji |
| Deskrizzjoni | Investiment<br><br>Il-maniġer tal-fond ta' skema KiwiSaver irreġistrata u t-trustee korporattiv ta' skema KiwiSaver irreġistrata li tkun skema ristretta jrid it-tnejn ikollhom mill-anqas direttur wieħed li jkun residenti ta' New Zealand għal skopijiet ta' taxxa. |

________________